

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
2006

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

Ġabra ta' ittri pastorali,
ċirkulari, u atti oħra ta'
l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex

Vol. VIII

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

ĠABRA TA' ITTRI PASTORALI,
ĊIRKULARI U ATTI OĦRA TA'
L-E.T. MONS NIKOL Ġ. CAUCHI,
ISQOF T'GĦAWDEX

VOL. VIII

ID-DRITTIJIET KOLLHA HUMA RISERVATI

2005 - Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi Ph.D.,Lic.Sc.Soc.
Għawdex, Malta.

ISBN: 99932 - 0 - 419 - 6

Mitbugħ: Gozo Press

Daħla

Iktar minn tletin sena ilu, jiġifieri fl-1974, kien ġie pubblikat l-ewwel volum ta' "*Il-Kelma tar-Raġħaj*" li kien jikkonsisti f'ġabra ta' ittri pastorali, ċirkulari li kienu ħarġu qabel, kif ukoll ta' xi siltiet mid-diskorsi tiegħi.

Matul il-medda ta' snin li għaddew minn dakinhar sa llum, ħarġu b'kollox seba' volumi u issa jmiss li jidher ukoll it-tmienja u l-aħħar volum.

Matul iż-żmien tal-missjoni pastorali tiegħi, bħala Raġħaj tad-djoċesi għawdxija ħassejt id-dmir li nxandar il-messaġġ ta' l-Evanġelju, mhux biss bil-kelma ħajja, iżda wkoll permezz ta' l-istampa.

Forsi dan hu l-aħjar mod biex l-insara tad-djoċesi tagħna jibqgħu jiftakru fit-tagħlim u t-twissijiet li l-isqof tagħhom kien jagħtihom minn żmien għal żmien u b'hekk jitħajru jgħixu dejjem aħjar il-ħajja nisranija.

Inħoss li b'dak li għamilt, jien ipprovajt nimxi fuq il-parir li l-Appostlu Missierna San Pawl ta lid-dixxipli tiegħu Timotju meta kitiblu: "xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim" (2 Tim 4,2).

Jalla dawk kollha li jiġi f'idejhom xi wieħed mill-volumi tal-*Kelma tar-Raġħaj* jagħmlu ħilithom sabiex

minn dan il-qari, bil-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, jiksbu profitt spiritwali għall-ħajja nisranija tagħhom.

Nikol G. Cauchi
Isqof t'Għawdex
20 ta' Lulju 2005

Id-Digrieti Konċiljari
Unitatis Redintegratio* u *Nostra Aetate
(8-9-2001) 406/2001

Jista' jiġri li fis-sajf, waqt li nkunu aljenati fil-mistrieħ tal-vaganzi tagħna ma nintebhux b'ċerti ġrajjiet importanti għall-ħajja tal-Knisja li jseħħu f'dak il-perjodu.

Dan nistgħu ngħiduh dwar il-laqgħa Internazzjonali bit-tema ta' *Le Frontiere del Dialogo* ta' rappreżentanti tar-Reliġjonijiet differenti li nżammet f'Barċellona fi Spanja, reċentament cioè fil-ġranet 2-4 ta' Setembru 2001.

Il-ħidma sabiex dawk kollha li jemmnu f'Alla jersqu iktar lejn xulxin u jaħdmu flimkien saret iktar intensa matul is-seklu li għadda. Wieħed mid-Digrieti tal-Konċilju Vatikan II huwa dedikat proprju għal din il-problema "*Nostra Aetate*".

Barra mill-moviment ekumeniku imsemmi fid-Digriet *Unitatis Redintegratio* li jħabrek għall-għaqda ta' l-insara kollha, cioè ta' dawk li huma mgħammdin u jemmnu fi Kristu, hemm wkoll l-impenn ta' dawk li jemmnu f'Alla wieħed li għalenija jaħdmu sabiex fid-dinja jkun hawn iżjed ġustizzja, rispett reċiproku,

fraternita`, solidarjeta` u paċi. Hija minn ta' quddiem f'dan il-kamp, il-Komunita` ta' Sant'Eġidju ta' Ruma li organizzat l-inkontru internazzjonali li semmejna.

Fost ħwejjeġ oħra d-Digriet *Nostra Aetate*(nru.2) jafferma li: "Il-Knisja tħeġġeġ lil uliedha biex, waqt li jkunu xhieda tal-fidi u tal-ħajja nisranija, jagħrfu, iħarsu u jġibu 'l quddiem dawk il-valuri spiritwali, morali u soċju-kulturali li jinsabu fost il-membri tar-reliġjonijiet l-oħra u dan jagħmluh bi prudenza u bl-imħabba, permezz tad-djalogu u tal-ħidma flimkien magħhom."

Jixraq li ż-żewġ digrieti konċiljari *Unitatis redintegratio* u *Nostra Aetate* jkunu magħrufin aħjar mill-insara tagħna speċjalment il-membri tal-Għaqdiet kattoliċi. Għandha tkun ħafna għall-qalbna l-kawża ta' l-unita` fost il-knejjes insara u d-djalogu fost ir-reliġjonijiet, sabiex l-ekumeniżmu jimxi dejjem iktar 'l quddiem u jissaħħah kif hija x-xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II mfissra diversi drabi u b'ħafna modi matul il-pontifikat tiegħu.

Bl-interċessjoni ta' l-Omm tagħna Marija Santissima, l-Mulej Alla jsawwab fuqkom kotra ta' grazzji.

Talb għall-mejtin u għall-vittmi tat-traffiku

(2-11-2001) 408/2001

Minn qalbi rodd ħajr lil Alla li tani l-grazzja li għal darb'oħra nieħu sehem fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet, fl-għaxar Assemblea Ġenerali tiegħu li bdiet fil-Vatikan fit-30 ta'

Settembru, 2001 u għalqet fis-27 ta' Ottubru. Nirringrazzja wkoll lilkom għat-talb li għamiltu għalija u għas-suċċess tas-Sinodu, kif kont stedinkom fiċ-ċirkulari (407/2001) tal-25 ta' Settembru li għadda. Sadattant il-messaġġ ta' l-isqfijiet li ħadu sehem fis-Sinodu għandu jiġi ppublikat fl-*Atti tal-Kurja* biex jasal ukoll f'idejkom. Nittamaw li bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, li għandha rrikorrejna matul Ottubru bit-talba tar-Rużarju, il-Mulej joħroġ mis-Sinodu frott kotran għad-Djoċesi tagħna u għall-Knisja universali.

Qegħdin issa fix-xahar ta' Novembru, li matulu, skond drawwa antika tal-Knisja, inżuru ċ-ċimiterji u nagħmlu talb speċjali għall-erwieħ tal-Purgatorju. Ninqeda b'din l-okkażjoni biex inħajjarkom toffru suffraġju għalihom bis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, bit-talb, bil-karita` u b'kull mezz ieħor, kif tirrikmandalna l-Knisja.

Huwa dmir tagħna wkoll li niftakru fit-talb tagħna f'dawk li ġew maħsudin ħesrem bil-minġel tal-mewt, bħal ma huma dawk li ntlaqtu b'mewt għall-għarrieda ħaġa li tiġri ta' spiss u din l-aħbar iġġibilna swied il-qalb. Ta' min isemmi hawnhekk l-inċidenti serji tat-traffiku, għax dawn ukoll iħallu l-vittmi tagħhom meta xi ħadd jindarab b'mod gravi jew jisfa' maqtul, minħabba xi ħabta jew żball fis-sewqan.

Fuq din il-problema, jiena kont ktibt ċirkulari oħra, xi snin ilu, cioe` fis-16 ta' Novembru, 1996 (Ċirkulari nru. 347/96). Fiha fost l-oħrajn kont għidt kelma ta' twissija "lis-sewwieqa kollha, sabiex jagħrfu sewwa d-dmir li għandhom fil-kuxjenza, li jużaw kontinwament

l-għaqal u l-prudenza biex jevitaw kull azzjoni u kull omissjoni fis-sewqan li tista' tipperikola l-ħajja ta' l-oħrajn jew tagħhom infushom." Dan id-dmir ġej mhux biss mil-liġi ċivili, u għalhekk huwa reat ċertu sewqan bla raġan, iżda d-dmir li ġej ukoll mil-liġi ta' Alla li tgħidilna: "La toqtolx", cioè` irrispetta l-ħajja tiegħek u ta' ħaddieħor. Iżda milli jidher minn dak iż-żmien sal-lum l-inċidenti fit-toroq ma naqsux, imma saru iktar frekwenti u serji.

Wara konsultazzjoni xierqa, ħsibt li nibdew inżommu fid-Djoċesi tagħna *Jum il-Vittmi tat-Traffiku*. Dan bil-għan li nqanqlu kuxjenza dwar is-sewqan, sabiex kemm is-sewwieqa kif ukoll dawk li jimxu fit-triq jifthu għajnejhom u jevitaw il-ħsarat u t-telfiet li jistgħu jiġru. Nixtieq ukoll li f'dan il-jum, kif ukoll matul is-sena kollha jsir talb u suffraġi oħra għall-vittmi ta' l-inċidenti stradali, speċjalment għal dawk li ħallew din id-dinja.

Ser niċċelebraw quddiesa b'din l-intenzjoni fil-Bażilka ta' Pinu u nistieden lil kulħadd, speċjalment il-qraba ta' dawk li mietu f'inċidenti stradali, sabiex jieħdu sehem u jitolbu għall-għeżież tagħhom. Il-*Jum il-Vittmi tat-Traffiku* ser jinżamm f'Għawdex nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru, 2001, u l-motto għas-sena ser ikun "Wara l-mewt, l-eternita`."

Nirrikmandakom lil Alla, biex jieqaf magħkom, iħariskom minn kull periklu, u jsawwab fuqkom il-Barka tiegħu.

L-Edukazzjoni Liturġika tal-Poplu

(28-5-2002) 412/2002

Ftit ġranet ilu mid-9 sat-12 ta' Mejju ċċelebrajna l-Kungress Liturġiku Djoċesan, li minnu ħarġu xi riżoluzzjonijiet li jistgħu jkunu utli ħafna sabiex in-nies tagħna jieħdu sehem dejjem aħjar fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi b'mod speċjali fil-Quddiesa. Fi żmien qasir dawn ir-riżoluzzjonijiet wara li jkunu riveduti u approvati mill-Kummissjoni Liturġika, jiġu ppubblikati fl-*Atti tal-Kurja*. Huwa ttamat li d-direttivi li fihom dawk ir-riżoluzzjonijiet jiġu aċċettati u mħarsin fil-parroċċi u fid-djoċesi kollha, sabiex il-ħajja liturġika fostna issir dejjem aħjar u kif tridha l-Knisja.

Pero` naħseb, li minn issa nista' niġbed l-attenzjoni tagħkom fuq ċerti punti li ġew diskussi fil-Kungress jew li tressqu iktar tard, għax naħseb li jeħtieġ li nieħdu passi dwarhom immedjatament.

Jixraq li tingħata importanza ikbar milli ngħatat sa issa lil-Liturġija meta nafu li hija l-għajn li minnha joħorġu l-attivitajiet l-oħra tal-Knisja u l-quċċata li lejha għandhom iwasslu. Ma għandniex nikkontentaw biss b'dak li jidher, mhux biżżejjed li jkun hemm faċċata sabiħa ta' l-azzjonijiet liturġiċi tagħna, iżda nfittxu li jkollna tabilħaqq u nkomplu nrawmu fina l-ispirtu tal-Liturġija, cioè` ċelebrazzjoni festiva u ferrieħa ta' l-imħabba ta' Alla lejna murija fi Kristu. Għad fadal passi kbar x'nagħmlu f'dik li hija edukazzjoni liturġika tal-poplu tagħna. Għadna lura sabiex inwettqu dak li jgħid il-Konċilju Vatikan II fis-*Sacrosanctum Concilium*, n.11 li "l-insara jieħdu sehem ħaj fil-liturġija, jkunu jafu

x'qed isir u jkollhom frott minnha." Għalhekk din il-parteċipazzjoni attiva, konxja u bi frott ta' l-insara fil-Liturġija tibqa' dejjem wieħed mit-"targets" ewlenin tat-tiġdid liturġiku. Saċerdoti u edukaturi għandhom iżommu quddiem għajnejhom dan il-għan. In-normi tal-Liturġija għandhom jiġu osservati minn kulħadd. L-Edukazzjoni u l-formazzjoni liturġika hemm bżonn li tkun parti integranti mill-katekeżi tat-tfal. Il-kbar jeħtieġ li jkunu jafu mhux biss l-aspett prattiku iżda wkoll teoretiku tal-Liturġija.

L-imġieba tal-poplu fil-knejjes mhux dejjem hija waħda mill-aħjar. Xi whud jażżardaw jitkellmu bejniethom u jgħaddu wkoll xi kummenti. Biex tagħqad, reċentement uħud qegħdin idaħħlu magħhom il-"mobile phones" fil-knisja, u jħalluhom miftuħa; hekk li meta jdoqqu jiddisturbaw il-ġemgħa. Dan hu abbuz li jeħtieġ li jinqata' llum qabel għada. Jeħtieġ li n-nies tagħna juru iktar rispett lejn id-dar ta' Alla.

Fix-xhur sħan tas-sena xi whud qegħdin ikunu ta' skandlu għall-oħrajn minħabba l-ilbies tagħhom li ma jkunx deċenti biżżejjed u għalhekk ma jkunx ilbies xieraq fuq min jidħol fil-knisja u jieħu sehem fil-funzjonijiet. Id-direttivi mogħtija ripetutament dwar din il-ħaġa jeħtieġ li jkunu osservati.

Għandha tingħata importanza lill-formazzjoni tal-ministeri, mhux biss il-ministeri ordnati bħal dak tal-presbiteri, djakni, letturi eċċ., iżda anke ministeri b'responsabbilta` iżgħar bħalma hi dik ta' l-abbatini, "ushers" eċċ. Nixtieq intenni dak li għidt fil-pastorali tiegħi fl-okkażjoni tal-Kungress Liturġiku Djoċesan tal-1989 billi nistieden "lill-animaturi, letturi, kanturi,

ministri straordinarji tat-tqarbin, u dawk kollha li għandhom xi ministeru liturġiku, sabiex jikkultivaw kontinwament il-formazzjoni liturġika tagħhom u jwettqu s-servizz liturġiku bil-fidi u b'ġenerożita` lejn Alla" (Ċirkulari nru. 278/89).

Barra mit-talb liturġiku, jeħtieġ li jinxtered, jikber u jissaħħaħ dejjem iżjed it-talb privat, kemm komunitarju kif ukoll personali, kif jissemma' fit-*Tieni Sinodu T'Għawdex* (638) u li dwaru hemm insistenza fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (2559-2758). Hija rrikmandata ħafna d-devozzjoni lejn is-Santissimu Sagrament fuq kollox il-Quddiesa u t-Tqarbin ta' spiss u possibbilment ta' kuljum, id-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, lejn il-Qaddisin Protetturi tagħna u lejn l-erwieħ tal-Purgatorju. Jeħtieġ pero` li kollox isir kif imiss, mingħajr esaġerazzjonijiet jew superstizzjonijiet u f'ubbidjenza sħiħa lejn il-liġijiet u n-normi tal-Knisja.

Jalla l-Liturġija tkun għalikom ilkoll għajn ta' barka u grazzji tas-sema.

Iċ-Ċelebrazzjoni
tas-Sagrament tal-Magħmudija
(27-8-2002) 414/2002

Nixtieq nerġa' nfakkar li din is-sena, 2002, li diġa' qbiżna n-nofs tagħha, fid-djoċesi tagħna hija ddedikata għal-Liturġija. Ngħarrafkom wkoll li s-sena li ġejja 2003 sejra tkun iddedikata għad-djakonija u għall-promozzjoni umana u l-opri ta' karita` nisranija.

Peress li s-Sagramenti, wara s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa huma parti importanti fil-Liturġija, nixtieq ninsisti fuq iċ-ċelebrazzjoni xierqa tagħhom, kif hu ssuġġerit ħafna drabi fis-Sinodu Djoċesan(n.358ff) u fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali 2001-2005 (70). Barra mill-attenzjoni sabiex iċ-ċelebrazzjoni proprja tas-Sagrament issir skond in-normi liturġiċi, meħtieġa wkoll Pastorali Pre-Sagramentali u Post-Sagramentali. Dan ifisser li trid issir preparazzjoni kateketika xierqa qabel ma jiġi ċċelebrat is-Sagrament u mbagħad ssiru wkoll attivitajiet li jgħinu sabiex kull Sagrament jagħti l-frott tiegħu fil-ħajja nisranija ta' min jirċievih.

Biex nibdew mill-Magħmudija, li hija l-ewwel Sagrament nixtieq ninsisti fuq tliet punti:

1. Sa ċertu żmien il-Magħmudija kienet tingħata aktarx fl-istess jum tat-twelid tat-tarbija jew fi ftit jiem wara; illum bosta drabi titħalla għall-iktar tard. Din id-drawwa għandha l-vantaġġ tagħha għaliex tagħti ċans ukoll lill-omm li tkun preżenti u tieħu sehem fil-funzjoni tal-Magħmudija. Iżda ma jixraqx li ċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija titħalla għall-ħafna tard. Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.1250) jgħidilna "l-ġenituri jkunu jċaħħdu lit-tarbija tagħhom mill-grazzja kbira li tkun iben Alla jekk ma jgħammduhiex ftit wara li titwieled."

2. Rigward l-ismijiet f'pajjiżna u f'ħafna pajjiżi oħra - ħaġa li nnutajtha wkoll fil-Brażil - hemm tendenza qawwija li jingħataw lit-tfal, ismijiet li m'humiex ismijiet insara. Il-ġenituri, il-parrinijiet u l-kappillan - kif iwissi l-Kanoni 855 tal-Liġi Ekkleżjastika -

għandhom jaraw li ma jingħatax xi isem li jkun barrani għat-tifsir nisrani." Nixtieq nissuġġerixxi wkoll li għall-inqas bħala t-tieni isem, tfal subien u bniet jissemmew ukoll "Marija" bħal per eżempju "Vincenzu Marija."

3. Dwar l-għażla tal-parrinijiet, is-Sinodu Djoċesan jgħidilna li dawn għandhom ikunu jafu liema huwa s-sehem tagħhom u jkunu mħejjijin kif jixraq biex iwettquh; sabiex ma jiġrix li jaħsbu li t-twettiq ta' dan id-dmir li ħadu u li huwa hekk nobbli jikkonsisti biss fiċ-ċerimonja tal-Magħmudija (117.a). Fuq kollox bl-eżempju tajjeb għandhom ikunu ta' għajnuna fil-formazzjoni nisranija tal-filjozzi tagħhom.

Il-Mulej li sejħilkom għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb, iseddaqkom fil-grazzji tiegħu u jwassalkom għall-hena ta' dejjem.

Jum il-Volontarjat Nisrani
(30-11-2002) 417/2002

Sar magħruf li nhar il-Ħamis li ġej, 5 ta' Diċembru ser jiġi ċċelebrat "Jum il-Volontarjat." Ta' min jinnota b'sodisfazjon illi l-volontarjat ta' kull għamla huwa wieħed mis-sinjali ta' żminijietna li huma sbieħ u ta' min jinkoraġġihom.

Taħt dan l-isem ta' volontarjat jaqgħu l-bnedmin kollha, irġiel u nisa, żgħażagħ u adulti, li fil-ħajja tagħhom

isibu ftit taż-żmien biex jiddedikawh għall-ġid ta' għajrhom mingħajr ma jistennew rikompens jew ħlas tas-servizz u ta' l-għemil tagħhom. Il-ħidma volontarja tista' tkun ta' kull għamla u tirrigwarda mhux biss dak li huwa meħtieġ għall-ħajja tal-ġisem imma anke dak li huwa meħtieġ għall-ħajja tar-ruħ. Għalhekk fil-fehma tagħna qegħdin iwettqu volontarjat siewi mhux biss dawk li jżuru l-morda, jgħinu l-foqra u dawk li jipprovaw isolvu l-problemi tal-familji eċċ., imma wkoll dawk li jgħinu fl-organizzazzjoni liturġika u li jagħtu tagħlim u fuq kollox it-tagħlim reliġjuż.

Peress li aħna kattoliċi, ta' min jinsisti li l-volontarjat tagħna jkun volontarjat nisrani. Dan ifisser li l-volontarjat tagħna u kull ħidma li nwettqu b'risq l-oħrajn ma tkunx motivata minn skopijiet ta' din id-dinja bħalma hija l-popolarita` u xi vantaġġi għal min jagħmel volontarjat iżda tkun imqanqla mill-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, jiġifieri nagħmlu l-ġid lill-oħrajn għaliex inħobbu sinċerament u bil-fatti l-proxxmu tagħna kif iridna Kristu.

Fil-Jum tal-Volontarjat, iktar minn żminijiet oħra, huwa dmir tal-komunita` kattolika ta' gżiritna u tal-membri kollha tagħha li wara li jroddu ħajr lill-Ispirtu s-Santu illi qanqal il-moviment volontarju fid-dinja ta' llum u f'pajjiżna, jitolbu wkoll lil Alla l-Imbierek biex jagħti l-kuraġġ lil dawk li qegħdin iwettqu xi forma ta' volontarjat, isaffu dejjem l-intenzjoni tagħhom biex ikollhom motivazzjoni nisranija u fl-aħħarnett biex jissieħbu membri ġodda fil-volontarjat u b'mod speċjali mill-kategorija taż-żgħażagħ.

Il-Mulej li beda kull opra tajba fikom iwettaqha sat-tmiem.

F'dawn l-aħħar snin, fid-djoċesi tagħna qed jiġi ċċelebrat "Jum il-Ħajja," fl-ewwel ġranet ta' Frar kif jiġri wkoll f'xi djoċesijiet oħra fid-dinja.

Nistgħu ngħidu li l-iskop ta' din iċ-ċelebrazzjoni huwa doppju; l-ewwelnett sabiex nifhmu sewwa, nassimilaw u niddefendu t-tagħlim dwar il-valur tal-ħajja umana, kif tgħallimulna Ommna l-Knisja Mqaddsa. Bħala wlied l-Knisja, aħna komunita` li nemmnu u nistqarru li l-ħajja umana mill-bidu sat-tmiem naturali tagħha hija sagra u invjolabbli. Alla biss huwa s-Sid assolut tagħha u huwa biss li jista' jiddisponi minnha skond ir-rieda tiegħu. Il-bniedem ma hux sid la ta' ħajtu u l-anqas tal-ħajja ta' ħaddieħor; huwa biss amministratur ta' ħajtu li ġiet mislufa lilu minn Alla. Huwa għalhekk għandu jieħu ħsieb ħajtu u jipproteġiha u għalhekk ma jistax jippreġudika jew bla bżonn ipoġġiha fil-periklu tal-mewt jew ta' ħsara fiżika.

Dak li ma jistax jagħmel b'ħajtu, inqas u inqas jista' jagħmlu b'ħajjet ħaddieħor. Għalhekk il-Knisja tqis bħala dnubiet li jistgħu jkunu wkoll gravi ħafna, l-abort, l-ewtanasija, s-suwiċidju u dak li jhedded serjament il-ħajja tal-bniedem.

It-tieni skop li għalih jiġi ċċelebrat "Jum il-Ħajja" huwa sabiex insiru aktar konxji mid-dmirijiet li għandna f'dan il-kamp. Mhux biżżejjed li nikkundannaw l-abort u neħduha kontra tiegħu, iżda jeħtieġ li b'kull mezz ngħinu lil dawk li jistgħu jkunu fil-periklu li jikkommettu

l-abort. Mhux biżżejjed li ngħidu li l-ewtanasija hija moralment ħażina, iżda jeħtieġ ukoll li bil-kliem u b'għemilna nfarrġu u nagħmlu l-kuraġġ lil dawk li jkunu ittentati li jagħmlu dan il-pass żbaljat. Żgur li jekk noffrulhom is-solidarjeta` tagħna, ħafna persuni jsibuha iktar ħafifa li ma jċedux għal ebda azzjoni li thedded il-ħajja tagħhom jew ta' ħaddieħor.

Fuq kollox niftakru li l-ħajja ta' kwalunkwe bniedem, hija valur wisq aqwa mid-deheb, il-fidda, l-flus u kull ħaġa oħra materjali u għalhekk ma nistgħu nibdluha ma xejn; il-ħajja umana la tinbiegħ u l-anqas tinxtara. Il-ħajja umana għandha l-jedd li tiġi mħarsa u tiġi mmexxija għad-destin li għalih ħalaqha il-Mulej; cioe` biex tilħaq il-perfezzjoni tagħha fil-ħajja ta' dejjem.

Il-Mulej Sid il-ħajja jħariskom dejjem u kullimkien.

10 snin wara s-Sinodu Djoċesan

(18-3-2003) 421/2003

Nhar il-Ħadd id-9 ta' Marzu għalaq għaxar snin it-Tieni Sinodu Djoċesan li kien ġie promulgat b'digriet tiegħi tad-9 ta' Marzu 1993.

F'dan id-digriet jingħad fost ħwejjeġ oħra li "Jeħtieġ li dan is-Sinodu jitqies bħala tentattiv sinċier biex it-tiġdid mibdi fil-Konċilju Vatikan it-Tieni jiġi applikat għall-ħajja ekkleżjali ta' din id-Djoċesi. Għad li nagħrfu l-limiti ta' din il-ħidma, aħna konvinti illi permezz

tas-Sinodu djoċesan, il-ħajja nisranija tal-knisja tagħna tista' timxi ħafna 'l quddiem, basta dak li jordna s-Sinodu jiġi osservat minn kulħadd bil-ħeġġa li tixraqlu."

Fir-realta`, s-sinodu huwa mument ċentrali tal-knisja djoċesana biex tistudja u tieħu deċiżjonijiet responsabbli dwar il-ħidma pastorali preżenti u futura ta' l-istess djoċesi.

Skond il-kanoni 460 tal-Liġi Kanonika s-Sinodu djoċesan "huwa magħmul minn saċerdoti u nsara oħra magħżula biex jagħtu għajnuna lill-Isqof għall-ġid tal-komunita` djoċesana, kollha kemm hi."

It-Tieni Sinodu Djoċesan ta' Għawdex barra mis-sezzjoni tad-digrieti sinodali li huma espressjoni tal-liġi ekkleżjastika lokali, kif ukoll is-sezzjoni tar-regolamenti u tad-direttivi, għandu sezzjoni oħra li tiġbor fiha għaxar dokumenti pastorali, li huma bħal gwida għall-ħajja nisranija u għax-xhieda evanġelika, li għandhom jagħtu l-membri tal-Kleru u l-insara lajċi tad-djoċesi tagħna.

Dawn id-dokumenti jirrigwardaw mhux biss il-ħajja tal-familja nisranija u tal-membri tagħha, speċjalment, tfal, adolexxenti u żgħażagħ, iżda wkoll il-vokazzjonijiet u l-formazzjoni tal-Kleru, l-lajċi u l-animazzjoni nisranija tas-soċjeta`.

F'dan id-deċennju li qegħdin niċċelebraw jixraq li nitfgħu ħarsa lura u naraw liema kien l-frott ta' dan it-Tieni Sinodu, cioe` l-kontribut li ta għall-progress pastorali u spiritwali tad-djoċesi tagħna.

Biex jista' jseħħ dan il-għan, għandi ħsieb li qabel tmiem din is-sena nlaqqgħa Kungress Pastorali Djoċesan is-seba' wieħed ta' din l-għamla, sabiex fih ikun jista' jinstema l-parir ta' ħafna nies u tiġi organizzata aħjar il-ħidma ekkleżjali fid-djoċesi.

Kristu Raġħaj it-Tajjeb iżommkom dejjem fl-imħabba tiegħu.

Is-17 -il Ċentinarju ta' San Ġorġ Martri

(5-7-2003) 424/2003

Din is-sena qegħdin niċċelebraw is-sbatax-il ċentinarju mill-mewt glorjuża ta' San Ġorġ martri, u b'hekk qegħdin nimitaw lill-missirijietna li mitt sena ilu, fl-1903 fakkru wkoll din il-ġrajja b'festi kbar li nżammu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, fil-Belt Vittorja, f'għeluq is-sittax-il mitt sena mill-martirju ta' dan il-kbir qaddis, li l-qofol tagħhom intlaħaq b'purċissjoni fil-10 ta' Mejju ta' l-istess sena. Għal dik l-okkażjoni il-predeċessur tiegħi, Mons Ġiovanni Marija Camilleri O.S.A. kien ippubblika ittra pastorali li fiha fost ħwejjeġ oħra kien kiteb: " L-isem ta' Ġorġi għandu jkun fil-menti tagħkom biex tiftakru dejjem fih, fuq ilsienkom biex tfaħħruh, f'qalbkom biex tħobbuh. u li tħobbuħ tassew, uruh issa f'din l-okkazjoni tal-festa tiegħu ċentenarja." Jiena wkoll bħall-predeċessur tiegħi, f'din l-okkażjoni nħeġġiġkom biex tħobbu lil San Ġorġ u tagħtuh qima minn qalbkom, tagħrfu aħjar il-kobor tal-qdusija u n-nobilta` ta' San Ġorġ, tagħtuh qima minn qalbkom, u tgħożżu iktar il-valur tal-martirju li huwa marbut hekk mill-qrib ma' l-istorja tal-Knisja.

Il-martri u l-persekuzzjoni

Il-persekuzzjoni hija esperjenza li ġarrbuha u kienu vittmi tagħha, mhux biss individwi, iżda wkoll komunitajiet sħaħ. Hekk per eżempju, kif insibu fir-Rabta l-Qadima, kienu ppersegwitati, mhux biss persuni bħall-Profeti Ġeremija u Amos u l-aħwa Makkabej, iżda wkoll il-poplu t'Alla, kollu kemm hu, mill-eżilju fl-Eġittu sal-ħakma tar-Rumani.

Kristu wkoll għadda mill-persekuzzjoni u l-Lhud li ħabirku biex jarawh imdendel mas-salib, urew li huma tabilħaqq ulied missirijiethom, li qatlu l-profeti, kif qalilhom Kristu stess: "weħidkom tagħtu xhieda li intom ulied il-qattiela tal-profeti! Mela issa komplu sa l-aħħar dak li bdew missirijietkom" (*Mt.* 23, 31).

Ġesu` ħabbar ukoll li l-persekuzzjoni kellha tkun ix-xorti ta' dawk li jimxu warajh,: "Jekk id-dinja tobgħodkom, kunu afu li qabel bagħdet lili... Jekk għamlu għalija, jagħmlu għalikom ukoll" (*Ġw.* 15,18 - 20). Imma Ġesu` lil min hu segwaċi tiegħu jagħmillu l-kuraġġ u jgħidlu: "La tibżax minn dak li għandek tbati... Żomm sħiħ sal-mewt u nagħtik il-kuruna tal-ħajja." (*Apok.* 2. 10)

Ħafna drabi l-persekuzzjoni kontra r-Reliġjon Nisranija kienet ġejja mill-awtoritajiet ta' l-Istat, iżda, l-persekuzzjoni hija fenomenu li jista' jkollu iktar minn kawża waħda, u tista' sseħħ b'modi differenti. Xi drabi ukoll il-persekuzzjoni tkun l-effett tal-vjolenza tal-folla mgħaddba u rvellata, imma dejjem hija għemil li direttament jew indirettament ikun legalizzat jew għall-inqas tollerat.

Il-martri, li biċ-ċarċir ta' demmhom taw xhieda tal-Fidi nisranija huma l-vittmi qalbiena tal-persekuzzjonijiet, li fihom twettqu għemejjel ta' l-ikbar ħruxija. Baqgħu msemmija fl-istorja tal-Knisja l-persekuzzjonijiet imqanqla u ordnati mill-imperaturi ta' Ruma, u li seħħu f'xi reġjun jew ieħor ta' l-imperu tagħhom. L-ewwel imperatur Ruman, awtur tal-persekuzzjoni kontra l-insara kien Neruni (A.D. 54-68) li waħħal fl-insara li kienu ħatja ta' l-inċendju li fis-sena 64, qered parti kbira tal-belt.

Mill-250 sal 251, is-sena tal-mewt tiegħu, l-imperatur Deċju, nieda persekuzzjoni sistematika kontra l-insara fit-territorju kollu ta' l-imperu. Fit-tielet seklu, kien hemm persekuzzjoni oħra terribbli li kienet dik ta' Valerjanu (257-259) li fiha ġie maqtul Ċiprijanu ta' Kartaġni.

Fil-bidu tas-seklu erbgħa, Djoklezjanu beda dik li tissejjaħ "il-persekuzzjoni l-kbira" kemm minħabba t-tul tagħha, għaliex damet sejra sentejn, u kemm minħabba l-għadd kbir ta' vittmi li ħalliet warajha. Hekk, fil-bidu tar-raba' seklu, taħt l-imperaturi Djoklezjanu u Galerju, seħħ l-aħħar sforz iddisprat magħmul f'isem l-Imperu Ruman u bis-setgħa tiegħu biex jeqred ir-reliġjon tan-Nazzarenu. Iżda Galerju, ċeda din il-kampanja kontra l-Kristjaneżmu bl-Editt ta' Tolleranza ppubblikat fis-sena 311, u sentejn wara, Kostantinu l-Kbir u Liċinju, ippubblikaw l-Editt ta' Milan li bih taw il-liberta` u l-paċi lill-Knisja. San Ġorġ Martri kien ukoll vittma ta' din il-persekuzzjoni l-kbira għaliex fiha rebaħ il-palma glorjuża tal-martirju.

L-Isqof Camilleri fiċ-ċentinarju ta' mitt sena ilu, kien stieden lill-Għawdxin kollha, sabiex jirrikorru għand San

Ġorġ martri, Protettur tagħna, u fuq kollox jitolbuh li isaħħaħ twemminna u jagħmilna nsara aħjar.

"Wara Marija, Sultana tad-Djoċesi kollha, Ġorġi jħares il-fidi tagħna, dik il-fidi li ġabilna Pawlu Missierna, billi jikkonservaha fina, safja u bla tebgħa, u mal-fidi jħares ukoll u jmexxi l-interessi tagħna kollha tar-ruħ u tal-ġisem, u tas-soċjeta`, billi jfittex dejjem il-ġid u l-ħena tagħna pubbliku u privat."

San Ġorġ jgħallimna nħarsu l-Fidi tagħna

Biex iħares sa l-aħħar il-fidi tiegħu San Ġorġ kellu iġġarrab persekuzzjoni ħarxa u fl-aħħar jinkuruna ħajjtu bil-martirju għall-imħabba ta' Kristu. Anki fi żminijietna, biex ngħixu ta' nsara u ma nitradixxux il-fidi tagħna, jeħtieġ li nibqgħu sodi u ma nċedux għat-tentazzjonijiet u l-ħajriet li bihom id-dinja moderna tipprova tiġbidna lejha. Aħna m'għandniex inħabbtu wiċċna, mal-persekuzzjonijiet ta' l-Imperaturi Rumani, kif kellhom l-insara ta' l-ewwel sekli u fosthom minn ta' quddiem San Ġorġ martri, iżda għandna quddiemna sfidi, xejn inqas perikoluż, u forsi wkoll li jistgħu iktar faċilment iqarrqu bina. Il-għatx għall-pjaċiri tal-ġisem u l-kilba għall-ġid tad-dinja, qegħdin iħassru ħafna qlub u jagħmluhom hekk xierfa li ma jħossux iżjed ix-xewqa għal dak kollu li huwa sabiħ, qaddis u tajjeb għax ġej minn Alla. Dan l-għatx għall-pjaċiri, anke akkost li jinkisbu bi ksur tal-Liġi t'Alla u r-regħba għall-qliegħ, mingħajr rispett lejn in-normi tal-ġustizzja u tal-karita`, huma l-mardiet morali, li minħabba fihom qegħdin naraw tant konsegwenzi diżastrusi fil-ħajja ta' l-individwi, tal-familji u tas-soċjeta` kollha kemm hi. San Ġorġ u

l-martri sħabu, kif ukoll il-martri ta' kull żmien irnexxielhom bil-għajnuna t'Alla jżommu bogħod minnhom dan il-mard morali, u jgħożżu s-safa ta' ħajja nisrani u ta' qalb li mhix imdallma bid-dħaħen tal-vizzji iżda miftuħa dejjem għal Alla, u għall-ispirazzjonijiet tiegħu.

Aħna nilmentaw ta' spiss li naqsu l-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi u li ftit huma ż-żgħażagħ li lesti jimpenjaw ruħhom għal ħajjitom kollha biex jgħixu esklusivament għas-servizz ta' Alla; iżda kif jista' l-bniedem jasal għall-deċiżjoni hekk ġeneruża meta qalbu qiegħda fil-għama, u mfxikkla bl-ilġiem ta' l-interssi materjali? Nilmentaw b'dispjaċir tagħna, li qiegħed jikber l-għadd tal-familji li qegħdin jitfarrku, u li xi koppji qegħdin isibuha dejjem iktar diffiċli li jħarsu l-weġħdiet ta' mħabba dejjiema u ta' fedelta` li huma għamlu lil xulxin quddiem Alla u quddiem is-soċjeta`; iżda għax għandna nistagħġbu b'dan, meta nafu li l-familji huma ibbumbardati mill-mass-media bi stejjer ta' infedelta`, ta' divorzji, u ta' kapriċċi fil-ħajja miżżewġa li huma 'l bogħod għal kollox mill-pjan li kellu Alla meta ħalaq il-familja tal-bnedmin? Nitkażaw, meta nilmħu ċerti inġustizzi u abbużi oħra li nosservaw fis-soċjeta` tagħna li aħna niftaħru li hija soċjeta` nisranija; iżda, kif jista' jkun xort'oħra, jekk il-fidi birdet, u l-moralita` pubblika, mhix rispettata kif imiss?

Din hija l-lezzjoni li jagħtuna l-martri, li għandna nżommu ħajja l-fidi nisranija tagħna, u nistqarruha mhux biss bil-kliem imma bil-ħajja onesta tagħna, kollha kemm hi. Dan hu l-messaġġ li jwasslilna San Ġorġ, fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-mewt glorjuża tiegħu. Il-fidi u l-ħajja nisranija huma bħal dik il-ġawhra prezzjuza, li jsemmilna

Kristu, fil-vanġelu tiegħu: "Is-saltna tas-smewwiet tixbaħ lil wieħed neguzjant, ifittex ġawhar sabiħ. Malli sab waħda li tiswa ħafna, mar biegħ kulma kellu u xtraha" (*Mt.* 13,45-46). Għall-fidi u l-ħajja nisranija għandna nissagrifikaw kollox, basta niksbu lilhom. Xejn u ħadd ma għandu jfixkilna mill-imħabba ta' Kristu, l-anqas l-iskandli tad-dinja, u ż-żebliegħ ta' dawk li forsi jaħsbu li ser iwaqqgħuna għaċ-ċajt, għax ma jifhmu xejn mill-ideali tagħna. Din hija l-virtu` tal-qawwa nisranija, li hija meħtieġa fil-ħajja moderna, xejn inqas milli kienet meħtieġa fi żmien il-martri ta' l-ewwel sekli.

Ftit ġranet oħra ser ikollna fostna r-relikwija insinji ta' dan il-qaddis, u b'digriet tal- Penitenzjerija tad-9 ta' Ġunju 2003, tista' tinkiseb Indulġenza Plenarja, minn min iweġġaħ din ir-relikwija. Iktar 'il quddiem ikun m'għarraf liema funzjonijiet ser jinżammu fl-okkażjoni għaż-żjara ta' din ir-relikwija, liema kundizzjonijiet huma meħtieġa biex jintrebħu l-indulġenzi, u xi dettalji oħra li għandhom x'jaqsmu maċ-ċentinarju.

Bl-interċessjoni tal-Protettur qawwi tagħna San Ġorġ Megalomartri, nitolbu lil Alla, jżommna dejjem fi ħdan il-Knisja Mqaddsa li hija il-komunita` ta' mħabba li Kristu Ibnu waqqaf għall-fidwa tagħna, jħarsilna l-fidi tagħna, akkost ta' kull sagrifiċċju u kull persekuzzjoni, u jgħinna biex ħajjitna, tkun mimlija bil-frott ta' kull opra tajba.

B'fiduċja fil-protezzjoni ta' San Ġorġ martri, b'mod speċjali fuq iż-żgħażagħ u l-familji tagħna, nitlob fuqkom il-Barka tal-Mulej.

Il-Paċi ta' Kristu Sultan tal-Martri timla' l-qlubkom bil-qawwa ta' dawk il-martri li xerrdu demmhom għalih.

Rispett lejn il-postijiet sagri
(15-7-2003) 425/2003

Qegħdin ninnotaw b'dispjaċir tagħna u speċjalment meta nkunu fix-xhur ta' sħana, xi whud mill-insara li jiffrekwentaw il-knejjes tagħna jippretendu li jitħallew jidħlu fihom lebsin kif ġie ġie u xi drabi bi ħwejjeġ li ma humiex deċenti biżżejjed għal min ikun fit-triq, aħseb u ara għal dawk li jidħlu fid-dar ta' Alla.

Ħafna drabi fl-imgħoddi, l-insara tad-djoċesi tagħna ġew imwissija sabiex jevitaw dan in-nuqqas ta' rispett lejn il-lok imqaddes fejn Kristu jinsab preżenti fl-Ewkaristija. Iżda jidher li l-moda qegħda ssir dejjem iktar arroganti, fil-waqt li qiegħed jonqos dejjem iżjed is-sens ta' deċenza.

B'mod partikolari din l-indeċenza ta' lbies fil-knejjes, qegħda tidher u tinħass fil-festi titulari tal-parroċċi, meta ħafna nies, anki minn parroċċi oħra u forsi wkoll barranin, iżuru l-knejjes tagħna, kif ukoll fl-okkażjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-Ewwel Tqarbina, tal-Griżma ta' l-Isqof u taż-Żwieġ. Biżżejjed insemmu ċerti lbiesi trasparenti jew imqaċċtin iżżejjed li jkollhom fuqhom xi whud mit-tfal, mill-ġenituri tagħhom, mill-parrinijiet kif ukoll xi whud mill-mistiednin. Xi drabi anki l-libsa tat-tieġ ma tkun tixraq xejn għall-knisja fejn jiġi ċċelebrat it-tieġ u għal min għandu sens nisrani ta' modestja.

Nixtieq li f'dan l-appell tiegħi, nindirizza l-ewwelnett lill-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi sabiex jagħtu dejjem eżempju tajjeb ta' deċenza fl-ilbies, kullimkien imma b'mod speċjali fil-knisja.

Nixtieq ukoll li dawk li jkunu sejrin jirċievu s-Sagramenti li semmejna, jiġu mwissija fil-ħin, sabiex jilħqu jippreparaw ilbiesi li huma xierqa biżżejjed għall-knisja u għas-Sagrament li jkunu ser jieħdu jew jassistu għaċ-ċelebrazzjoni tiegħu.

Infakkar lill-Kappillani, lir-Retturi u lil dawk kollha li għandhom xi responsabbilta` ta' xi knisja jew kappella, li barra milli jwaħħlu f'postijiet fejn jidhru ħdejn il-bibien tal-knisja l-posters dwar id-deċenza, bil-prudenza, bil-kalma u bir-rispett u b l-imħabba, jipprovaw jedukaw lill-insara, f'dan id-dmir tagħhom li fil-knisja mhux biss iġibu ruħhom sewwa, imma wkoll li jmorru lebsin kif jixraq. Waħda mir-riżoluzzjonijiet tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan tgħid: "Il-Fidi fl-Ewkaristija tintwera wkoll mill-mod li bih l-insara jġibu ruħhom fil-knisja u mill-ilbies li jġibu fuqhom. Huwa meħtieġ għalhekk illi wieħed jinsisti fuq id-deċenza ta' l-ilbies u l-imġieba tajba" (III,1; *Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan*. Għawdex 13-21 ta' Novembru 1999, paġna 59).

Din l-attenzjoni biex fil-postijiet sagri jintwera rispett fl-imġieba u fl-ilbies, m'hix missjoni tal-Kappillani u tar-Retturi biss, iżda l-insara kollha li jħobbu l-knejjes fejn imorru u jixtiequ li jinżammu b'mod dekoruż, għandhom ihossu d-dmir li jgħidu kelma ta' korrezzjoni f'waqtha u bl-ikbar rispett lil dawk li jkunu ser jidħlu fil-knisja, mingħajr ilbies xieraq.

Bl-interċessjoni ta' Marija Verġni, Omm l-iktar safja tagħna, jagħtikom il-Mulej il-barka u l-paċi Tiegħu.

Iż-żjara ta' l-Urna ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu`

(24-7-2003) 426/2003

Sa miż-żminijiet ta' l-ewwel sekli tagħha, l-Knisja ta' Kristu kellha qima u venerazzjoni għar-relikwiji jew fdalijiet tal-martri u tal-qaddisin l-oħra. Din it-tradizzjoni antika ta' l-insara għadha ħajja sal-ġurnata ta' llum, hekk li l-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, *Sacrosanctum Concilium* (num. 111) tgħidilna li "Il-Knisja skond it-tradizzjoni tagħha tivvenera l-qaddisin u tagħti ġieħ lir-relikwiji awtentiċi tagħhom."

F'dawn il-ġranet, il-gżejjer ta' Malta u Għawdex għandhom ix-xorti u l-grazzja kbira li qegħdin jivveneraw u jgawdu fosthom l-urna bir-relikwiji ta' Santa Tereżina tal-Bambin Ġesu`, li ġiet iżżurna kif żaret diġa pajjiżi oħra.

Santa Tereżina hija qaddisa popolari ħafna li għaġġbet lil ħafna nies, mhux biss kattoliċi, imma wkoll ta' reliġjonijiet oħra, bis-sempliċita` ta' ruħha u bil-qdusija straordinarja tagħha. Hija twieldet fit-2 ta' Jannar 1873. Fi ċkunitha wriet intelliġenza straordinarja u devozzjoni ħerqana lejn Sidna Ġesu` Kristu u l-Imqaddsa Verġni Marija. Ta' ħmistax-il sena, ipprovat tidħol soru Karmelitana fil-Kunvent ta' Lisieux, iżda fil-bidu ġie miċħud lilha l-permess ta' l-Isqof, sakemm irnexxielha taqta' xewqitha u daħlet novizza fid-9 t'April 1889. Fil-kunvent hija ġiet mogħtija diversi impenji fosthom; xogħol fil-kamra tal-ħwejjeġ, assistenta fis-sagristija u iktar tard dak li tgħin fil-formazzjoni tan-novizzi bħala assistenta tal-Maestra tan-Novizzi. Fuq parir tas-superjuri

kitbet l-awtobijografija tagħha. Hija għexet u għallmet "It-Triq iż-żgħira tal-Qdusija" li tikkonsisti fil-fiduċja bla qies f'Alla li għandna nħarsu lejh kif it-tfal iż-żgħar iħarsu lejn missierhom. Mietet fit-30 ta' Settembru 1897 u ġiet dikjarata beata fid-29 ta' Marzu 1923 u kanonizzata fis-17 ta' Mejju 1925 mill-Papa Piju XI.

Għad li fl-omelija tal-Quddiesa ser jingħata iktar tagħlim dwar il-virtujiet tagħha, nixtieq li nieħu din l-okkażjoni taż- żjara tar-relikwiji ta' S. Tereża biex nagħmel din ir-riflessjoni żgħira.

Santa Tereża mill-għeluq tal-kunvent tal-klawsura, kellha viżjoni ċara tal-Knisja Universali hekk li ħabbet il-missjonijiet u ħabirket għalihom bit-talb tagħha bla ma jaqta u saret il-Patruna tal-Missjoni; m'għandna qatt inħallu li l-ambjent limitat fejn inkunu, jfixkilna milli naraw il-Knisja ta' Kristu fl-universalita` tagħha, imma bħala wlied għeżież tagħha, għandna nissieħbu fil-ferħ u fin-niket li hija tgħaddi minnhom, u nagħtu l-appoġġ tagħna.

Jalla li fl-okkażjoni taż-żjara ta' din l-urna ta' Santa Santa Tereża tal-Bambin Ġesu`, niddeċiedu li nieħdu bis-serjeta` u bil-maturita`, l-impenji li għandna bħala membri u wlied il-Knisja ta' Kristu.

Bl-interċessjoni ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu` jagħtikom il-Mulej il-barka Tiegħu.

L-Erbatax il-Ċentinarju mill-mewt ta' San Girgor

(2-3-2004) 431/2004

Din is-sena qed jiġi ċċelebrat il-erbatax ċentinarju mill-mewt ta' San Girgor il-Kbir Papa li miet nhar it-12 ta' Marzu 604. Huwa twieled Ruma lejn is-sena 540 minn familja għanja iżda tabilħaqq nisranija. Fi tfulitu kellu edukazzjoni mill-aqwa kemm fi ħdan il-familja kif ukoll fl-iskejjel ta' dak iż-żmien.

Wara li temm l-istudji tiegħu fil-letteratura u fil-liġi, intgħażel prefett ta' Ruma, l-ogħla uffiċċju f'dik il-belt, meta kellu tnejn u tletin sena. Barra milli kien sinjur, minħabba l-ġid li wiret minn għand missieru, kien ukoll bniedem rispettat u ta' awtorita`.

Il-gost tiegħu, iżda, kien dak li jaqra l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa u jimmedita fuqhom għax kien ruħ ġeneruża li tfittex lil Alla. Biex ikun jista' jaqdih aħjar, wara li ħaseb fit-tul fuq il-kunsilli Evanġeliċi, Girgor iddeċieda li jbiegħ dak li kien jippossiedi u jiċħad dak kollu li hu tad-dinja, saħansitra l-karriera politika li kien qabad. Ħalla d-dinja u daħal patri benedittin fil-monasteru ta' Sant'Andrea lejn is-sena 574 - monasteru li waqqaf hu stess fir-residenza tal-familja fuq Monte Celio.

Qassam ġidu kollu u fl-oqsma li kellu fi Sqallija bena sitt monasteri. L-awsterita` tal-penitenzi tiegħu kienet hekk ħarxa li għamel ħsara lil saħħtu u qiegħed lil ħajtu fil-periklu. Is-snin li għadda fil-monasteru ta' Sant'Andrija, kif jistqarr huwa stess, kienu l-iktar ħienja ta' ħajtu - ħajja mehdija fil-penitenza, f'talb kontinwu, u

f'għemejjel ta' karita` lejn il-proxxmu. Għad li l-ħajja ta' San Girgor dment li kien jgħix fil-monasteru kienet waħda moħbija, iżda ħafna ntebħu bit-talenti tiegħu u bi qdusitu.

Is-servizz tiegħu lill-Knisja

Il-Papa Beneditt I (575-579), għażlu bħala konsultur tiegħu u wieħed mis-seba' djakni ta' Ruma biex jgħin fil-Liturġija u jieħu ħsieb il-foqra tal-belt ta' Ruma. Il-Papa Pelaġju II (579-590) bagħtu bħala apokrisarju jew rappreżentant pontifiċju fil-qorti ta' l-Imperatur Roman f'Kostantinopli fejn dam sitt snin. F'din il-belt kellu miegħu xi patrijiet li magħhom kien jitlob u jistudja. Hemmhekk ukoll kiteb il-ktieb magħruf tal-*Moralia* li hu kummentarju fuq il-ktieb ta' Ġobb.

Meta fis-sena 586 Gregorju rritorna minn Kostantinopoli għall-monasteru ta' Ruma, huwa ġie magħżul Abbati tiegħu. F'Ruma, San Girgor sar il-konsulent u segretarju tal-Papa Pelagju II (579-590) u meta dan miet fis-7 ta' Frar 590, kien magħżul minfloku b'vot unanimu.

Għamel kull ma seta' biex jeħles mid-dinjita` ta' Papa, saħansitra kiteb lill-Imperatur Mawrizju sabiex ma jikkonfermax, iżda fl-aħħar, San Girgor aċċetta, kontra qalbu, din ir-responsabbilta`. Din kienet ix-xewqa unanima tal-kleru, kif ukoll tas-Senat u tal-poplu ta' Ruma. Huwa ġie ikkonsagrat isqof fit-3 ta' Settembru 590.

Dak iż-żmien Ruma kien hemm il-pesta li qerdet ħafna ħajjiet. San Girgor ta' kull għajnuna li seta' lill-

morda u ordna li ssir purċissjoni ta' penitenza. Fi tmiemha, skond it-tradizzjoni, fuq il-quċċata tal-Kastell magħruf ta' Sant'Anġlu, deher Arkanġlu idaħħal ix-xabla fil-għant tagħha - sinjal mis-sema ta' tmiem il-pesta.

San Girgor baqa' jgħix l-ħajja sempliċi ta' patri anki bħala Papa - ħajja ta' umilta` u ta' faqar, ta' talb u ta' penitenza. Kien ta' saħħa dgħajfa u kien isofri kontinwament minħabba l-mard tiegħu, barra milli kien imfixkel mhux ftit bis-sitwazzjoni politika mwegħra ta' żmienu. Kompla bl-ikbar eżatezza d-dmirijiet tiegħu bħala Raġħaj tal-Knisja Universali. Kien l-ewwel wieħed li ħa għalih it-titlu ta' *Servus Servorum Dei*, - "qaddej tal-qaddejja t'Alla."

It-talb u l-penitenza tiegħu wassluh għal grad għoli ta' qdusija, u fost il-virtujiet l-oħra spikkaw fih tlieta; *rectitudo, discretio, u blandimentum* cioe`, rettitudni, diskrezzjoni jew prudenza, u ħlewwa jew imġieba tajba ma' kulħadd.

Il-Papa Girgor miet fit-12 ta' Marzu tas-sena 604 u ndifen fil-portiku tal-Bażilika ta' San Pietru. Halla warajh kitbiet u opri sbieħ li huma xhieda ta' għerf u ta' qdusija. Beda jissejjaħ il-Kbir minħabba s-siwi tal-pontifikat tiegħu.

Matul l-14-il sena tal-pontifikat wettaq ħidma pastorali, amministrattiva u ta' direzzjoni spiritwali. Kien riformatur tal-Kleru, fundatur tal-monasteri, u nnovatur fil-kamp liturġiku, teologu, kanonista, u mistiku. L-azzjoni tiegħu bħala Papa kellha influwenza kbira kemm fuq it-tagħlim tal-Knisja kif ukoll fuq id-dixxiplina, l-organizzazzjoni, u l-ħajja liturġika tagħha.

Kif nistgħu nimitawħ

Għad li għaddew 1400 sena minn mewtu, l-insara ta' llum għandhom ħafna x'jitgħallmu mid-Duttur tal-Knisja San Girgor il-Kbir.

Jeħtieġ li bħalu nkunu bnedmin li nfittxu lil Alla, ħerqana li nsiru nafuh dejjem aħjar, li nikbru fl-imħabba lejh, imħabba lesta għas-sagrifiċċji u għas-servizz tiegħu.

Igħallimna wkoll San Girgor, imħabba u rispett lejn il-Kotba Mqaddsa, li naqrawhom u nimmeditawhom ta' spiss biex fihom insibu l-manna li tgħajjex lir-ruħ, "għax mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla."

Jekk irridu nimitaw lil San Girgor hemm bżonn, li nikbru u nsiru aktar għorrief fil-virtujiet evanġeliċi ta' l-umilta` tas-sempliċita`, tal-faqar, u ma nħallux qalbna tintrabat mal-ġid ta' din id-dinja.

Virtu` oħra li tispikka f'San Girgor, u li jeħtieġ li ma tkunx nieqsa fina, hija l-ġenerożita` li biha kien dejjem attent sabiex jgħin lill-bnedmin fil-ħtiġijiet tagħhom tar-ruħ u tal-ġisem.

Ma nistgħux inħallu barra l-appostolat tiegħu kollu ħerqa, għax f'dan ukoll nistgħu nimitawh għall-inqas mill-bogħod. Nafu li fi żminijietna, l-appostolat mhux xi ħidma reservata biss għall-Papa, għall-isqfijiet, u għall-kleru, iżda anki l-lajċi nsara għandhom dan l-impenn fl-ambjent fejn ikunu. Huma wkoll, bit-talb, bis-sagrifiċċju u bl-azzjoni tagħhom jistgħu jagħtu sehemhom għat-tixrid tas-Saltna ta' Kristu.

Bl-interċessjoni ta' San Girgor il-Kbir Papa, il-Mulej isawwab fuqkom bil-kotra l-barkiet tiegħu.

Id-Devozzjoi tal-'Via Crucis'

(15-3-2004) 432/2004

L-insara, sa minn żminijiet bikrin, kellhom id-drawwa li jagħmlu vjaġġ twil u perikoluż biex imorru fl-Art Imqaddsa ħalli jżuru l-postijiet li Kristu qaddes bil-preżenza tiegħu matul ħajtu, fil-passjoni u f'mewtu. Dan il-vjaġġ kien isir bi tbatija u b'sagrifiċċju kbir u kienu jsejħulu "pellegrinaġġ."

Peress li huma ftit ħafna n-nies li setgħu jħallu pajjiżhom, u jsiefru biex iżuru l-Art Imqaddsa, il-Knisja ħasbet sabiex uliedha jkunu jistgħu jiksbu l-barkiet u l-ġid spiritwali, li jinkiseb mill-pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa, biex iżuru l-qabar ta' Kristu, billi waqt li jibqgħu f'arthom, jagħmlu d-devozzjoni tal-*Via Crucis*.

Il-patrijiet Franġiskani, li kienu jieħdu ħsieb il-postijiet imqaddsa fil-Palestina u kienu jafu b'liema qima l-insara kienu jżuruhom, kienu minn ta' quddiem li xerrdu d-devozzjoni tal-*Via Crucis*, fil-knejjes li kienu jiddependu minnhom fil-pajjiżi ta' l-Ewropa. Id-devozzjoni ta' l-istazzjonijiet tal-Passjoni tal-Mulej, saret hekk popolari, li wara ċertu żmien ġiet approvata għall-Knisja kollha u mżejna b'kotra ta' indulġenzi.

Għal ħafna żmien kienet popolari ħafna t-talba

tal-*Via Crucis*, komposta minn San Leonardo ta' Porto Maurizio li ġiet tradotta f'diversi lingwi.

Barra mill-istazzjonijiet tal-*Via Crucis* fil-knejjes bdew jiġu mwaqqfa wkoll stazzjonijiet għall-apert, speċjalment ħdejn xi Santwarji jew fuq xi għolja.

Biex wieħed jagħmel il-*Via Sagra* kif, jeħtieġ li jimxi minn stazzjon għall-ieħor u jimmedita fuq it-tbatija, il-Passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesu`. Meta jkun hemm kotra ta' nies jagħmlu l-*Via Sagra* flimkien, biżżejjed li xi ħadd minnhom iġorr is-salib u hu waħdu jimxi minn stazzjon għall-ieħor u l-oħrajn jibqgħu f'posthom u jgħidu flimkien it-talb u jimmeditaw.

Nirrikmanda b'qalbi kollha li speċjalment fir-Randan imqaddes tibqa' dejjem ħajja, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, il-prattika tal-*Via Sagra*, li hija espressjoni tad-devozzjoni u l-qima lejn il-Passjoni u l-mewt glorjuża ta' Kristu Sidna.

Il-Mulej Ġesu` li tant ħabbna u ta' ħajtu għalina fuq is-salib, jagħtikom is-sliem u l-barka tiegħu.

'Insaħħu Twemmina'
(14-4-2004) 433/2004

Huwa pjaċir tiegħi ngħarrafkom uffiċjalment li l-wieħed u erbgħin Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla s-sena ser jinżamm fil-parroċċa arċipretali taż-Żebbuġ, nhar il-Ħadd, 25 t'April fil-5.00p.m. Nistieden lill-membri tal-Kleru u lill-insara tad-djoċesi tagħna sabiex bħal fis-snin ta' qabel, jieħdu sehem f'għadd sabiħ, għall-attivitajiet ta' dan il-Kungress Djoċesan.

It-tema li ġiet magħżula għall-Kungress ta' din is-sena, hija "Insaħħu Twemminna", u fil-fehma tiegħi ma setax jintagħżel suġġett iktar adattat għaż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom, fil-bidu tat-tielet millenju, meta r-relativiżmu f'kull kamp u s-suġġettiviżmu qegħdin jagħmlu tant ħsara lill-fidi u l-imġieba nisranija, kważi f'kull pajjiż tad-dinja.

Ma' dak li ktibna dwar dan il-periklu, fil-pastorali kollettiva tagħna l-isqfijiet maltin għar-Randan 2004 nixtieq inżid ukoll li huwa d-dmir tagħna l-kattoliċi li nżommu bogħod mhux biss mill-ereżija, iżda wkoll minn kull tagħlim qarrieq li direttament jew indirettament jista' jwassal għaliha.

Illum hawn ħafna li jiftaħru bil-pluraliżmu, anki fil-kamp tat-teoloġija u fejn jidħol it-twemmin nisrani. Ma rridux ninsew pero` li l-pluraliżmu biex ikun wieħed san u li tabilħaqq jixraq lill-bniedem irid iżomm il-limiti tiegħu u ma joħroġx barra minnhom.

F'dawk li huma veritajiet fondamentali tat-tagħlim nisrani u l-misteri tar-Reliġjon tagħna, ma nistgħux ngħidu, li hemm ħafna veritajiet u mhux verita` waħda; iżda jeħtieġ ngħidu li hemm verita` unika u li din għandha tiġi mħarsa sewwa għaliex il-fehma kuntrarja għaliha hija fehma falsa u qarrieqa.

Hija l-verita` li rrivelalna Kristu u li l-Knisja b'mandat Tiegħu twassalha u tfissirha lilna. Hija l-verita` li aħna għandna nemmnu u nistqarru dwar Alla, u Ibnu Ġesu`. Kristu, u l-misteru tiegħu. Hija l-verita` li turina x'għandna nagħmlu biex ikollna l-ħajja ta' dejjem li wegħidna Kristu.

It-talba li għandna nagħmlu fl-okkażjoni tal-Kungress tax-Xirka, li sejrin niċċelebraw, kif ukoll ħafna drabi u ta' spiss matul ħajjitna, hija l-istess talba li għamlu l-Appostli meta qalu lil Ġesu` (Lq 17,5) "Kattar fina l-fidi." Din il-fidi meħtieġa fi tfulitna, f'żogħżitna, fis-snin tal-maturita` tagħna, u fi xjuħitna. Din il-fidi għandu x'jambiha kulħadd, għax mingħajrha ma nistgħux inkunu dixxipli ta' Kristu.

Mingħajr din il-fidi soda u personali, ma jistax ikun li jkollna reliġjon nisranija awtentika li kapaċi torjenta u tagħti direzzjoni lil ħajjitna kollha, ikunu x'ikunu l-istat tagħna u l-kundizzjoni u ċ-ċirkustanzi li nsibu ruħna fihom.

Il-Mulej Ġesu` li qam glorjuż mill-mewt isawwab fuqkom, mill-qalb ħanina tiegħu, kotra ta' barkiet, paċi u kull ġid spiritwali ieħor.

Id-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni
(1-7-2004) 435/2004

Fil-Knisja Universali, din is-sena qiegħed jiġi ċċelebrat il-mija u ħamsin anniversarju minn mindu l-Beatu l-Papa Piju Disgħa pproklama d-domma tat-Tnissil bla tebgħa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.

Fid-djoċesi tagħna, f'din is-sena wkoll jaħbat il-Ġublew tad-Deheb ta' l-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Qala, meta l-mibki Mons. Ġużeppi Paċe, Isqof t'Għawdex ta' dak iż-żmien qiegħed kuruna ta' deheb u ħaġar prezzjuż fuq ir-ras tax-xbieha tal-Imqaddsa Verġni Marija.

Fiċ-ċirkulari li kiteb bid-data tas-16 ta' Lulju 1954 huwa fisser it-tama u x-xewqat tiegħu b'dawn il-kelmiet; "Fl-1 ta' Awissu li ġej, ġrajja straordinarja li aħna xtaqna f'din is-Sena Marjana sabiex tibqa' tifkira għażiża taċ-ċentinarju tad-Domma ta' l-Immakolata Kunċizzjoni, l-Inkurunazzjoni cioe` tax-Xbiha tal-Verġni bla tebgħa meqjuma fis-Santwarju tal-Qala, sejra toffrilkom okkażjoni oħra l-aktar sabiħa li fiha ttennu b'turijiet speċjali ta' mħabba d-devozzjoni tagħkom u r-rabta ta' veri wlied ma' din l-Omm maħbuba li aħna dejjem sibna f'kull hemm u niket tagħna."

L-appell li għamel l-E.T. Mons Pace, ġie milqugħ tajjeb ħafna mill-poplu tad-djoċesi u l-ġrajja tant mistenija seħħet nhar il-Ħadd, 1 ta'Awissu 1954. L-Għawdxin mhux biss marru bi ħġarhom għall-funzjoni tal-inkurunazzjoni iżda kollha b'xi mod jew ieħor ħadu

sehem fil-festi, funzjonijiet u konferenzi li kienu saru dik il-ħabta fil-parroċċi kollha tal-gżira.

Matul in-nofs seklu li għadda l-qima lejn il-Madonna tal-Qala, kompliet tikber u sal-ġurnata ta' llum dan is-santwarju tagħha għadu ffrekwentat minn bosta devoti tagħha u l-pellegrinaġġi lejn l-istess ċentru marjan, huma numerużi wkoll.

Għall-ġid spiritwali, li nistgħu niksbu minn okkażjoni bħal din u bil-għan li tikber fina l-imħabba u l-venerazzjoni lejn il-Verġni Mbierka jixraq li dan il-Ġublew niċċelebrawh kif imiss u għalhekk ġie mħejji programm ta' attivitajiet li bih jistgħu jintlaħqu l-kategoriji kollha ta' nies. Inħeġġiġkom għalhekk li tieħdu sehem attiv fihom. Nistieden b'mod speċjali lill-insara tad-djoċesi biex jieħdu sehem waqt velja ta' talb għal paċi li fiha ser ikun hemm konċelebrazzjoni u pellegrinaġġ bi xbieha tal-Madonna. Din sejra tinżamm nhar it-Tlieta, 27 ta' Lulju mis-6.30 p.m. 'l quddiem fil-pjazza tal-Qala.

Nixtieq permezz ta' din l-ittra nirrikmandalkom ukoll sabiex matul dan il-Ġublew tad-deheb jiġu organizzati pellegrinaġġi għas-Santwarju marjan tal-Qala, biex tingħata qima lix-xbieha tal-Verġni Marija nkurunata.

Bix-xewqa li l-Verġni Marija Immakolata żżomkom dejjem taħt il-ħarsien tagħha.

L-Apostolat Katketiku

(9-9-2004) 437/2004

L-edukazzjoni reliġjuża hija qabel xejn u fuq kollox, ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu "l-Imgħallem interjuri" li jdawwal il-moħħ u jqanqal ir-rieda ta' l-iskulari tiegħu, biex jagħrfu l-verita` li tista' ssalvahom u jgħixu ħajja tajba skond it-tagħlim ta' Kristu. F'jum l-Għid il-Ħamsin, Hu beda jwettaq fil-berah din il-ħidma tiegħu u jibqa' jwettaqha sa l-aħħar taż-żminijiet.

Il-ħidma bla waqfien ta' l-Ispirtu s-Santu tilħaq b'mod sħiħ l-għan tagħha meta jkun hemm il-koperazzjoni tal-bniedem, u fil-każ ta' l-edukazzjoni reliġjuża dawn huma sewwa l-katekisti kif ukoll it-tfal jew l-adolexxenti li jirċievu t-tagħlim mill-ħidma kateketika.

Meta nitkellmu dwar katekisti f'pajjiżna, jixraq li qabel xejn rroddu ħajr lil Alla li pprovdielna eżerċtu ta' rġiel u nisa dedikati għal din l-ħidma fejjieda ta' evanġelizzazzjoni. Ta' min isemmi qabel xejn il-membri tas-Soċjeta` tal-M.U.S.E.U.M., imwaqqfa mill-Beatu Dun Ġorġ Preca, kif ukoll membri ta' Għaqdiet kattoliċi oħra u l-voluntari kollha li jagħmlu dan ix-xogħol, anke dawk li ma huma f'ebda għaqda. Lil dawn kollha, għandna nuruhom rikonoxxenza għaliex qegħdin jagħtu kontribut prezzjuż għall-edukazzjoni reliġjuża tal-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Iżda meta nitkellmu dwar it-tfal u l-oħrajn li huma mistiedna biex jirċievu l-messaġġ nisrani, ma nistgħux ngħidu li aħna kuntenti bir-rispons tagħhom.

Xi whud mit-tfal u mill-adolexxenti ma humiex qegħdin jieħdu l-profitt kollu li jistgħu mil-lezzjonijiet u l-laqgħat li jsiru għalihom. Fid-dinja ta' llum t-tfal għandhom ħafna distrazzjonijiet li jfixkluhom milli jiffrekwentaw iċ-ċirkoli u d-djar tad-duttrina u milli joqogħdu attenti għat-tagħlim. Jiddispjaċini wkoll illi f'xi każijiet, forsi mhux ħafna, jkunu l-ġenituri stess li ma japprezzawx biżżejjed l-edukazzjoni reliġjuża ta' wliedhom u t-tagħlim kateketiku li jingħatalhom, u itellfuhom l-attenzjoni tagħhom waqt it-tagħlim u ma jinsistux biżżejjed magħhom biex jattendu għal-lezzjonijiet tad-duttrina bla ma jfallu ebda waħda u biex joqogħdu attenti ħalli jagħmlu progress.

Barra minn hekk inkunu nagħmlu żball jekk nikkonkludu li t-tagħlim kateketiku għandhom jieħduh biss it-tfal li jkunu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina jew li ser jieħdu l-Konfirmazzjoni. L-anqas ma nistgħu nillimitaw jew naħsbu li t-tagħlim kateketiku jista' jieqaf meta t-tfal jieħdu l-Griżma ta' l-Isqof, jew li ż-żgħażagħ u l-kbar ma għandhomx dmir li jirċevuh huma wkoll. Għalhekk irridu nosservaw ir-riżoluzzjoni numru 4 tas-VII Kungress Pastorali Djoċesan li tgħid; "Il-Katekeżi f'kull eta` mhux biss liż-żgħar imma wkoll lill-kbar hija bżonn urġenti fiż-żminijietna u f'pajjiżna. Il-Knisja lokali toffri is-servizz tagħha għal dan l-iskop, speċjalment bil-klassijiet tad-duttrina u l-laqgħat ta' tagħlim."

Sabiex insaħħu dan l-appostolat tat-tagħlim tal-katekiżmu u nħejju għalih mill-aħjar li nistgħu, bħas-snin l-imgħoddija ser tinżamm il-Ġimgħa Kateketika mis-19 sas-26 ta' Settembru li ser ikollha

bħala tema ġenerali; "Formazzjoni tal-Qalb; Ħidma essenzjali ta' l-attivita` Kateketika."

Nixtieq nistieden u nħeġġeġ lill-kattoliċi kollha tad-djoċesi, sabiex jieħdu sehem fl-attivitajiet li ser isiru matul din il-ġimgħa, kemm fuq bażi djoċesana, kif ukoll fuq bażi parrokkjali.

B'mod partikolari nixtieq nagħmel appell lill-ġenituri, li għandhom tant għożża ta' uliedhom u mħabba sinċiera lejhom, sabiex ma jċaħħduhomx minn din l-għajnuna ta' l-edukazzjoni reliġjuża li hija tant meħtieġa sabiex it-trobbija tagħhom tilħaq il-għan tagħha u meta jikbru jkunu ċittadini li jagħmlu ġieħ lill-art twelidhom, u wlied kif tixtieqhom l-Knisja, l-Omm tagħna lkoll.

Bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka, l-Imgħallem Divin tagħna, Sidna Ġesu` Kristu, jagħtikom is-sliem tiegħu.

Is-Sena Ewkaristika - Sena ta' Grazzja
(25-10-2004) 439/2004

Fl-ittra Appostolika "*Mane Nobiscum, Domine*" li bagħat il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-7 t'Ottubru dwar is-Sena Ewkaristika, qal; "ma nitlobx li jsiru affarijiet straordinarji iżda li l-inizjattivi kollha jkollhom il-marka tal-ħajja profondament interjuri. Din is-Sena ta' Grazzja tkun kisbet riżultat tajjeb, anke jekk l-frott tagħha jkun jikkonsisti biss li fil-komunitajiet insara kollha terġa' tingħata ħajja liċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Ħadd u li toktor l-Adorazzjoni Ewkaristika barra mill-Quddiesa.

Madan kollu jkun sewwa li nħarsu fil-għoli u ma nikkuntentawx b'mezzi medjokri, għaliex nafu li fuq l-għajnuna t'Alla aħna għandna nafdaw dejjem."

Fi tmiem l-ittra tiegħu l-Papa għamel sejħat lil diversi kategoriji u lill-insara kattoliċi kitbilhom: "Intom insara, skopru mill-ġdid id-don ta' l-Ewkaristija bħala dawl u qawwa għall-ħajja tagħkom ta' kuljum fid-dinja, fit-twettieq tal-ħidmiet rispettivi tagħkom u f'kuntatt mas-sitwazjonijiet diversi. Fuq kollox, agħrfu mill-ġdid dan id-don biex tgħixu s-sbuħija u l-missjoni tal-familja."

Għad-djoċesi u għall-parroċċi tagħna, aħna qegħdin nipproponu xi attivitajiet għal matul is-Sena Ewkaristika, u nixtieq li jsiru u jagħtu l-frott tagħhom; rigward dawn l-inizjattivi nixtieq insemmi l-punti li ġejjin:

(i) L-importanza li għandha tingħata lil-laqgħa tal-komunita` nisranija għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tal-Ħadd.

(ii) Iktar tagħlim dwar it-tifsira profonda tal-Quddiesa u tal-Liturġija tagħha, u insistenza biex ikun hemm parteċipazzjoni attiva ta' dawk li jkunu preżenti.

(iii) Biex it-tqarbin ikun iktar ta' spiss, l-insara għandhom jitħeġġu għall-attendenza fil-Quddiesa tal-ġranet ta' matul il-ġimgħa ħalli jitqarbnu wkoll fiha, jekk ikunu disposti.

(iv) L-importanza tal-festi u proċessjonijiet ewkaristiċi bħal ma huma dawk tal-*Corpus Domini* u tal-Ġimgħa Ewkaristiku-Liturġika.

(v) It-Tqarbina Spiritwali jew Tqarbina tax-Xewqa, meta wieħed, għal xi raġuni jew oħra, ma jistax jersaq għas-sagrament ta' l-Ewkaristija.

(vi) L-Adorazzjoni Ewkaristika, taħt l-għamliet kollha tagħha, anki l-Adorazzjoni ta' bil-lejl.

(vii) L-insara jiġu mħeġġin li jagħmlu żjara ta' kuljum lil Ġesu` Ewkaristija u l-meditazzjoni mill-inqas ta' għaxar minuti, li ssir privatament, l-aħjar quddiem it-tabernaklu.

(viii) It-tfal, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ u l-membri kollha tal-familja jiġu mħeġġin biex jgħixu iktar fil-qrib f'għaqda ma' Kristu, bis-sehem fil-Quddiesa, bil-Qrar u t-Tqarbin, u bit-talb quddiem l-Ewkaristija.

(ix) Tisħiħ ta' l-ispirtu missjunarju u ta' l-impenn għall-għajnuna tal-foqra, permezz ta' l-Ewkaristija, li hija l-għajn ta' kull ħidma ta' appostolat.

(x) Tiġdid permezz ta' l-Ewkaristija, fil-fidi, fl-ispirtu ta' sagrifiċċju, u fid-disponibbilta` għall-komunjoni u qadi ta' l-oħrajn.

Il-Feddej tagħna Ġesu` Kristu, mill-Ewkaristija, isawwab fuqkom il-grazzji tiegħu.

Is-Sbatax-il Ċentinarju ta' Santa Luċija
(29-11-2004) 440/2004

Fl-innu tat-"*Te Deum*" l-Knisja tkanta l-glorja t'Alla u tgħidilna: "Lilek ifaħħru l-qtajja tal-martri rebbieħa kollhom bjuda". Dawn il-kelmiet insibuhom ukoll fil-ktieb ta' l-Apokalissi; "l-ilbies tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf" (7,14), huma l-martri, li msieħba fis-sagrifiċċju tal-Ħaruf Immakulat, ċarċru demmhom biex jistqarru l-fidi tagħhom u mħabbithom lejn Kristu.

Il-martri tal-Knisja nsibuhom f'kull żmien sa mill-bidu u anki fi żminijietna. Imma speċjalment fil-persekuzzjonijiet li għaddiet minnhom il-Knisja fl-ewwel tliet sekli, l-għadd tagħhom kien kotran. Waħda minn dawn il-vittmi tal-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu kienet Santa Luċija, li din is-sena qiegħed jiġi ċċelebrat is-sbatax -il ċentinarju tal-mewt glorjuża tagħha.

Skond it-tradizzjoni antika, S. Luċija kienet ġejja minn familja nobbli twieldet u għexet f'Sirakuża fi Sqallija, u ġiet imrobbija bħala nisranija minn ommha. Luċija marret ma' ommha li kienet marida sa Katanja biex iżuru l-qabar ta' Sant Agata Verġni u martri u jitolbu flimkien għall-fejqan ta' l-omm. Sant Agata tat l-fejqan lil ommha u qalet lil Luċija li hija wkoll kienet ser tirċievi l-martirju. Wara l-fejqan mirakuluż ta' ommha, Luċija, qalgħet il-permess tagħha biex tista' tagħmel il-wegħda tal-verġinita` u tqassam ġidha lill-foqra. Din id-deċiżjoni mliet bl-għadab lil dak li miegħu kienet ġiet mgħarrsa kontra qalbha u għalhekk dan xlieha lill-Konslu Paskasju, li hi kienet nisranija. Luċija baqgħet sħiħa fid-deċisjoni

tagħha u fi twemminha anke meta ġiet imressqa quddiem it-tribunal u pprovaw iġelgħuha tbiddel fehemitha. Hija ħabbret il-mewt ta' l-imperatur u l-paċi li kellha tgawdi l-Knisja. Mietet martri meta rasha ġiet maqtugħa b'daqqa ta' xabla fis-sena 304, wara Kristu. Hija qaddisa popolari ħafna f'diversi pajjiżi ta' l-Ewropa.

B'interċessjoni tagħha jitolbu l-fejqan dawk li jbatu b'għajnejhom, telf tad-demm u mard epidemiku, u qalgħu ħafna minnhom il-grazzji li xtaqu. S. Girgor il-Kbir jagħti ħjiel dwarha fil-ktieb tiegħu "Id-Djalogi". Diversi qaddisin fosthom S. Tumas d'Aquino kienu devoti tagħha.

S. Luċija Verġni u Martri li qassmet ġidha lill-foqra, ħarset is-safa tagħha mit-theddid, u ma beżgħetx tistqarr il-fidi tagħha sal-martirju hija xempju mill-isbaħ għall-insara ta' żminijietna speċjalment iż-żgħażagħ. Dan għaliex forsi qatt fl-imgħoddi daqs kemm illum ma kienu qawwija l-mewġiet ta' l-immoralita`, u ma kienet tinħass il-vjolenza tat-tentazzjonijiet, bħal ma huma r-regħba għall-ġid tad-dinja, il-għatx għall-pjaċiri tal-ġisem bla rażan, iċ-ċaħda tal-fidi u tal-valuri tal-Vanġelu.

Is-sena li qegħdin niċċelebraw iċ-ċentinarju tal-martirju ta' S. Luċija, nirrikorru għall-patroċinju tagħha sabiex tagħtina d-dawl li neħtieġu ħalli nagħrfu ngħixu kif imiss il-ħajja nisranija u noħorġu rebbieħa fit-taqbidiet spiritwali tagħna.

Alla l-Missier, bl-interċessjoni ta' Santa Luċija, Verġni u Martri, jħeġġeġ f'qalbkom imħabba kbira lejn Ibnu Ġesu`.

Dmirijiet lejn l-Ewkaristija
(22-1-2005) 442/2005

L-għanijiet li għalihom tiġi ċċelebrata l-Quddiesa, huma l-adorazzjoni, ir-radd il-ħajr, t-tpattija għad-dnubiet, u biex naqilgħu l-grazzi mingħand il-Mulej. Il-Knisja tixtieq li aħna li nieħdu sehem fis-Sagrifċċju Ewkaristiku, ningħaqdu ma' Kristu, is-Saċerdot Ewlieni sabiex flimkien miegħu naduraw lil Alla, nirringrazzjawh ta' dak kollu li jagħmel magħna, nuru ndiema ta' dnubietna u inpattulu għalihom, nitolbuh dak li neħtieġu għar-ruħ u għall-ġisem. Matul din is-sena dedikata għall-Ewkaristija, jeħtieġ li b'ħeġġa akbar mis-soltu nwettqu dawn id-dmirijiet tagħna lejn Kristu fis-Sagrament ta' mħabbtu u nirriflettu daqxejn iktar fit-tul dwar l-aspetti kollha tal-misteru Ewkaristiku.

Jixraq ukoll li bħala nsara li nemmnu fl-Ewkaristija, ikollna dawn is-sentimenti sbieħ li semmejna, mhux biss waqt il-Quddiesa, iżda wkoll qabel u wara, kif ukoll li nġedduhom u nesprimuhom ta' spiss matul ħajjitna, speċjalment fil-ħin ta' l-adorazzjoni Ewkaristika u fiż-żjariet li nagħmlu lil Ġesu` Sagramentat.

Ta' min ifakkar, li fost l-erba' fehmiet jew intenzjonijiet li semmejna, hija ta' ħtieġa speċjali l-espjazzjoni jew it-tpattija għad-dnubiet, peress li waqt li Alla huwa l-istess qdusija, aħna midinbin u midjunin miegħu. Tabilħaqq, id-devozzjoni Ewkaristika ma tistax tkun nieqsa mix-xewqa li noffru riparazzjoni jew tpattija għall-ħtijiet ta' l-umanita`. Jekk inħobbu 'l Kristu verament, għandna nħossu d-dmir u l-ħtieġa li npattulu għad-dnubiet tagħna nfusna u tal-bnedmin l-oħra. Ġesu`

nnifsu, meta deher lil Santa Margerita Marija Alacoque, ilmenta mill-offiżi li jsirulu u talabha tirripara għalihom billi titlob għall-midinbin u tishar f'riġlejh, quddiem it-tabernaklu mqaddes. Kemm dagħa u ħalf falz, inġustizzi ta' kull xorta, dnubiet taż-żina, delitti kontra l-ħajja u sagrileġġi jsiru ta' kuljum joffendu l-Qalb ħanina tal-Feddej tagħna!

Jekk din it-tpattija hija meħtieġa matul is-sena kollha, wisq u wisq iktar hemm postha fil-ġranet tal-Karnival li għal xi whud huma ġranet ta' tbahrid bla raġan, ikel u xorb żejjed u ħafna abbużi oħra.

Huwa veru li l-bniedem għandu bżonn il-mistrieħ wara l-ħin tax-xogħol tiegħu u bla dubju ta' xejn, id-divertiment onest huwa leċitu u l-insara jistgħu joffruh ukoll lil Alla, u jiksbu mertu tiegħu. Difatti San Pawl jgħidilna: "Sew jekk tieklu, sew jekk tixorbu, tagħmlu x'tagħmlu, agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla" (1 Kor., 10,31).

Iżda, mill-banda l-oħra, meta l-bniedem ma jżommx il-qies f'dak li jagħmel ikun jiżbalja, jagħmel ħsara f'ruħu u f'ġismu u joffendi 'l Alla. Għalhekk San Pawl wissiena "Ngħixu kif jixraq, mhux bl-ikel iżżejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbahrid, mhux bil-ġlied u l-għira. Imma ilbsu lil Sidna Ġesu` Kristu u ħallikom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu" (Rom.13,12).

Ħafna drabi meta jsiru l-abbużi li semmejna, jidħlu wkoll l-iskandlu u l-koperazzjoni fid-dnub ta' l-oħrajn, u min jagħmel hekk irid jagħti kont l-iktar serju lil Alla. Għadhom jgħoddu wkoll għaż-żminijiet moderni tagħna

il-kelmiet ta' Kristu: "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li idendlulu ma' għonqu ġebla tat-thin minn dawk li jdawru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ ta' baħar. Ħażin għaliha d-dinja minħabba l-iskandli! Għax jeħtieġ li l-iskandli jsiru, imma ħażin għalih dak il-bniedem li minħabba fih isiru l-iskandli" (Mt., 18,6-7). Min huwa fid-dmir li ma jippermettix li jsiru abbużi fil-pubbliku għandu jieħu l-prekawzjonijiet u l-passi kollha meħtieġa, biex dawk jiġu evitati. Nixtieq infakkar ukoll lill-ġenituri, li ma għandhomx iħallu lil uliedhom imorru f'dawk il-postijiet fejn ikun hemm il-periklu li jistgħu jiskandalizzaw ruħhom.

Waqt li nistieden lill-insara tad-djoċesi tagħna, sabiex isaħħu fihom id-devozzjoni għall-Ewkaristija, fost l-oħrajn billi jagħmlu t-Tqarbina ta' riparazzjoni ta' l-ewwl Ġimgħa u l-ewwel Sibt tax-xahar kif ukoll biex jagħmlu talb u għemil ieħor ta' tpattija, nixtieq li matul il-jiem tal-Karnival fil-knejjes ikun hemm xi ħin għall-adorazzjoni.

Nitlob fuqkom il-barka tal-Mulej, u l-assistenza tiegħu fil-mumenti kollha ta' ħajjitkom.

Il-Festa tal-Ħniena Divina

(18-3-2005) 443/2005

Alla Missierna tas-smewwiet dejjem u kull fejn inkunu jaħseb fina u bi ħniena bla tarf imexxina bl-imħabba u bit-tjubija għall-ġid veru tagħna.

Alla huwa bla qies fil-perfezzjonijiet kollha Tiegħu; hekk ukoll il-ħniena li huwa għandu għalina hija infinita, u hekk setgħana li tista' tirbaħ kull tfixkil.

Aħna neħtieġu din il-ħniena ta' Alla, għaliex kbira ħafna l-miżerja tagħna. Bħala bnedmin aħna dgħajfa u neħtieġu min jitfa ħarsa ta' ħniena fuqna u jgħinna fid-debolizzi tagħna. Iżda wisq iktar, bħala midinbin, hija bħal toqol kbir għalina il-miżerja spiritwali tagħna, jiġifieri d-dnubiet li bihom tgħabbejna. Kien dan il-pis enormi tad-dnubiet ta' l-umanita`, li Kristu ra quddiem għajnejh meta kien fil-ġnien tal-Ġetsemani u ħassu mbeżża u mdejjaq u qal: "Inħossni mnikket għall-mewt" (*Mk.* 14,33-34).

Imma jekk kbar u bla għadd huma d-dnubiet, hija wisq akbar il-ħniena infinita ta' Alla, li dehret fi Kristu, u kif hu ħafer id-dnubiet dejjem lest li jaħfer lil min jindem minn ħtijietu.

F'dawn l-aħħar snin, bdiet issir fil-Knisja Kattolika l-festa tal-Ħniena Infinita` ta' Alla, fil-Ħadd ta' wara l-Għid. Jixraq li f'dan il-jum, rroddu ħajr lill-Ħniena infinita` ta' Alla, u nagħmlu wkoll proponiment li noffrulu tpattija għall-offiżi li jsirulu bi dnubietna.

Fil-Ħadd 10 t'April 2005 ser jiġi ċċelebrat fil-parroċċa tal-Fontana t-42 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, biex flimkien infaħħruh u npattulu għad-dagħa li bih ħafna bnedmin joffenduh. Is-suġġett ser ikun "Tpattija Ewkaristika għad-dnubiet ta' l-umanita`."

Difatti, permezz tal-Ewkaristija, cioe` fil-Quddiesa, aħna nistgħu mhux biss naduraw lil Alla, irroddulu ħajr, nitolbuh l-grazzi għalina u għall-oħrajn, iżda wkoll noffrulu tpattija xierqa għal ħtijietna.

Nistedinkom, sabiex bħal fis-snin l-imgħoddija issegwu l-programm ta' dan il-Kungress, u tieħdu sehem ukoll f'għadd sabiħ fil-konklużjoni tiegħu li ssir nhar il-Ħadd 10 t'April 2005 wara nofs in-nhar.

Il-Mulej ikollu ħniena minna u jberikna lkoll.

1. IT-TWETTIQ TAL-KONĊILJU U L-EKUMENIŻMU

(8-1-2001) 398/2001

Is-Sena tal-Ġublew Imqaddes intemmet, iżda ma ntemmx l-impenn tiegħu li mhux biss bħala individwi iżda wkoll bħala komunita` nipprovaw nagħrfu s-sinjali ta' żminijietna u nagħmlu ħilitna biex inwettqu dak li Alla jrid minna, anki bħala Knisja Lokali.

Wieħed mir-rigali kbar li Alla ta lil Knisja tiegħu. matul is-seklu li għadda, kien il-Konċilju Vatikan II. Għad li ilu li sar kważi 40 sena, ċerti temi importanti li tkellem fuqhom għadhom validi sa llum imma għadna ma wettaqniex dak kollu li l-Konċilju jitlob minna.

Ftit wara dan il-Konċilju, fil-bidu tal-pastorali tiegħi bħala isqof tletin sena ilu, kont spjegajt liema huma u xi jfissru dawn it-temi u x'għandu jsir biex ma jibqgħux biss fuq il-karta; iżda minkejja li għadda tant żmien ma nistgħux ngħidu li kollox twettaq u ma baqa' xejn xi jsir. Tajjeb għalhekk li nerġgħu nsemmuhom biex ikunu bħal mera fejn irridu naslu u f'liema direzzjoni nimxu. Fost is-sinjali pożittivi li jissemmew bħala fermenti ta' spiritwalita` ġdida, hemm ir-riformi liturġiċi , l-ispiritwalita` Ewkaristika u l-ispirtwalita` Marjana,

it-tagħlim kateketiku, il-ħidma appostolika tas-sekolari, l-attivita` missjunarja u ekumenika tal-Knisja (fil-*Kelma tar-Raghaj*, I, Għawdex1974,223).

Iżda peress li qed toqrob il-Ġimgħa ta' talb għall-Unita` tal-Knejjes Insara, li tinżamm mit-18 sal-25 ta' Jannar, xtaqt li ngħid kelma dwar l-Ekumeniżmu u d-Digriet *Unitatis Redintegratio*. F'dan id-Digriet tal-Konċilju Vatikan II f'numru 4 naqraw li "Dan is-Sinodu Mqaddes iħeġġeġ lill-fidili kattoliċi kollha sabiex, fil-waqt li jagħrfu s-sinjali taż-żminijiet, jieħdu sehem bil-ħerqa kollha fil-ħidma ekumenika." F'pajjiżna l-attivita` ekumenika, tikkonsisti l-iktar fit-talb li nagħmlu għal dan il-għan.

Is-suġġett li ġie magħżul għall-Ġimgħa ta' talb għall-Unita` għas-sena 2001 huwa meħud mill-Vanġelu ta' San Ġwann "Jiena t-triq, is-sewwa u l-ħajja" (Ġw.14,1-6).

Fil-ġranet ta' dan l-Ottavarju fil-knejjes kollha qabel il-Barka Sagramentali għandha tingħad din it-talba:

"Alla Missier Tagħna ressaq lejn xulxin il-qlub ta' dawk li jemmnu fik sabiex ifaħħruk u jħabirku għat-tiġdid u għar-rikonċiljazzjoni. Jalla jintrebħu l-firdiet li jeżistu fost l-insara. Agħmilna ħaġa waħda fil-fidi u fl-imħabba waqt li nimxu ma' Kristu biex insibu l-hena tas-Saltna Eterna tiegħek. Bl-istess Kristu Sidna."

Fit-talba tal-fidili tal-Quddies tal-ġranet imsemmija tingħad din l-invokazzjoni:

"Sabiex dawk kollha li jemmnu fi Kristu u rċievew il-Magħmudija Tiegħu jsibu l-verita` u jitħeġġu fl-imħabba ta' l-aħwa u b'hekk ikun hemm merħla waħda taħt Ragħaj wieħed."

Nixtieq fl-aħħarnett nistedinkom għas-Servizz Ekumeniku organizzat mil-Leġjun ta' Marija li ser jinżamm fil-Kattidral, nhar l-24 ta' Jannar 2001, fis-6.00 ta' fil-għaxija. Hemm il-ħsieb li dan is-Servizz jibqa' kompli jsir ta' kull sena, kull darba f'parroċċa differenti.

Ġesu`, ir-Ragħaj it-tajjeb jmexxikom f'mergħat kollha bnina u jimliekom bil-barka tiegħu.

2. JUM IL-ĦAJJA KONSAGRATA
(30-1-2001) 399/2001

Fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, li nsejħulha ukoll il-Kandlora, skond ix-xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II jiġi ċċelebrat ukoll Jum il-Ħajja Konsagrata.

Fl-Eżortazzjoni Appostolika post-sinodali, *"Il-Ħajja Konsagrata"* tal-25 ta' Mejju 1996, il-Papa jkellimna fit-tul dwar il-ħajja konsagrata u l-missjoni tagħha fil-Knisja u fid-dinja.

F'din l-Eżortazzjoni, il-Papa jħeġġeġ lill-persuni konsagrati biex "minn jum għal ieħor jiġġeddu fi Kristu u bl-ispirtu tiegħu jibnu komunitajiet" li jgħinu fit-tiġdid tad-dinja bil-mod propju tagħhom; jgħidilna wkoll li

l-Knisja tistenna li l-insara jitolbu bla heda għall-persuni ikkonsagrati biex bil-ħeġġa u l-ħila tagħhom għall-imħabba jaslu biex ixerrdu l-fwieħa ta' Kristu fis-soċjeta` ta' llum.

L-Eżortazzjoni issemmilna ħafna suriet ta' ħajja konsagrata, bħalma huma l-ħajja monastika, l-ordni ta' l-eremiti, l-istituti dedikati għall-kontemplazzjoni, il-ħajja reliġjuża appostolika, l-istituti sekulari u oħrajn.

Fid-djoċesi tagħna għandna l-Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet Reliġjużi, maskili u femminili, "li fihom għadd ta' persuni ċaħdu d-dinja u ngħataw lil Alla permezz tal-professjoni pubblika tal-Kunsilli Evanġeliċi skond il-kariżma speċifika u f'sura ta' ħajja komunitarja stabbli".

Reċentament nibtu wkoll fid-djoċesi tagħna l-istituti sekulari li l-membri tagħhom "ifittxu li jwettqu l-konsagrazzjoni tagħhom lil Alla huma u jgħixu fid-dinja skond il-voti tal-faqar, ubbidjenza u kastita`, mhux mifrudin mill-ħajja kulturali, politika u ekonomika tas-soċjeta`."

Jixraq li f'dan il-Jum tal-Ħajja Konsagrata, irroddu ħajr lil Alla ta' dan id-don li huwa kontinwament jagħti lil Knisja tiegħu. Irroddu ħajr ukoll lill-persuni konsagrati għall-ġid li huma jwettqu kontinwament fil-ħajja tal-Knisja u tas-soċjeta` tagħna. Fl-aħħarnett, għandna nwettqu wkoll l-obbligu tagħna li nitolbu għalihom biex il-Mulej isawwab fihom dejjem iktar l-ispirtu ta' qdusija u jkattar l-għadd tagħhom b'vokazzjonijiet ġodda.

L-Ispirtu tal-Mulej isawwab f'qalbkom il-karita' u l-qdusija.

3. IS-SEBA' VISTA PASTORALI
(6-2-2001) 400/2001

Il-Vista Pastorali hija drawwa antika fil-Knisja ta' Kristu kemm fil-Lvant u kif ukoll fil-Punent. Madanakollu għadha utli u meħtieġa anke għaż-żminijiet ta' llum; difatti l-kanoni 396 par.1 tal-liġi ekkleżjastika jsemmi l-obbligu ta' l-Isqof li jżur id-djoċesi tiegħu

Matul il-Vista Pastorali l-Isqof barra milli jieħu sehem f'xi ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-parroċċi, jkollu okkażjoni jiltaqa' mal-Kleru u mar-Reliġjużi kif ukoll mal-Lajċi impenjati fl-appostolat ħalli jagħraf aħjar il-problemi tagħhom, jagħmlilhom il-kuraġġ biex iwettqu l-ħidma tagħhom għal bini tas-Saltna t'Alla.

Nixtieq ngħarrafkom għalhekk li bil-għajnuna t'Alla għandi fi ħsiebi nagħmel is-seba' Vista Pastorali tiegħi fid-Djoċesi Għawdxija u li din tibda fl-ewwel Ħadd tar-Randan fl-4 ta' Marzu 2001 fil-Kattidral u wara tkompli fil-parroċċi, fil-knejjes u fil-postijiet li jiddependu minni.

Is-sena l-oħra kien ġie mħejji u approvat il-Pjan Pastorali Kwinkwennali 2001-2005 bl-isem *Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-bidu ta' Millenju Ġdid.* Matul din il-Vista Pastorali beħsibni nżomm quddiem għajnejja dan il-Pjan u li nagħmel verifika biex inkun naf xi twettaq minnu u x'għadu ma twettaqx.

Waqt li tkun issir il-Vista Pastorali fil-Parroċċi jiena nixtieq li nieħu sehem fil-laqgħa tal-Presbyterium Parrokkjali, tal-Kunsill Parrokkjali u tal-Kumitati għal ħidmiet pastorali.

Jixraq li kull saċerdot isib ftit tal-ħin biex jiltaqa miegħi jew ma' xi wieħed mill-konviżitaturi biex jitkellem dwar il-ħajja spiritwali tiegħu nnifsu jew dwar il-ħidmiet pastorali afdati f'idejh. Il-laqgħa miegħi tista' ssir jew fil-parroċċa meta niġi għall-vista ta' l-oġġetti sagri jew il-Kurja t'Għawdex fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju jew fi kwalunkwe okkażjoni oħra. Huwa importanti wkoll li matul il-Vista nżur l-iskejjel speċjalment dawk li huma tal-Knisja kif ukoll postijiet oħra fejn isir tagħlim reliġjuż.

Il-quddiem tirċievu direttivi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Vista Pastorali.

Jiena nistenna li għall-ġid tal-komunita` kattolika ta' gżiritna inkom tagħtuni l-kooperazzjoni lejali tagħkom kif ukoll li tgħinuni bit-talb għas-suċċess tal-Vista Pastorali.

Il-Mulej ir-Raġħaj it-tajjeb iseddaqkom f'imħabbtu.

4. IT-38 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(17-4-2001) 401/2001

Nixtieq nfakkarkom li nhar il-Ħadd 29 t'April 2001 għandu jsir it-tmienja u tletin Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Din is-sena jmiss li jsir fil-Parroċċa ta' l-Għasri u s-suġġet magħżul għal Kungress huwa "Infaħħru ma' Marija, l-kobor tal-Mulej."

Fil-għaxija, jkun hemm Korteo li jibda fil-5.00p.m. u wara jsiru xi diskorsi fil-berah u tingħata wkoll il-Benedizzjoni Ewkaristika.

Bħala turija tal-fidi tagħna fi Kristu, Alla u Feddej tagħna, jixraq li nieħdu sehem f'għadd sabiħ f'dan il-Kungress biex flimkien infaħħru lil Alla u nisimgħu wkoll xi tagħlim li jista' jiswielna.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex issa li qiegħed joqrob Mejju, niftakru nwettqu drawwa wisq għażiża f'pajjiżna billi niddedikaw dan ix-xahar lil Madonna u f'kull ġurnata tiegħu nagħmlu xi għemil ta' qima lilha. Mhux biss fil-knejjes iżda wkoll fid-djar u fl-iskejjel, jixraq li ix-xbieha tal-Madonna tiġi mqiegħda f'post prominenti u mżejna mill-aħjar, ħalli jinġabru madwarha, biex jgħidu t-talb tagħhom.

Il-Madonna thariskom u tkattar fikom l-imħabba lejn Binha Ġesu`.

5. IŻ-ŻJARA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II
(5-5-2001) 403/2001

Nixtieq inwasslilkom xi direttivi oħra li ġew mogħtija mill-organizzaturi taż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'pajjiżna fil-jiem ta' 8 u 9 ta' Mejju 2001.

1. Kulħadd huwa mistieden u mħeġġeġ sabiex jieħu sehem fil-Quddiesa tal-Beatifikazzjoni. Minħabba li l-funzjoni fuq il-Fosos ser tibda fit-8.15 a.m., huwa mitlub li l-Quddies fil-knejjes, għal dak inhar fil-għodu jieqaf kmieni sabiex min m'għandux l-opportunita` li jieħu sehem fil-funzjoni jkun liberu li għall-inqas isegwi l-funzjoni fuq ir-radju jew televiżjoni.

2. Waqt li tkun għaddejja l-karozza tal-Papa, ma għandhomx jitwaddbu lejha, la fjuri u l-anqas ebda ħaġa oħra.

3. Is-saċerdoti konċelebranti - ħlief fil-kas li xi individwu għandu struzzjoni partikolari - għandhom ikunu fi-knisja parrokkjali ta' San Publiju mhux aktar tard mit-8.00 a.m. għaliex fit-8.15 tibda ħierġa l-purċissjoni għall-Quddiesa. Ħadd ma jkun jista' jieħu sehem fil-Konċelebrazzjoni wara li jingħalaq il-bieb tal-knisja ta' San Publiju. Is-saċerdoti għandhom iġibu biss alba mingħajr bizzilla u ċ-ċinglu. L-istola tingħatalhom miċ-ċeremonier u wara tinżamm bħala rigal ta' Monsinjur Arċisqof b'tifkira ta' din l-okkażjoni.

4. Għandhom jittajjru l-bnadar fuq il-Knejjes Parrokkjali, tar-Reliġjuži u fuq il-knejjes l-oħra bħal fil-festa titulari.

5. L-istess knejjes għandhom possibilment jixegħlu l-faċċata u l-koppla nhar it-Tlieta, u l-Erbgħa, 8 u 9 ta' Mejju, minn inżul ix-xemx sal-11.00p.m.

6. Rigward id-daqq tal-qniepen tindaqq mota ta' kwarta, mis-2.00 p.m. sas-2.15 p.m., nhar it-Tlieta, 8 ta' Mejju, mal-wasla tal-Papa f'Malta. B'radd il-ħajr lil Alla tindaqq mota oħra ta' kwarta, minn nofsinhar sal-12.15 p.m., nhar l-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2001.

6. *FOLLOW UP* TAŻ-ŻJARA PASTORALI TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

(16-5-2001) 404/2001

Għadu jidwi fi qlubna l-ferħ spiritwali li ġarrabna f'dawk il-ftit sigħat li fihom il-Papa kien fostna, bħala Missier fost uliedu. Iżda ma tkunx ħaġa sewwa li dak l-entużjażmu qaddis ta' eluf ta' Maltin u ta' Għawdxin jgħaddi u jintemm fix-xejn. Hemm bżonn li l-miġja tal-Papa f'pajjiżna u l-beatifikazzjoni ta' tlieta minn fost ħutna, Dun Ġorġ, Nazju Falzon u Adeodata Pisani, jħallu fostna frott kotran ta' qawmien spiritwali. Għal dan l-iskop, tinħass ħafna l-ħtieġa ta' "*follow-up*" taż-żjara pastorali tal-Papa, jiġifieri għandu jkun hemm xi

attivitajiet jew ħidmiet li jgħinuna biex nersqu iktar lejn Kristu u ngħixu aħjar l-ħajja nisranija tagħna.

Il-Kumitat organizzattiv għandu f'moħħu li jwettaq attivitajiet ta' din l-għamla, jiġifieri ħa ħsieb mhux biss li jħejji minn qabel dak li kellu x'jaqsam mal-viżta pastorali tal-Papa, iżda jrid jwettaq ukoll "il-*follow-up*" tagħha.

Bħala waħda minn dawn l-attivitajiet, huwa pjaċir tiegħi ngħarrafkom li fix-xahar ta' Ġunju, f'dati li jiġu mħabbra iktar 'il quddiem, għandhom jinġabu f'Għawdex il-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon sabiex l-Għawdxin ikunu jistgħu jagħtuh il-qima tagħhom u jitħajjru jsiru jafu iktar dwar qdusitu.

Nixtieq nissuġġerixxi wkoll li fil-knejjes u possibilment anki fil-familji ssir in-Novena ta' l-Ispirtu s-Santu billi jingħad it-talb għall kull ġurnata. Jista' jiġi wżat il-ktejjeb "*Novena lill-Ispirtu s-Santu*" maħruġ fl-1998 mill-Kumitat Djoċesan tal-Ġublew il-Kbir, jew xi talb ieħor simili. Din in-novena tibda' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju. F'Għid il-Ħamsin, li huwa Jum l-Appostolat tal-Lajċi għandha tingħad it-talba tal-lajċi u ssir il-konsagrazzjoni tagħhom.

Bħala parti mill-qawmien spiritwali huma rrikmandati wkoll dawk l-attivitajiet li huma msemmija fil-ktieb l-ieħor li jġib l-isem "*Biex jinkiseb iktar frott mill-Ġublew. Riflessjonijiet prattiċi għall-Qawmien Spiritwali.*"

Hija xewqa tiegħi li t-tfal u ż-żgħażagħ jiġu mħeġġin

sabiex jidraw iwettqu l-opri tajba li Kristu jistenna minn għandhom bħala dixxipli tiegħu.

L-Ispirtu s-Santu jsawwab fuqkom id-doni tiegħu.

7. ŻJARA TAR-RELIKWIJA TAL-BEATU NAZJU FALZON
(11-7-2001) 405/2001

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju 2001 nagħmlu t-tifkira tal-Verġni Mqaddsa tal-Karmnu. Din ir-rikorrenza għandha tifsira speċjali din is-sena, għaliex l-Ordnijiet Karmelitani qegħdin jiċċelebraw bħala *Sena Marjana 2001* biex ifakkru is-750 anniversarju mill-għoti tal-Labtu tal-Madonna. Fl-ittra tal-25 ta' Marzu li għadda, il-Papa Ġwanni Pawlu II wera x-xewqa li l-insara devoti tal-Madonna tal-Karmnu, "din is-Sena Marjana tgħinhom jikbru fl-imħabba tagħha u jwasslu fid-dinja l-preżenza ta' din il-Mara tas-skiet u tat-talb, li aħna nqimuha bħala Omm il-Ħniena, Omm it-Tama u l-Grazzja.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex ngħarrafkom, li l-urna bil-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon, għad li ma kienx possibli, li tingħab f'Għawdex fix-xahar ta' Ġunju, kif kien intqal f'ċirkolari preċedenti, imma f'dawn il-ġranet qegħda iżżur waħda wara l-oħra l-parroċċi tagħna fejn tinżamm ukoll għal jum sħiħ. Nirrikmanda li din ir-relikwija għażiża tiġi milqugħha bil-qima kollha li jixirqilha u hekk tkun mezz qawwi ħalli tnissel u tkattar fostna d-devozzjoni lejn il-Beatu l-ġdid.

Bl-interċessjoni ta' l-Omm tagħna Marija Santissima u tal-Beati tas-Sema, l-Mulej Alla jsawwab fuqkom bil-kotra l-grazzi tiegħu.

8. L-10 ASSEMBLEA ĠENERALI TA' L-ISQFIJIET
(25-9-2001) 407/2001

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet għal darba oħra ser jiltaqa' fil-Vatikan biex jiddiskutu dwar il-ministeru ta' l-Isqof fil-Knisja u fid-dinja ta' llum. Din hija l-għaxar Assemblea Ġenerali Ordinarja tiegħu. Ser jinfetaħ fit-30 ta' Settembru u jagħlaq fl-aħħar ġranet tax-xahar ta' wara. Is-suġġett tiegħu ser ikun: "L-Isqof qaddej tal-Vanġelu ta' Ġesu Kristu għat-tama tad-dinja."

Nixtieq ukoll ngħarrafkom li jiena ġejt magħżul bħala delegat tal-Konferenza Episkopali Maltija u għalhekk bi ħsiebni nieħu sehem fil-laqgħat ta' dan is-Sinodu.

Huwa mistenni li mis-Sinodu joħroġ frott ta' ġid spiritwali għal kull djoċesi u għall-Knisja Universali. Ta' min iżid jgħid ukoll li s-suġġett ta' din id-darba huwa interessanti ħafna għaliex żgur jixħet dawl ġdid fuq ir-rwol ta' l-Isqof u l-impenn tiegħu għall-bini tas-Saltna ta' Kristu.

Nirrikmandalkom għalhekk li f'dawn il-ġranet titolbu għas-suċċess tal-laqgħat tas-Sinodu u titolbu għalija wkoll biex il-Mulej jieqaf miegħi f'din il-ħidma.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex infakkarkom fid-devozzjonijiet tax-xahar ta' Ottubru u nħeġġiġkom tgħidu r-Rużarju Mqaddes. Bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka nitolbu l-Mulej ibiegħed minna u mid-dinja l-perikli tal-gwerra u niftakru wkoll fit-talb tagħna fil-vittmi tal-istraġi ta' New York, li ġrat ftit żmien ilu.

Il-Mulej Alla jżommna lkoll taħt il-ħarsien tiegħu.

9. ĠURNATA TA' TALB SPEĊJALI GĦALL-PAĊI
(28-11-2001) 409/2001

Hija xewqa ħerqana tal-Missier tagħna l-Papa, li nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru, 2001 fil-Knisja Kattolika tinżamm bħala ġurnata ta' talb speċjali għall-Paċi. Huwa jixtieq li f'dan il-jum mhux biss isir talb, iżda wkoll xi għemil ta' penitenza u tingħata karita`, sabiex naqilgħu min għand Alla l-għajnuna u l-protezzjoni għall-vittmi tal-vjolenza ta' kull għamla li jitwettqu f'diversi nħawi tad-dinja, il-konverżjoni ta' dawk li huma responsabbli għall-atti ta' vjolenza u l-paċi vera u dejjiema ma' kullimkien.

Nirrikmandawlkom għalhekk li fid-djoċesi tagħna fl-14 ta' Diċembru ssir il-Quddiesa għall-paċi fid-dinja (ara *Is-Sagramentarju Malti,* p. 905-906 jew *ċelebrazzjoni għall-Paċi fid-dinja*, 1 ta' Diċembru 1989 - kopja ta' din tista' tinkiseb mill-Uffiċċju Liturġiku

tal-Kurja). Fl-istess jum għandha tinżamm ukoll ġurnata adorazzjoni. Nistieden lil dawk li jistgħu jsumu biex f'dan il-jum jagħmlu ġurnata sawma jew xi att ta' penitenza oħra. Nixtieq anke li jintbagħtu offerti lir-*Respite Centre*, *Arka Foundation*, ta' Għajnsielem biex ikun jista' jkompli l-missjoni fejjieda tiegħu.

Alla tas-sliem iseddaqkom f'kollox u jimliekom b'kull barka.

10. ĠUBLEW TAD-DEHEB TAL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI
(14-1-2002) 410/2002

Għandi pjaċir inħabbrilkom uffiċjalment li s-sena ser niċċelebra l-Ġublew tad-Deheb ta' l-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħi; difatti jiena kont ġejt ordnat saċerdot ħamsin sena ilu, fl-29 ta' Marzu 1952 fil-Kattidral, mill-qatt minsi Mons Ġużeppi Paċe Isqof t'Għawdex. Jixraq li nikkommemora din l-okkażjoni biex inrodd ħajr lill-Mulej tal-grazzi li għamel miegħi, nitolbu maħfra tan-nuqqasijiet tiegħi u nirrikorri għall-għajnuna tiegħu għaż-żmien li fadalli nġħix.

Nixtieq ngħarrafkom ukoll li biex jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Ġublew, għażilt Kumitat apposta taħt il-presidenza tal-Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni Bosco Gauċi u dan il-Kumitat diġa ltaqa'

kemm-il darba biex iħejji l-programm, li jkun ppubblikat iktar 'il quddiem malli jkun lest.

Jaqbel ngħidilkom minn issa li nhar is-Sibt 6 t'April, 2002 fil-għaxija, fil-Kattidral, ser immexxi Konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tal-Ġublew Saċerdotali u nistiedinkom ilkoll, membri tal-Kleru u lajċi biex tieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

Waqt li rroddilkom ħajr għall-kollaborazzjoni tagħkom matul dan in-nofs seklu li għadda, inħeġġiġkom ukoll biex ma tehdew qatt titolbu għar-Raġħaj Spiritwali tagħkom u għas-saċerdoti l-oħra ħalli flimkien niddedikaw ruħna iktar bil-ħeġġa għall-bini tas-Saltna ta' Alla.

Il-Mulej jimliekom bil-barka tiegħu.

11. ID-39 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

(2-4-2002) 411/2002

Il-Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'din id-39 sena tiegħu ser jinżamm fil-parroċċa tan-Nadur nhar il-Ħadd, 14 t'April, 2002 bis-suġġett "Lilek O Alla nfaħħru bil-Liturġija." Għal dan il-Kungress, huwa mistieden kulħadd, membri tal-Kleru, reliġjużi u lajċi nsara.

Kif għallimna l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium*,(7) il-Liturġija għandha post importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja Kattolika: Difatti l-Liturġija hija "l-ħidma ta' l-uffiċċju saċerdotali ta' Ġesu` Kristu; fiha jitfisser u jseħħ, permezz ta' sinjali sensibbli, it-tqaddis tal-bniedem skond il-mod proprju tiegħu; f'din il-ħidma l-Ġisem mistiku ta' Ġesu` Kristu, jiġifieri r-Ras u l-membri tiegħu, jagħtu qima pubblika sħiħa."

Il-Knisja mwaqqfa minn Sidna Ġesu` Kristu għandha bħala għan tagħha dak li tkompli twettaq il-missjoni u l-ħidma minnu mibdija. Dan ifisser li l-Knisja bħal Kristu trid tħabrek biex ixxandar il-glorja t'Alla l-Missier u biex tgħallem u ssalva l-erwieħ. Din l-ewwel attivita` tagħha li tfaħħar lil Alla u tkompli l-glorja tiegħu, il-Knisja twettaqha fuq kollox, permezz tal-Liturġija tagħha.

Kif kien qal il-Papa Pawlu VI fid-diskors ta' l-għeluq tat-Tieni perjodu tal-Konċilju Vatikan II "Il-Liturġija hija l-ewwel fonti tal-ħajja divina ikkomunikata lilna, l-ewwel skola tal-ħajja tagħna spiritwali, u l-ewwel rigal li aħna (l-Papa u l-Isqfijiet) jistgħu jagħtu lil poplu nisrani, li għandu l-istess twemmin tagħna u jitlob magħna" (4 ta' Diċembru, 1963).

Dan il-Kungress tax-Xirka, li jiġi ċċelebrat ta' kull darba għall-ikbar glorja t'Alla, is-sena għandu wkoll dan il-ħsieb qaddis li jħajjarna u jħeġġiġna biex nieħdu sehem attiv u b'ħeġġa ta' fidi dejjem akbar għall-Quddiesa u għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi l-oħra kollha.

Il-Mulej jagħtikom il-barka tiegħu.

12. IŻ-ŻJARA TA' MONS. ISQOF FIL-BRAŻIL
(3-6-2002) 413/2002

Naħseb li wasal iż-żmien li bil-għajnuna ta' Alla inwettaq xewqa li għal ħafna żmien ilha teżisti f'qalbi, cioè li nżur il-Brażil biex niltaqa' mal-missjunarji tagħna li għal bosta snin, ilhom jgħinu spiritwalment u materjalment lill-bniedmin ħutna li jgħixu f'dik l-art hekk kbira. Is-saċerdoti Għawdxin li qegħdin iservu hemmhekk ilhom ħafna jħajjruni li nagħmel dan il-vjaġġ biex nara b'għajnejja x-xogħol siewi li għandhom f'idejhom, u jiena fl-aħħar iddeċidejt li nilqa' s-suġġeriment tagħhom u mmur narahom.

Skond il-programm taż-żjara tiegħi fil-Brażil, jiena għandi nitlaq minn Malta nhar it-Tnejn 17 ta' dan ix-xahar u nerġa lura, jekk Alla jrid, fil-5 ta' Lulju.

Waqt li ninformakom b'dan il-vjaġġ tiegħi fil-kontinent ta' l-Amerika t'Isfel, jiena ninsisti magħkom sabiex takkumpanjawni bit-talb tagħkom, ħalli l-preżenza tiegħi fil-Brażil tkun ta' nkoraġġiment għall-missjunarji tagħna, Saċerdoti u Sorijiet li hemm jaħdmu f'dik l-art u anki, kif nispera, tisfa ta' xi ftit ġid spiritwali lill-komunitajiet kattoliċi ta' hemmhekk.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex irrodd ħajr lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom sabiex jirnexxu l-attivitajiet tal-Ġublew tad-Deheb tas-saċerdozju tiegħi li għadni kif iċċelebrajt, u mhux inqas irrodd ħajr ukoll lil dawk li kontinwament iweżnuni bit-talb tagħhom.

Jalla l-Mulej Ġesu` Kristu, Feddej tagħna ta' qalb ħelwa u umli jimliekom bil-barka u s-sliem tiegħu.

13. IL-50 ANNIVERSARJU TAL-INKURUZZJONI TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA
(4-8-2002) 415/2002

Ħamsin sena ilu seħħet ix-xewqa tal-Patrijiet Kapuċċini u tad-devoti ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, li jaraw ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja mpittra mill-Pittur Malti Stiefnu Erardi, tiġi nkurunata b'kuruna tad-deheb u ta' ħaġar prezzjuż. Il-funzjoni ta' l-inkurunazzjoni twettqet mill-qatt minsi Mons Ġużepp Pace, Isqof ta' Għawdex mgħejjun mill-Isqof Emmanuel Galea u mill-Isqof ta' Lipari Salvatore Re, Kappuċċin, fil-Pjazza San Franġisk quddiem folla kbira ta' nies.

Għad li l-kuruna tal-Madonna u l-Bambin insterqu għal darba, darbtejn u dawn kienu okkażjonijiet ta' niket għalina, iżda xorta waħda matul dawn il-ħamsin sena, id-devozzjoni tal-Għawdxin lejn il-Madonna tal-Grazzja kompliet tikber u tissaħħaħ.

Jixraq li din il-ġrajja ta' nofs seklu ilu tiġi mfakkra b'funzjonijiet speċjali, li jkunu xhud ta' l-imħabba tagħna lejn Sidtna Marija.

Il-programm imfassal mill-kumitat organizzattiv jinkludi fost l-oħrajn Pellegrinaġġ ta' Radd il-Ħajr

lill-Madonna, nhar is-Sibt 14 ta' Settembru fis-7.30, li ser ikun immexxi mill-Vigarju Ġenerali Mons Ġiovanni B. Gauċi. Dan il-Pellegrinaġġ jitlaq mill-Pjazza tal-Kattidral u jintemm bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Kappuċċini.

Nistedinkom biex tieħdu sehem fil-funzjonijiet li ser isiru f'din l-okkażjoni, speċjalment fil-Pellegrinaġġ ta' Ringrazzjament.

L-Imqaddsa Verġni Marija tressaqkom lejn Binha Ġesu`, l-għajn ta' kull grazzja.

14. IR-RUŻARJU FIX-XAHAR TA' OTTUBRU

(24-9-2002) 416/2002

Peress li x-xahar ta' Ottubru huwa fil-qrib, nixtieq, għal darb'oħra nagħmlilkom is-sejħa tiegħi sabiex tkompli tikber u tissaħħaħ fid-djoċesi tagħna d-drawwa qaddisa tar-Rużarju Imqaddes, li huwa talba li biha nagħtu qima mill-qalb lill-Verġni Ommna Marija.

Id-Direttorju dwar il-Pjeta` Popolari u l-Liturġija fin-numru 197 jgħidilna li "r-Rużarju jew Saltier tal-Verġni Marija huwa waħda mit-talbiet l-iktar eċċellenti lill- Omm tal-Mulej. Għalhekk il-Papiet iħeġġu u jerġgħu jħeġġu lill-insara biex jirreċitaw ta' spiss, ir-Rużarju Mqaddes."

Nixtieq insemmi ħames ambjenti li fihom iktar milli f'postijiet oħra għandu jingħad ir-Rużarju:

1. L-ewwel fil-knejjes tagħna speċjalment fil-knejjes parrokkjali m'għandux jonqos li jinstema' t-talb tar-Rużarju ta' Marija.

2. L-Għaqdiet Kattoliċi għandhom jieħdu ħsieb li matul dan ix-xahar isibu okkażjoni biex jgħidu flimkien ir-Rużarju.

3. Ħafna mill-familji tagħna, sewwa l-qodma kif ukoll il-ġodda, jixtiequ sinċerament li fid-djarhom ikun hemm atmosfera tabilħaqq nisranija, billi jinstema' ta' spiss it-talb tal-familja kollha flimkien. Ir-Rużarju tal-Madonna, speċjalment fix-xahar ta' Ottubru huwa għalihom mezz mill-aħjar biex jaqtgħu din ix-xewqa mbierka.

4. L-iskejjel ukoll, fejn hemm ħafna tfal innoċenti, għandhom jiġu mqaddsa billi fihom it-tfal jiġu mgħallmin iħobbu u jirreċitaw kif imiss it-talba tar-Rużarju.

5. Fl-aħħarnett, fl-isptarijiet u fil-kliniċi, fejn hemm min qiegħed ibati u mnikket, ir-Rużarju ta' Marija jagħti faraġ u ħila biex wieħed iġorr bis-sabar is-slaleb tal-ħajja.

Bħala intenzjonijiet tar-Rużarju matul Ottubru, għas-sena li qegħdin fiha, xtaqt nirrikmandalkom li titolbu sabiex il-poplu tagħna jibqa' jgħożż dejjem il-wirt nisrani, u jagħmel l-għażliet tiegħu bil-għaqal u

b'sens responsabbli. Nitolbu wkoll, sabiex Alla jżomm 'il bogħod mid-dinja t-theddid tal-gwerra u jwassal in-nazzjonijiet għar-rispett reċiproku u għall-koperazzjoni iktar bejniethom.

Bl-interċessjoni tal-Verġni Imbierka, Alla jimla' qlubkom bil-grazzja u l-paċi tiegħu.

15. 40 SENA MILL-ENĊIKLIKA 'PACEM IN TERRIS'

(28-12-2002) 418/2002

Is-sena d-dieħla tagħlaq 40 sena l-Enċiklika *Pacem in Terris* maħruġa mill-Beatu Ġwanni XXIII, fil-11 ta' April 1963. Din l-Enċiklika li tittratta dwar il-paċi fid-dinja, hija mqassma f'ħames partijiet; l-ewwel parti titkellem dwar l-ordni fost il-bnedmin cioe` dwar il-jeddijiet u d-dmirijiet li għandu kull bniedem bħala persuna umana; it-tieni parti hija dwar ir-relazzjonijiet li għandu jkun hemm fi ħdan l-Istat, bejn l-individwi u l-awtoritajiet pubbliċi; it-tielet parti titkellem dwar ir-relazzjoni ta' l-istati u l-gvernijiet diversi; u r-raba' parti hija dwar ir-relazzjoni bejn il-komunita` dinjija minn naħa waħda, u l-individwi u l-komunitajiet politiċi minn naħa l-oħra. Il-ħames u l-aħħar taqsima tagħtina xi eżortazzjonijiet pastorali, bħal ma huma t-tagħlim dwar is-sehem fil-ħajja pubblika, r-relazzjoni bejn il-kattoliċi u dawk li m'humiex, l-edukazzjoni għall-paċi, il-koeżistenza tal-familja umana fil-verita`, fil-ġustizzja, fl-imħabba u fil-liberta`.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-messaġġ tiegħu għal *Jum il-Paċi 2003,* fakkarna f'dan l-avveniment tar-rikorrenza ta' l-40 sena mill-pubblikazzjoni tal-*Pacem in Terris* u tana wkoll xi twissijiet tiegħu.

Wara li semma' l-erba' pilastri tal-paċi; il-verita`, il-ġustizzja, l-imħabba u l-liberta` il-messaġġ tal-paċi ta' Ġwanni Pawlu II jfakkar li t-triq tal-paċi tikkonsisti fid-difiża u l-promozzjoni tal-jeddijiet bażiċi li għandha kull persuna. Il-Papa imbagħad jafferma li biex ikun hawn ordni u sliem jeħtieġ li dawn ikunu mibnija fuq prinċipji morali u jkompli jgħid "il-problema tal-paċi ma tistax tiġi mifruda mill-kwistjoni tad-dinjita` umana u l-jeddijiet umani. Dik hija waħda mill-veritajiet permanenti li tgħallem il-*Pacem in Terris* li aħna nagħmlu sewwa jekk niftakruhom u nirriflettu fuqhom f'dan l-erbgħin anniversarju."

Inħoss li għandi nesprimi x-xewqa li matul is-sena li ser nibdew inżommu iktar quddiem għajnejna t-tagħlim tal-*Pacem in Terris* u tal-messaġġ tal-*Jum il-Paċi 2003.* Għalhekk nissuġġerixxi li fil-laqgħat ta' l-Għaqdiet Kattoliċi, fl-irtiri għall- komunitajiet u f'xi seminars jew laqgħat ta' studju li jsiru, jittieħdu , xi punti mid-dokumenti li semmejna, u jiġu applikati għaċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna. B'dan il-mod it-tagħlim sublimi u għaqli tal-Papiet, jasal iktar malajr għand il-poplu tagħna u żgur li jisfalu ta'ġid.

Il-paċi ta' Kristu tfawwar qlubkom tul ħajjitkom kollha.

16. JUM IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI
(28-12-2003) 419/2003

Nixtieq qabel xejn nirripeti u nikkonferma dak li ntqal fis-Sinodu Djoċesan, fl-artiklu 192 li "ċ-ċentru Parrokkjali għadu strument validu li permezz tiegħu, l-parroċċa tkun tista' twettaq attivitajiet formattivi u kulturali, iżda jeħtieġ li dan ikun aġġornat bla waqfien skond it-tibdil tal-kuntest edukattiv u soċjali." Is-Sinodu fil-paragrafu c(iii) ta' l-istess artiklu jirrikmanda wkoll xi wħud mid-diversi ħidmiet li ċ-Ċentru jista' jwettaq u fost l-oħrajn isemmi l-formazzjoni kontinwata. Huwa ovvju li biex iċ-Ċentru Parrokkjali jilħaq l-għanijiet tiegħu, jeħtieġ li jiffunzjona tajjeb u jkun immexxi kif imiss.

Dawn il-postijiet edukattivi fid-djoċesi tagħna llum insejħulhom "Ċentru Parrokkjali" u ma għadhomx jissejħu kif kienu jissejħu oriġinarjament "Ċentri taż-żgħażagħ," madankollu, xorta waħda m'għandux jonqos fihom l-interess għaż-żgħażagħ u ż-żelu għall-apostolat fost din il-kategorija ta' parroċċani, li għandha importanza hekk kbira.

Il-Pjan Pastorali Kwinkwennali jirrileva dan il-fatt fil-paragrafu 181 fejn jgħid li "ċ-Ċentru Parrokkjali huwa struttura maħsuba għall-kategoriji kollha tal-parroċċa, pero` jista' jagħti kontribut importanti f'dik li hija pastorali maż-żgħażagħ. Miċ-Ċentru parrokkjali, iż-żgħażagħ jistennew programm ta' attivitajiet rikreattivi, kulturali u anki reliġjużi. Jixtiequ wkoll il-preżenza ta' saċerdot li jifhimhom u jkun 'point of reference' għalihom."

F'dawn l-aħħar snin, il-parroċċi ġew mitlubin jorganizzaw "Jum iċ-Ċentri Parrokkjali" f'xi jum li jaħbat qrib il-festa ta' San Ġwann Bosco, 31 ta' Jannar, u preferibilment fil-Ħadd ta' qabel.

Nixtieq għalhekk ninsisti sabiex fil-parroċċi kollha fejn jinsabu Ċentri Parrokkjali jew lokali simili, l-insara jiġu mħeġġin joffru t-talb tagħhom għal dawn l-inizjattivi hekk utli fi żminijietna u jgħinuhom ukoll biex jissaħħu dejjem iktar fil-ħidmiet tajba li huma jwettqu.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex infakkar li jeħtieġ li ċ-Ċentru Parrokkjali jkollu l-Kumitat tiegħu u jixraq li dan il-Kumitat ikollu fi ħdanu rappreżentant taż-żgħażagħ. Hemm bżonn ukoll li fiċ-Ċentru jiġi osservat l-Istatut li kien deher fl-appendiċi tat-Tieni Sinodu Djoċesan u b'mod speċjali jiġi evitat dak kollu li ma jaqbilx mal-artikli numru 12 u 13 ta' dan l-istatut.

Fl-aħħarnett nixtieq li kif għadna fil-bidu tas-sena 2003 nfakkar lill-kumitati taċ-Ċentri Parrokkjali li huma mitluba jfasslu programm ta' ħidmiet li jistgħu jitwettqu fiċ-Ċentru, mqassmin matul is-sena kollha, u kopja ta' dan il-programm, għandha tintbagħat lill-Uffiċċju ta' l-Attivita` Kulturali tal-Kurja.

Il-Mulej ibierek l-isforzi kollha tagħkom biex tikbru fil-virtujiet insara u fl-imħabba tagħkom lejH.

17. TLIET FESTI LITURĠIĊI

(2-6-2003) 423/2003

Matul ix-xahar ta' Ġunju fil-Liturġija jiġu ċċelebrati tliet festi magħrufin, li jfakkruna fit-tliet misteri li għandhom importanza kbira kemm għall-ħajja ekkleżjali kif ukoll għall-ħajja spiritwali ta' kull wieħed u kull waħda mill-kattoliċi. It-tliet festi liturġiċi li niċċelebraw dan ix-xahar ta' Ġunju huma: l-festa ta' l-Ispirtu s-Santu t-tielet Persuna tas-Santissima Trinita` festa, li ssir nhar l-Għid il-Ħamsin fit-8 ta' Ġunju u "Jum il-Lajċi"; il-festa tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej fit-22 tax-xahar marbuta mal-misteru ewkaristiku, u l-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem, nhar il-Ġimgħa 27, meta jinżamm wkoll "Jum il-Qdusija tal-Kleru."

Nirrikmandalkom, qabel xejn il-qima lejn l-Ispirtu s-Santu li huwa preżenti fil-Knisja u fir-ruħ ta' l-insara, biex ibegħidna mill-ħażen, isaħħaħna biex nagħmlu dak li hu sewwa.

Speċjalment, issa li għandna f'idejna l-Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* nieħu l-okkażjoni, fil-festa tal-Corpus Christi, biex għal darb'oħra nħeġġiġkom dwar il-qima u l-imħabba tagħna lejn l-Ewkaristija .

Permezz ta' din l-enċiklika, l-Papa Ġwanni Pawlu II wera r-rieda tiegħu "li jiġu mxejjna id-dellijiet ta' tagħlim u d-drawwiet li ma humiex aċċettabli, sabiex l-Ewkaristija tkompli tiddi fid-dija sabiħa tal-misteru tagħha" (n.10). Il-Papa jfakkarna wkoll f'xi tagħlim dwar l-Ewkaristija li jeħtieġ li nemmnuh u nżommuh ħaj, fil-memorja

tagħna, per eżempju; l-Ewkaristija mhux biss preżenza u ikla , iżda wkoll sagrifiċċju.

Nirrikmandalkom ukoll xi devozzjonijiet, li nixtieq li jaqbdu sewwa fid-djoċesi tagħna bħal ma huma t-tqarbina tax-xewqa u l-Adorazzjoni Ewkaristika.

It-tielet festa msemmija fuq hija dik tal-Qalb ta' Ġesu`. Meta ngħidu l-Qalb ta' Ġesu` nifhmu r-rivelazzjoni ta' Alla u ta' mħabbtu. Meta Ġesu` ġie fid-dinja permezz ta' dik l-imħabba li kien hemm tħeġġeġ fil-Qalb tiegħu, irrivelalna dak li hemm l-iktar profond f'Alla jiġifieri l-imħabba divina u eterna.

Il-Papa Ljuni XIII li din is-sena jagħlaq 100 sena minn mewtu fl-enċiklika tiegħu *Annum Sacrum* tal-25 ta' Marzu 1899 jgħallimna li, ladarba fil-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu` hemm is-simboli u x-xbieha sensibbli ta' l-imħabba infinita` ta' Ġesu` Kristu li qanqalna biex inħobbu lil xulxin, hija ħaġa xierqa u tajba li aħna nikkonsagraw lilna nnfusna lil din il-Qalb wisq Qaddisa - dana l-att mhux ħaġa oħra ħlief offerta tagħna nfusna, li biha ninħabbu ma' Ġesu` Kristu, għax nafu li kull ġieħ, qima u mħabba mogħtija lil din il-Qalb Divina huma tabilħaqq u verament mogħtijin lil Kristu nnifsu.

Il-Paċi ta' Kristu magħkom.

18. IS-7 KUNGRESS PASTORALI DJOĊESAN
(1-10-2003) 428/2003

Nixtieq inħabbrilkom li s-Seba' Kungress Pastorali Djoċesan ser jinżamm fil-ġranet, tal-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 14, 15 u 16 ta' Novembru li ġej u jkollu din it-tema "Nibnu komunita` awtentikament nisranija." Il-laqgħat ta' preparazzjoni ser isiru fuq bażi żonali jew parrokkjali fil-jiem ta' qabel il-Kungress.

Ma nħossx il-ħtieġa li nfissrilkom fid-dettalji kollha kemm huwa mportanti s-suġġett li ġie magħżul għal dan il-Kungress. Biżżejjed intennilkom dak li jgħid il-Konċilju Vatikan II fid-digriet li jittratta dwar is-saċerdot fil-*Presbyterorum Ordinis* (n.6): "Ftit ikunu jiswew iċ-ċermonji, sbieħ kemm ikunu sbieħ, jew l-għaqdiet, ikunu kemm ikunu f'saħħithom, jekk ma jkollhomx l-iskop li l-bnedmin ikunu edukati ħalli jilħqu l-maturita` nisranija."

Nixtieq għalhekk li dawk kollha li jkunu mistiednin għal-laqgħat ta' preparazzjoni u għas-seduti tal-Kungress jaċċettaw l-istedina, jattendu u jagħtu l-kontribut tagħhom, ispirati mill-imħabba lejn Ommna l-Knisja Mqaddsa.

Inħeġġeġ ukoll lil ulied din id-djoċesi li joffru lil Alla, bl-interċessjoni ta' Sidna Marija, talb imħeġġeġ għas-suċċess ta' dan il-Kungress Pastorali Djoċesan; għalhekk, minn mindu tasal din iċ-ċirkulari sakemm jintemm il-Kungress, fil-knejjes fejn tingħata l-Barka Sagramentali, għandha tingħad it-talba li nkitbet apposta

u fil-Quddies, fit-talba tal-fidili, tiżdiet ukoll din l-invokazzjoni:

"Biex bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, is-Seba' Kungress Pastorali Djoċesan jibda' u jintemm b'wiċċ il-ġid, u jħalli frott spiritwali fostna, nitolbu. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Kristu r-Raġħaj u l-Għalliem waħdieni tagħna jberikkom ilkoll.

19. L-IMĠIEBA TA' L-INSARA FIL-JUM TAL-KARNIVAL
(11-2-2004) 430/2004

Fil-jiem tal-Karnival, sa minn żmien ilu, jsiru attivitajiet li joħolqu briju u allegrija għall-pubbliku. Ma hemm xejn ħażin li jsir hekk dment li ma jkunx hemm eżaġerazzjonijiet u kollox jibqa' fil-limiti ta' dak li jixraq. Il-bniedem, kif għandu l-jedd għax-xogħol, għandu wkoll il-jedd għall-mistrieħ u għad-divertiment onest. Iżda qatt, mkien u ħadd ma' għandu l-jedd joffendi lil Alla u jagħti skandli lill-proxxmu.

Barra minn hekk in-nisrani, għandu jqaddes kull mument ta' l-eżistenza tiegħu, u għalhekk jipprova jqaddes wkoll il-ferħ u l-passatemp tiegħu waqt li jrodd ħajr lil Alla għall-waqtiet ta' ferħ li jikkonċedilu. Infatti San Pawl jgħidilna li: "Sew jekk tieklu, sew jekk tixorbu, tagħmlu x'tagħmlu, agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla" (1 *Kor.*10,31).

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex għal darb'oħra nwiddeb kontra l-abbuż tad-drogi u nirrikmanda l-kontroll fuq ix-xorb alkoħoliku kif ukoll il-prudenza fis-sewqan biex jiġu evitati r-riskji għall-ħajja u s-saħħa tas-sewwieqa u ta' persuni oħra.

Fl-aħħarnett infakkar li fil-knejjes, fil-jiem tal-Karnival, hemm id-drawwa illi jsiru xi ħinijiet ta' adorazzjoni Ewkaristika. L-Insara huma mistednin li jieħdu sehem f'dan l-att ta' qima lill-Feddej tagħna Ġesu` Kristu.

Il-Mulej Ġesu` jimlilkom qalbkom bil-ferħ spiritwali u l-paċi tiegħu.

20. IL-KONSAGRAZZJONI LILL-QALB IMMAKULATA TA' MARIJA
(20-5-2004) 434/2004

Hija drawwa sabiħa li fix-xahar ta' Mejju dedikat lill-Imqaddsa Verġni Marija, issir il-konsagrazzjoni lill-Qalb Immakolata tagħha.

Iktar minn tletin sena ilu, fiċ-ċirkulari tat-13 ta' Mejju 1971 (53/71) kont irrikmandajt li "fil-knejjes parrokkjali, fil-funzjoni tal-għeluq tad-devozzjonijiet tax-xahar ta' Mejju, jsir b'mod solenni l-att tal-konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Immakolata ta' Marija, wara li l-insara jkunu ġew imħejjija b'mod xieraq biex jifhmu sewwa xi tfisser din il-konsagrazzjoni."

Għal darb'oħra għalhekk nerġa' nirrikmanda li nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju, issir din il-konsagrazzjoni f'kull parroċċa tad-djoċesi tagħna. B'dan il-att aħna nqiegħdu uffiċjalment taħt il-ħarsien tal-Madonna, lilna nfusna u l-familji tagħna, waqt li nippproponu li ngħixu dejjem aħjar il-ħajja nisranija tagħna.

"Hekk fil-waqt li nkunu żguri li qegħdin nagħmlu xi ħaġa li togħġob lill-Madonna, niġbdu l-barka tagħha fuq il-ħidma pastorali tagħna u jkollna garanzija biex nittamaw li fil-parroċċi tagħna ssaltan il-karita` nisranija u l-paċi ta' Kristu."

Il Verġni Mbierka Marija tidħol quddiem Binha Ġesu` biex jagħtina l-Barka u s-sliem tiegħu.

21. IŻ-ŻJARA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II F'LORETO
(1-9-2004) 436/2004

Sar magħruf illi nhar il-Ħadd li ġej, 5 ta' Settembru, il-Papa Ġwanni Pawlu II se jagħmel żjara f'Loreto, il-belt fejn hija miżmuma b'qima kbira d-dar tal-Madonna li hija ċentru ta' pellegrinaġġi sa minn sekli ilu. Huwa ser imexxi ċelebrazzjoni li fiha ser jagħmel tliet beati ġodda. Il-Papa reċentement għadu kif għamel vjaġġ għal Santwarju ieħor Marjan meta fl-14 u l-15 t'Awissu żar is-Santwarju ta' Lourdes.

Nixtieq li anke aħna ningħaqdu spiritwalment mal-Missier tagħna l-Papa u flimkien miegħu nitolbu għall-familji u għall-paċi fid-dinja.

Nirrikmanda għalhekk illi nhar il-Hadd 5 ta' Settembru jew is-Sibt lejlietu, fil-knejjes parrokkjali tinżamm Siegħa Adorazzjoni biex fiha jsir talb għal Papa u skond l-intenzjonijiet tiegħu.

Bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka, il-Mulej jagħtikom is-sliem tiegħu.

22. IL-KUNGRESS INTERNAZZJONALI TAS-SAĊERDOTI
(27-9-2004) 438/2004

Għalina l-kattoliċi, Ottubru huwa dejjem xahar għażiż għaliex ifakkarna fir-rebħiet tal-Knisja bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, u jħajjarna biex innisslu u nsaħħu fina d-drawwa għażiża tar-Rużarju Mqaddes, li fih nikkontemplaw lil Kristu u l-misteri Tiegħu taħt il-ħarsa kollha ħlewwa ta' l-Omm Tiegħu u tagħna.

Din is-sena, dan ix-xahar ser joffrilna okkażjoni oħra li għandha tqanqal l-interess tagħna bħala kattoliċi u wlied il-Knisja. Difatti mit-18 sat-22 tax-xahar għandu jinżamm f'pajjiżna l-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti, li għandu bħala suġġett "Qassisin għall-formazzjoni tal-Qaddisin għall-Millenju l-Ġdid."

Kif konna għidnielkom fil-Pastorali tagħna l-Isqfijiet ta' l-10 t'Awissu ta' din is-sena: "Huwa ġieħ kbir għal pajjiżna li l-Awtoritajiet tal-Knisja Universali għażlu l-gżejjer Maltin, il-Gżejjer ta' Pawlu, biex ilaqqgħu mijiet ta' saċerdoti mid-dinja kollha. Imma dan mhux biss unur. Din hija esperjenza speċjali mill-isbaħ li tfisser ukoll responsabbilta`. Inħeġġukom, għalhekk, mhux biss biex nilqgħu s-saċerdoti fostna bl-akbar ferħ u ġentilezza, li għalihom aħna magħrufin u mfaħħrin ukoll fl-Iskrittura, imma wkoll biex nagħmlu minn kollox ħalli din l-okkażjoni tassew straordinarja tħalli f'dawn is-saċerdoti u f'pajjiżna frott spiritwali qawwi."

Is-saċerdoti li ser jieħdu sehem fil-Kungress ser iżuru wkoll Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, u fost l-oħrajn, skond il-programm, għandhom jieħdu sehem f'konċelebrazzjoni internazzjonali li ser issir dakinhar fil-għaxija, fuq iz-zuntier tal-knisja Ta' Pinu u tkun ippreseduta mill-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. Jekk ikun temp ħażin, il-konċelebrazzjoni tinżamm fl-Sports Complex ta' Triq l-Ewropa, Victoria. Nhar il-Ġimgħa, fit-22 t'Ottubru, fil-għodu, permezz tal-RTK u ta' radjijiet komunitarji, jingħata tagħrif fejn tkun ser tinżamm il-konċelebrazzjoni.

Nistedinkom biex tieħdu sehem f'din il-konċelebrazzjoni ħalli flimkien nitolbu għall-qdusija tal-Kleru. Nirrikmandalkom ukoll li tgħidu t-talba li ġiet imqassma lilkom mal-Bullettin tal-Ħadd u li toffru t-talb tar-Rużarju Mqaddes matul dan ix-xahar għall-istess skop.

Sidna Ġesu` Kristu, is-Saċerdot Etern tal-Liġi l-Ġdida jsawwab fuqkom il-grazzja tiegħu u kull ġid tas-sema.

23. NGĦINU L-VITTMI TAT-TSUNAMI
(27-9-2004) 438/2004

Wara t-traġedja li laqtet diversi artijiet fix-Xlokk ta' l-Asja, il-poplu tagħna ma baqgħax lura li jagħti prova tal-ġenerosita` tiegħu mal-vittmi li ħalliet warajjha. Jixraq iżda li ma' l-għotjiet nżidu ukoll it-talb tagħna kemm personali kif ukoll komunitarju, għax aħna nemmnu fil-qawwa li t-talb għandu quddiem Alla.

Nitolbu fost l-oħrajn biex Alla jagħti l-premju ta' dejjem lil ħutna l-bnedmin li ħajjithom ġiet maħsuda f'dawk iċ-ċirkustanzi traġiċi. Ma nistgħux imbagħad ninsew fit-talb tagħna lil dawk li sfaw feruti u tilfu l-maħbubin tagħhom, inġarritilhom darhom u ħwejjiġhom u dawk li b'xi mod jew ieħor qegħdin iġarrbu xi konsegwenzi koroh ta' l-istess ġrajja. Nitolbu wkoll lil Alla biex ibierek u jgħin lil dawk li taw xi għajnuna ta' flus, oġġetti u kif ukoll is-servizz personali tagħhom sabiex itaffu t-tbatija lill-bnedmin milquta mit-Tzunami.

Nixtieq ukoll li f'dawn il-ġranet fil-knejjes sagramentali, tiġi organizzata Siegħa Adorazzjoni quddiem Ġesu` Sagramentat skond l-intenzjonijiet li semmejna.

Il-Mulej Alla jberikhom u jpattilkom tal-ġenerożita tagħkom.

24. IL-MEWT TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II
(3-4-2005) 444/2005

Ma' kull rokna tad-dinja, permezz tal-mass media ġiet mxandra b'ħeffa kbira, l-aħbar ta' niket tal-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II li ġrat il-bierah bil-lejl, nhar is-Sibt, 2 t'April, lejlet il-festa tal-Ħniena Infinita ta' Alla.

Nies minn kull nazzjon u ta' diversi reliġjonijiet stqarrew publikament ir-rispett li kellhom lejn dan il-mexxej qalbieni tal-Knisja Kattolika. Wisq u wisq aktar aħna l-kattoliċi ta' dawn il-gżejjer, kif għamilna matul ħajtu, hekk ukoll wara mewtu, inħossuh bħala dmirna li nuru mħabbitna u l-qima tagħna lejn ir-Raghaj u l-Missier Spiritwali tagħna u tal-Knisja Universali.

Barra milli nfissru s-sogħba tagħna għat-telfa hekk kbira, aħna li nemmnu għandna nfittxu wkoll li ngħinuh bit-talb tagħna u billi noffru s-suffraġi għar-ruħ għażiża tiegħu, biex il-Mulej jagħtih il-premju tal-hena ta' dejjem.

Nirrikmanda għalhekk li:

1. Fis kemm jista' jkun, jekk ma ndaqqitx diġa, tindaqq bil-qniepen mota tal-mewt u oħra, fil-jum u fil-ħin li jkun qed isir il-funeral tiegħu ġewwa Ruma.

2. Jiġi osservat il-vistu mil-lum sa jum il-funeral u fit-tliet tijiem ta' wara.

3. Dawk li għandhom il-kura ta' l-erwieħ, iħeġġu lill-insara biex jitolbu għal-ruħ il-Papa, li daħlet fl-eternita`.

4. Il-membri tal-Kleru huma mitlubin li jiftakru fih fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, li jqaddsu f'dawn il-ġranet.

5. Fit-talba tal-Fidili fil-Quddies tingħad l-invokazzjoni: "Xierek fil-Liturġija tas-Sema lill-Qaddej tiegħek il-Papa Ġwanni Pawlu II, li inti għażiltu biex fuq l-art, ikun Kap tal-Knisja u l-Vigarju ta' Ibnek il-Għażiż."

6. Fil-ġranet li ġejjin, meta l-Liturġija tippermetti, fil-knejjes parrokkjali, tiġi ċċelebrata Quddiesa b'suffraġju ta' ruħ il-Papa, fil-jum u fil-ħin l-iktar adattati biex jattendu n-nies.

7. Nhar is-Sibt 9 t'April, f'għeluq it-tmint ijiem minn mewtu, ser nikkonċelebra fil-Katidral Quddiesa għal-ruħ il-Papa Ġwanni Pawlu II. Nistieden lis-saċerdoti tagħna biex jieħdu sehem f'din il-konċelebrazzjoni li l-ħin tagħha jiġi mħabbar iktar 'il quddiem. Anki l-lajċi mistiedna biex jieħdu sehem.

8. Fl-aħħarnett inħeġġeġ lill-insara kollha sabiex noffru t-talb tagħna u l-atti ta' karita` li nagħmlu b'suffraġju għar-ruħ għażiża tal-Papa; biex bihom għal darba oħra, nistqarru imħabbitna u r-rispett tagħna lejh, kif inhu dmirna.

Nitlob fuqkom il-Barka tal-Mulej.

Diskorsi

1. IL-ĦAJJA UMANA MHEDDA MINN ĦAFNA GĦEDEWWA
(19-02-2000)

'Il-ħajja umana hija mhedda u għandha ħafna għedewwa. Nistgħu nsemmu lista twila ta' dak li qiegħed jhedded il-ħajja. Nibdew bl-abort. L-abort huwa delitt u qtil ta' persuna li sa mill-ewwel mument tat-tnissil hija programmata biex issir bniedem. Alla biss jista' jiddisponi minnha u mhux il-bniedem. Għandu jkollna orrur għall-abort u nagħmlu minn kollox biex ma' jidħolx fil-pajjiż.

Insemmu wkoll l-ewtanasja. Ma jistax bniedem ineħħi ħajtu b'idejħ u ma' jistax wieħed itemm il-ħajja ta' ħaddieħor anke jekk dan huwa batut jew marid. Hawnhekk m'aħniex nitkellmu minn *pain killers* li jtaffu l-uġigħ. Dawn huma permessi taħt ċerti kundizzjonijiet imma li wieħed joqtol wieħed marid jew għax sar piż fuq is-soċjeta` hija ħaġa li l-ebda liġi tal-bniedem ma tista' tippermettiha.

Dak li jista' jġib il-mewt ħesrem huwa pprojbit. Is-sewqan perikoluż. Il-liġi ta' Alla tgħidilna li la nistgħu nagħmlu ħsara lill-ħajja tagħna u lanqas lill-ħajja ta' l-oħrajn u lanqas għandna inpoġġuha fil-periklu.

Minaċċja oħra kontra l-ħajja hija d-droga li hija velenu li jagħmel l-effett tiegħu bil-mod il-mod. Aħna għandna nagħmlu minn kollox biex ma nħallux din il-pesta tidħol f'pajjiżna. Ma' dan inżidu wkoll l-abbuż ta' l-alkoħol. Ċerti tfal draw jixorbu minn meta kienu għadhom żgħar

u għalhekk dawk li għandhom f'idejhom l-edukazzjoni ta' l-ulied għandhom jagħmlu minn kollox biex jaraw li dan ma jsirx. It-tipjip ukoll jagħmel ħafna ħsara u għalhekk nagħmel appell lill-ġenituri biex ma jpejpux fejn hemm it-tfal għax ikunu qegħdin jagħmlulhom ħafna ħsara.

Il-Vanġelu tana r-regola tad-deheb li jifhimha kulħadd, insara u m'humiex. Dak li ma' rridux min jagħmel lilna lanqas għandha nagħmluh lill-oħrajn. Bħala nsara m'għandniex diffikulta` biex nagħżlu l-ħajja u għadna nkunu favur il-ħajja għax hekk irid Alla.

Inħobbu l-familja għax min ma jħobbx lill-familja ma jħobbx il-ħajja. Inħobbu l-fidi li hija dawl sabiħ u qawwi li jwassalna għall-ħajja.

2. IL-ĠURNALISTLI ATTENTI GĦAS-SINJALI TAŻ-ŻMINIJIET
(24-01-2001)

Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fis-soċjeta` li fiha qegħdin ngħixu. Permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jwasslu l-messaġġi tagħhom lill-bnedmin kollha. F'dan ix-xogħol importanti l-ġurnalisti jaqraw u jinterpretaw s-sinjali taż-żminijiet. F'din il-ħidma tagħhom il-ġurnalisti mhux biss jirrakkuntaw il-ġrajjiet l-imgħoddija imma ukoll iħabbru u juru t-tamiet u l-perikli li s-soċjeta` tista tkun qed taffronta. F'din il-ħidma tagħhom il-ġurnalisti jridu jagħmlu tagħhom it-tamiet, il-ferħ u n-niket tal-bnedmin kollha kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II fid-dokument *Gaudium et Spes*. F'ċertu sens il-ġurnalisti nistgħu nxebbħuhom ma' Astroloġi jew Meterjoloġi.

F'din il-ħidma tiegħu l-*ġurnalist Kattoliku* irid joqgħod attent biex it-tħabbira tiegħu u l-qari tas-sitwazzjoni li jkun jgħix fiha ma tkunx tħabbira falza biex la jallarma n-nies u lanqas iserraħ il-moħħ f'sitwazzjoni mwiegħra.

Matul is-seklu li għadda d-dinjita` tal-bniedem ġiet ikkalpestata permezz tal-gwerer, diskriminazzjonijiet u mard ta' kull xorta u għalkemm dan kollu għadda, wieħed m'għandux iserraħ rasu żżejjed. Waħda mill-isfidi li l-bniedem u s-soċjeta` jridu jaffrontaw fis-snin li ġejjin hu dak li l-Isqof semma bħala l-mostru tal-globalizzazzjoni fi kliem li rrimarka l-Isqof Cauchi, m'aħniex konxji biżżejjed. Il-globilzzazzjoni fi kliem l-Isqof tfisser saħħa fenomenali ta' min għandu l-flus u nuqqas ta' ħniena għal

min m'għandux. Jagħmlu parti minn dan il-proċess insibu fuq quddiem il-kumpaniji multinazzjonali li jiddettaw lil gvernijiet tal-pajjiżi x'għandhom jagħmlu. Bil-globalizzazzjoni il-prinċipji ta' l-etika jiġu mwarrba fil-ġenb. Prinċipju wieħed jibqa dominanti: dak ta' l-akbar profitt. Bil-globilazzazzjoni wieħed irid jaħrab il-kontroll tal-Gvernijiet. Gvern hu dejjem kapaċi jikkontrolla ftit, pero` fil-konfront tal-globalizzazzjoni, il-Gvern hu bla saħħa. Xieraq għalhekk li niftħu għajnejna u għajnejn il-poplu tagħna. Bil-globalizzazzjoni l-ftit sinjuri ser isiru sinjuri aktar u l-ħafna fqar isiru fqar iżjed.

Xieraq għalhekk li noqogħdu attenti għat-tibdiliet li qed taffronta s-soċjeta` u d-dinja kollha. Missjoni tal-ġurnalist hu għalhekk li jara u jxandar l-opportunijiet li għandna madwarna flimkien mar-riskji qed naffrontaw. Fuq kollox għandha tkun missjoni importanti tal-ġurnalist li jaħdem kemm jista' biex iressaq lill-bnedmin dejjem aktar lejn xulxin fl-ispirtu ta' Kristu.

3. IR-RANDAN M'GĦANDUX IKUN ŻMIEN BĦAL KULL ŻMIEN IEĦOR TAS-SENA
(3-03-2001)

Dan ir-Randan għandu timbru partikulari għaliex resqin lejn il-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca u forsi ukoll tal-Kjeriku Nazju Falzon u Suor Adeodata Pisani. Din hija okkażjoni straordinarja fl-istorja ekkleżjastika ta' Malta u Għawdex. Iż-żmien tar-Randan għandu ikun ukoll żmien li jħejjina kif imiss biex nilqgħu fostna lill-Papa Ġwanni Pawlu f'Malta.

Kif ħabbart fiċ-ċirkulari tiegħi jien ser nibda s-VII vista pastorali tiegħi fil-Katidral nhar il-Ħadd 5 ta' Marzu u nkompli fil-parroċċi u postijiet oħra li jiddependu minni. Forsi jkun hawn min jistenna ħafna minn din il-vista pastorali u jixtiequ li f'salt wieħed ifiequ l-pjagi kollha, li kollox isir dritt u li l-ħofor jimtlew u l-ħotob jitbaxxew. Iżda biex jinbidlu l-imħuħ u iktar u iktar il-qlub hija meħtieġa b'mod speċjali l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u l-għajnuna ta' talb li joffru l-kleru u l-lajċi.

Ġejtu hawn ukoll biex tiċċelebraw Jum l-Isqof fil-*birthday* tiegħi u l-anniversarju li nfakkru dalwaqt tal-konsagrazzjoni episkopali tiegħi. F'okkażjoni bħal din tal-lejla nixtieq nuri l-gratitudni tiegħi għat-talb tagħkom għalija u filwaqt li nitlobkom tkomplu twettqu dan id-dmir tagħkom inħeġġiġkom sabiex tagħmlu minn kollox biex il-ħidma pastorali tiegħi tagħti l-frott. Bħal kull sena intom tistennewni nagħtikom il-messaġġ tiegħi għal dan il-jum u l-messaġġ tiegħi huwa dan: Qegħdin nisimgħu b'diversi affarijiet negattivi li forsi tletin sena

ilu ma' smajniex bihom. Iktar ma huma qawwija l-forzi tal-ħażen iktar għandhom ikunu kbar l-opri tajba tagħna. Ninsabu fir-Randan u dan iż-żmien m'għandux ikun bħall-ġranet l-oħra tas-sena iżda għandu jkun żmien b'differenza fil-ħajja spiritwali tan-nisrani, tal-familja u tal-pajjiż. Il-ħwienet u s-swali jibqgħu miftuħa u il-postijiet tad-divertiment jibqgħu għaddejjin bl-istess ritmu u jaljenawna. Huwa meħtieġ iżda li ma nħallu lil xejn u lil ħadd jdejnana. Nagħmlu minn kollox biex nevitaw l-okkażjoni tad-dnub. Inwarrbu minna u mill-ħajja tal-familja dak li jbegħdna minn Alla. Nitolbu iżjed u nagħmlu karita`.

Din hija s-sena dedikata lill-volontarjat u għalhekk b'iktar impenn għandna nfittxu li nagħmlu xi ħaġa bla ħlas. Din is-sena fil-festa ta' San Girgor li ssir fil-parroċċa ta' Kerċem ser jiġi ċelebrat jum il-voluntarjat nisrani u ssir il-konsagrazzjoni ta' dawk li jwettqu xi forma ta' voluntarjat.

4. IR-RESPONSABBILITA` TAN-NISRANI FIL-FAMILJA U FUQ IX-XOGĦOL
(19-03-2001)

'Mhux intom għażiltuni iżda jien għażiltkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa' qalilna Ġesu`. Huwa Alla li għażilna għalih u għalhekk rroddulu ħajr li aħna nsara. Hemm nies oħra li m'għandhomx ix-xorti li jkunu nsara. Aħna għall-grazzja t'Alla nsara Kattoliċi. Dan mhux mertu tagħna iżda għaliex Kristu għażilna billi tana din is-sejħa qaddisa.

Din is-sejħa nisranija mhijiex biss xi unur imma ġġib magħha dmirijiet. Kristu għalhekk qalilna 'għażiltkom biex tagħtu l-frott u l-frott tagħkom jibqa'. X'inhu dan il-frott illi jridna nagħmlu Ġesu`? Il-frott ta' ħajja tajba, onesta, eżemplari, imbiegħda mid-dnub u mill-vizzji. Hemm bżonn li f'dan iż-żmien tar-Randan nidħlu daħla fina nfusna u nistaqsu l-kuxjenza tagħna: Jien lil Kristu qed nagħtih il-frott li jistenna minni jew jien bħal dik is-siġra tat-tin tal-vanġelu tal-lum li kienet ħawlija, fiha ħafna weraq imma frott xejn? Jien immur il-Knisja, nippretendi li jien nisrani imma mbagħad bħall-ħaddieħor inċedi għat-tentazzjoni wkoll biex neħodha kontra l-Knisja li hija ommi li rabbietni u trid twassalni quddiem Alla?

Aħna kull sena għall-ħabta tal-festa ta' San Ġużepp nagħmlu din il-laqgħa għall-irġiel. Tinsewx li anke l-irġiel għandhom ruħ x'isalvaw, anke l-irġiel iridu jagħtu kont lil Alla ta' għemilhom, anke l-irġiel għandhom

ir-responsabbilta` tagħhom quddiem Alla u quddiem id-dinja, ħafna mill-irġiel għandhom fuq spallejhom il-piż tal-familja. Ma rridux nidhru b'idejna vojta quddiem Alla imma rridu nidhru bħala nies li matul il-jum, għad-dawl tax-xemx ħadmu u stinkaw, biex meta tiġi x-xitwa u x'ħin jiġi d-dlam ikollhom fuqiex iserrħu rashom. Hemm bżonn li jiddefendu iktar lill-Knisja u jkunu kapaċi jgħidu kelma li ddawwal l-imħuħ. Hemm bżonn li jkunu eżemplari. Fuq il-lant tax-xogħol in-nisrani jaħdem u mhux jorqod jew jiskarta. Hemm bżonn illi ma jkollhomx rispetti umani żejda u fejn hemm bżonn jikkoreġu billi jibdew mid-dar tagħhom stess.

Ħafna drabi l-ulied ikollhom bżonn kelma ta' twiddib kif ukoll kelma ta' kuraġġ. Meta tarawhom jagħmlu t-tajjeb, għinuhom u ħeġġuhom iżda jekk taraw li uliedkom qabdu triq żbaljata jew qegħdin fil-periklu spiritwali intom għandkom tifthulhom għajnejhom. Ħafna drabi twissija fil-ħin tista' ssalva lil dawn iż-żgħażagħ minn ħafna nkwiet għalihom u għalikom. Huwa dmir ukoll li titolbu għall-uliedkom mhux biss meta għadhom żgħar iżda anke meta dawn ikunu kibru u jkollhom il-familja u x-xogħol tagħhom.

Dan huwa l-frott li Kristu jistenna minna: ħajja onesta u retta, ħajja li ma tiksirx il-liġi ta' Alla, biex meta l-oħrajn jarawna jaslu biex jimxu fuq l-eżempju tajjeb tagħna.

Nitolbu lil Ommna Marija , l-għarusa ta' Ġużeppi l-Patrijarka ta' Nażaret biex dawk li qegħdin jmexxu l-familja jkunu bħall-kaptan tajjeb bit-tmun f'idejh u ma' li ma jħallix id-dgħajsa tiegħu tintefa 'l hawn u 'l hemm.

Il-problemi u d-diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom huma wisq ikbar minn dawk li kellkom tletin jew ħamsin sena ilu u għalhekk meħtieġ it-tagħlim nisrani li huwa bħal dawl fid-dlam tal-ħajja.

5. INKUNU RIKONOXXENTI GĦAR-RIGAL TAS-SAĊERDOŻJU
(21-06-2001)

Għall-Kattoliċi ta' din il-gżira żgħira x-xahar ta' Ġunju jġibilna ċirkustanzi importanti. L-ewwelnett għaliex fil-paroċċi jinżammu d-devozzjonijiet tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesu` u ukoll tiġi ċċelebrata l-festa tal-Qalb ta' Ġesu`. Imma x-xahar ta' Ġunju għalina l-Għawdxin jfisser ukoll l-ordinazzjoni tal-presbiteri ġodda u nitolbu li ta' kull sena jkollna numru ta' presbiteri ġodda u dan mhux biss għas-servizz tad-djoċesi tagħna iżda wkoll ta' djoċesijiet oħra.

Nixtieq nagħmel riflessjoni qasira fuq dak li jikteb il-Papa Piju XII fl-'Aurietis Aquas' dwar id-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesu`. Il-Papa jikteb li 'biex juri mħabbtu lejna, Kristu tana d-doni tiegħu, tana s-sagramenti, it-tagħlim revelat, il-Knisja u l-Madonna. Fost l-oħrajn il-Papa jsemmi ukoll is-saċerdozju bħala rigal ta' Kristu u għalhekk ġaladarba huwa rigal jeħtieġ li nkunu rikonoxxenti.

L-ewwel grazzi jgħiduh dawn is-sitt djakni li ser jirċievu s-sagrament ta' l-ordni sagri. Kien Alla li sejħilhom għal din it-triq u ried li jkollhom dan id-don mingħajr mertu tagħhom.

Lil dawn iż-żgħażagħ ngħidilhom, għandkom quddiemkom eżemplar l-aktar sabiħ ta' dak li ġie iddikjarat beatu ftit ġranet ilu, il-Beatu Dun Ġorġ Preca

li mar iħaddem is-saċerdozju ministerjali. Imitaw l-ħeġġa tiegħu tat-tagħlim speċjalment fil-ministeru tal-Kelma, l-ispirtu tiegħu ta' umilta` u ubbidjenza tiegħu. Imitaw fuq kollox lil Beatu Dun Ġorġ Preca fl-ispirtu tiegħu ta' sagrifiċċju u d-distakk mill-pjaċiri tad-dinja flimkien ma' l-ispirtu ta' talb li kien għalih ta' għajnuna kbira missema.

Mhux biss is-saċerdoti għandhom jirringrazzjaw lil Alla għal dan id-don iżda wkoll l-insara kollha. Difatti s-saċerdozju għandu dak li nsejħulu 'terminus a quo' u 'terminus ad quem'. Is-saċerdozju għandu bħala għajn tiegħu dik l-imħabba bla tarf li kellu u għandu Kristu lejna, dik l-imħabba li simbolu tagħha hija l-Qalb minfuda ta' Kristu li minnha ħarġu l-aħħar qatriet ta' demm u ilma. Minn hemm ħareġ is-saċerdozju, dak kien il-bidu tiegħu u din hija il-kawża li fid-dinja jeżisti s-saċerdozju. Din hija realta vera u effikaċi li kapaċi ġġib trasformazzjoni mill-iktar kbira. Imma dan ir-rigal lil min huwa mogħti?

Huwa mogħti lill-ġisem mistiku ta' Kristu, lill-Knisja u għalhekk nistieden lilkom il-lajċi biex flimkien magħna rroddu ħajr lil Alla talli ta' kull sena għadu jagħtina iktar vokazzjonijiet u talli qiegħed jurina b'mod ċar li jħobbna, jieħu ħsiebna u jmexxina 'l quddiem. Nimpenjaw ruħna biex lis-saċerdoti ngħożżuhom, nikkoperaw magħhom u nitolbu għalihom.

6. IL-JEDD TAL-KNISJA GĦALL-LIBERTA`
(25-11-2001)

Fil-jum li fih qegħdin niċċelebraw il-Festa ta' Kristu Sultan, iltqajna hawn biex nagħtuh qimitna u nistqarru quddiem kulħadd li aħna sudditi fidili tiegħu. S. Pawl fl-ittra lil Filippin (2,10-11) jistqarr li "Fl-isem ta'Ġesu` - fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art - il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkubbtejhom, u kull ilsien jistqarr; Ġesu` Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier".

Imma jekk l-ġieħ u l-glorja ta' Kristu, Iben ta' Alla jgħannihom il-ħolqien kollha, wisq u wisq iktar tfaħħarhom u tgħollihom il-Knisja Mqaddsa li tagħha huwa l-fundatur.

"Mad-dinja kollha - nkantaw b'leħen wieħed fil-Liturġija - il-Knisja Mqaddsa tistqarr fik: il-Missier ta' kobor bla qies; l-Iben tiegħek miqjum, veru u waħdieni; u l-Ispirtu s-Santu d-Difensur. Kristu, inti s-Sultan glorjuż".

Il-Knisja Mqaddsa, ma tikkontentax biss li tqim lil Kristu Sultan u tkanta t-tifħir tiegħu, imma tagħmel ukoll ħilitha biex twettaq fedelment il-missjoni qaddisa li Huwa afdalha... Għalhekk hija kullimkien u kontinwament tħabbrek biex is-saltna ta' Kristu tikber u tissaħħaħ u biex il-bnedmin jiksbu s-salvazzjoni ta' dejjem.. Il-Knisja twettaq din il-missjoni bil-jedd kollu, b'tama bla ma taqta' u bil-kuraġġ minkejja kull tfixkil, għaliex qalbha qawwija fil-wegħda li għamlilha Kristu Sultan, li jibqa' magħha sa l-aħħar taż-żminijiet (Mt 28,20).

Il-liberta` u l-indipendenza tal-Knisja

Il-Knisja tħoss li fil-mixja tagħha hija għandha tgawdi liberta` xierqa, u independenza mis-setgħat tad-dinja... Iktar minn darba l-Konċilju Vatikan II tenna l-prinċipji marbutin ma' dan il-jedd tal-Knisja Kattolika.

Hekk fl-istqarrija dwar il-liberta reliġjuża (n.6) naqraw: "Is-setgħa ċivili għandha tħares b'mod effettiv il-liberta` reliġjuża taċ-ċittadini kollha b'liġijiet ġusti u b'mezzi oħra xierqa, u għandha toħloq kundizzjonijiet favorevoli biex iħeġġu l-ħajja reliġjuża sabiex iċ-ċittadini jkunu tassew jistgħu jippratikaw id-drittijiet u jagħmlu d-dmirijiet tar-reliġjon". Meta Kristu, waqqaf il-Knisja biex tqaddes il-bnedmin f'din il-ħajja u twassalhom għall-hena tal-ħajja ta' dejjem, tagħha wkoll kull setgħa biex tista tilħaqq il-għan tagħha u din is-setgħa hija independenti minn kull awtorita` umana. Għalhekk il-Konċilju jinsisti fuq il-prinċipju li l-knisja jkollha dik il-liberta` fil-ħidma tagħha, daqskemm teħtieġ il-ħidma għas-salvazzjoni tal-bniedmin (D.H., n.13).

"Il-liberta` tal-kuxjenza tissupponi bħala kundizzjoni neċessarja, l-eżistenza ta' awtorita` reliġjuża independenti mill-Istat, li torganizza u tiggverna b'mod sovran lilha nfisha skond il-prinċipji tat-twemminha u t-tradizzjonijiet ta' l-istorja tagħha". Fir-Religjon Kattolika din l-awtorita` reliġjuża qegħda fil-Papa u l-isqfijiet li huma f'għaqda miegħu.

Skond id-digriet *Christus Dominus* numru 19 "Huma u jagħmlu l-ministeru appostoliku tagħhom, li għandu bħala skop is-salvazzjoni tal-bnedmin, l-isqfijiet, bħala tali, għandhom liberta` sħiħa u perfetta u indipendenza minn kull awtorita` ċivili... Għalhekk ħadd m'għandu jfixkilhom, direttament jew indirettament, milli jħaddmu l-inkarigu ekkleżjastiku tagħhom".

Għadhom validi l-kelmiet tal-Papa Piju XII (Allokuzzjoni *Vous avez voulu* (lil parteċipanti tal-X Kungress Internazzjonali tax-Xjenzi Storiċi) AAS 47(1955)677-680) dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat: "Iż-żewġ poteri l-Knisja u l-Istat huma sovrani. L-Istat u l-Knisja huma poteri indipendenti, imma b'daqshekk ma għandhomx jinjoraw lil xulxin, u wisq inqas jikkumbattu lil xulxin huwa wisq iktar konformi man-natura u mar-rieda divina li huma jikkollaboraw flimkien fil-waqt li jifħmu lil xulxin, għaliex l-azzjoni tagħhom tirrigwarda l-istess suġġett jiġifieri - ċittadin kattoliku. Il-formula ta' Ljuni XIII mogħtija fl-enċiklika *Immortale Dei* tirrifletti l-kuxjenza tal-Knisja, cioè` li dak kollu li hemm sagru fir-realta` tal-bnedmin, u kull ħaġa marbuta mas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u mal-kult divin taqa' taħt is-setgħa u d-diskrezzjoni tal-Knisja.

Il-*Gaudium et Spes*, 42 tgħidilna li l-Knisja "xejn ma tixtieq iktar milli sservi għal ġid ta' kulħadd u li tkun tista tiżviluppa ruħha liberament tkun xi tkun il-għamla ta' gvern li jirrispetta l-jeddijiet fundamentali tal-persuna u tal-familja u jagħraf l-eżigenzi tal-ġid komuni". Barra minn hekk fin-numru 76 hemm miktub li "dejjem u kullimkien huwa jedd tal-Knisja li xxandar il-fidi b'liberta` vera, tgħallem id-duttrina soċjali tagħha, tmexxi l-ħidma tagħha bla tfixkil fost il-bnedmin, u tagħti wkoll il-ġudizzji morali tagħha fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-ordni politiku meta l-jeddijiet fundamentali tal-persuna, jew is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, jitolbu dan. Hija tagħmel dan billi tuża l-mezzi kollha, u lilhom biss, li jaqblu ma' l-Evanġelju u mal-ġid ta' kulħadd skond iż-żminijiet u s-sitwazzjonijiet differenti".

Din il-liberta` u l-indipendenza tal-Knisja għandha tiġi rispettata u protetta b'mod partikolari fi tliet oqsma, dak tat-tagħlim, tal-kult, u tal-ħidma soċjali tagħha.

Liberta` fit-tagħlim

Il-Knisja għandha l-mandat divin li tgħallem lill-bnedmin, għax Kristu qal lill-Appostli "Morru għallmu l-Ġnus kollha" (Mt 28,19). Qabel xejn u fuq kollox għalhekk, il-Knisja għandha mhux biss id-dmir, iżda wkoll il-jedd, li ħadd ma jista' jeħodulha li twassal il-messaġġ ta' Kristu b'kull mezz possibbli, mhux biss dawk tradizzjonali bħalma huma l-priedki u l-katekezi iżda wkoll bil-mezzi moderni bħalma huma l-mass media.

Kif jgħallem l-Konċilju Vatikan II il-Knisja għandha "l-jedd li twaqqaf bil-liberta` u tmexxi skejjel ta' kull grad u ta' kull għamla, jedd li l-Magisteru tal-Knisja diġa ddikjara f'ħafna dokumenti" (*Gravissimum eduationis*, 8). Huwa wkoll kompitu tagħha li tinsisti li l-ġenituri bħala l-ewwel u l-aqwa l-edukaturi ta' wliedhom għandu jkollhom "il-liberta` vera li jagħżlu l-iskola għalihom" (G.E. 6). Imma fi gżiritna għad li niftaħru li aħna kattoliċi nistgħu ngħidu bla tlaqliq, li dan il-jedd tal-ġenituri huwa mħares? Qed jittieħdu l-passi meħtieġa, sabiex, jekk ma kellhomx s'issa il-possibilta` li jgawdu dan il-jedd, tkun tista' tingħatalhom fil-ġejjieni? Kif jista' qatt jeżerċitaw dan il-jedd jekk f'dawn l-aħħar tletin jew erbgħin sena għal ċerti sezzjoni ta' tfal teżisti biss skola waħda u fiha biss il-ġenituri jogħġobhom jew ma jogħġobhomx ikollhom bil-fors jibgħatu lill-uliedhom bniet?

Liberta` tal-kult

"Il-Knisja Kattolika - skond il-Kanoni 1254 par.1 tal-Liġi Kanonika - indipendentament mill-poter ċivili għandha d-dritt tippossiedi u tamministra l-ġid temporali biex tilħaq l-għanijiet tagħha". Fil-postijiet sagri l-awtoritajiet ekkleżjastika għandha teżerċita liberament is-setgħat u l-kompiti tagħha (Kanoni 1213). L-Isqof bħala mexxej

spiritwali tad-djoċesi għandu l-jedd jieħu ħsieb il-konservazzjoni tal-bini kultwali u l-kontinwazzjoni regolari tal-eżerċizzju tal-kult fid-djoċesi afdata f'idejh.

Sabiex jitwettaq il-kult u titkompla sewwa l-missjoni ekkleżjali għas-saħħa spiritwali ta' l-erwieħ jeħtieġ li jkun hemm knejjes u artali kif ukoll li jinxtraw u jintużaw l-oġġetti sagri u dak kolllu li huwa meħtieġ għall-kult divin. Il-Knisja, sa mit-twaqqif tagħha skond ir-rieda tal-fundatur tagħha, għandha l-jedd, indipendenti li tuża l-knejjes tagħha u dak li meħtieġ għall-kult. Għalhekk jistħoqqilha kull rispett l-opinjoni ta' ħafna awturi magħrufa li jgħidu li "Huma eżenti mill-ġurisdizzjoni ta' l-istat dawk il-ħwejjeġ kollha li b'xi mod jew ieħor jintużaw għall-kult divin".

Huwa ovvju li ma jiswa xejn li jiġi rikonoxxut lill-Knisja d-dritt li tippossiedi l-oġġetti mobbli u immobbli fil-kult jekk imbgħad tkun imċaħħda mill-jedd li tużahom kif trid hi skond il-liġijiet proprji tagħha".

Ta' min ifakkar għalhekk li fejn jidħlu l-beni kulturali dawk speċjalment li għandhom x'jaqsmu mal-liturġija huwa jedd li l-Knisja għandha min-natura tagħha stess mhux biss li tippossedihom iżda wkoll li tużahom u tiddisponi minnhom liberament fil-ħarsien tal-liġijiet ekkleżjastiċi dwar din il-materja u mingħajr indħil bla bżonn ta' l-awtoritajiet ċivili.

Bis-saħħa ta' l-istess prinċipji tal-liberta` tal-kult u tar-reliġjon imiss lill-awtorita` ekkleżjastika li tiddeċiedi hi, meta jinqalgħu xi kwistjonijiet dwar il-beni kulturali li huma ħwejjiġha.

Jedd għall-opri tal-karita`

Fost il-finijiet ewlenin li l-Knisja Kattolika għandha

l-Liġi Kanonika (kan 1254 par.2) isemmi dak li twettaq opri ta' l-appostolat u tal-karita`, speċjalment għall-qadi tal-foqra.

Din l-affermazzjoni nsibuha wkoll fil-kostituzzjoni dwar il-Knisja fid-dinja ta' llum (*Gaudium et spes*, 42) "Fejn ikun meħtieġ skond iċ-ċirkustanzi taż-żmien u tal-post, hi (il-Knisja) stess tista', anzi għandha twaqqaf opri maħsubin għall-qadi tal-bnedmin kollha, l-aktar ta' dawk li qegħdin fil-bżonn, bħalma huma l-opri ta' ħniena u oħrajn bħalhom".

Il-liberta` reliġjuża timplika wkoll fost ħwejjeġ oħra li l-Knisja Kattolika, kif għamlet dejjem matul il-kors ta' l-istorja twettaq attivita` karittativa u ta' għajnuna anke fil-ħtiġijiet materjali tal-bniedem, bħalma hija dik li tingħata lill-morda u lill-orfni. Huwa loġiku li min jeżiġi li l-istituti tal-Knisja jilħqu ċertu livell skond l-eżiġenzi moderni, ikun hu wkoll minn ta' quddiem li jikkontribwixxi b'mod adegwat biex jiltaħaq dan il-livell. Dan ma jnaqqas xejn mid-dmir tal-kattoliċi bħala individwi u nies privati li jinteressaw ruħhom f'opri soċjali tal-Knisja u jgħinuhom finanzjarjament skond il-possibilta` tagħhom. Dan kollu hu meħtieġ jekk iridu naraw il-Knisja bħala dawl tal-ġnus u Omm ħanina ta' kulħadd.

Il-Kattolici "għandhom iħobbu lil Knisja bħala Omm komuni tagħhom u jixtiequ li jkunu mħarsin il-jeddijiet tagħha; jagħmlu wkoll ħilithom sabiex il-Knisja tkun meqjuma u maħbuba bl-istess rispett minn dawk kollha li għandhom xi awtorita`" qalilna l-Papa (*Ljuni XIII, Immortale Dei*). Jalla dan l-att ta' qima pubblika lil Kristu Sultan ikun verament sinċier u jfisser tabilħaqq adeżjoni mal-Knisja u kooperazzjoni magħha, li minnu stess ġiet magħżula.

7. L-IMĦABBIET TA' MADRE MARGERITA DEBRINCAT
(23-01-2002)

Fit-22 ta' Jannar 1952, Madre Margerita Debrincat għalqet għajnejha għad-dawl tad-dinja u daħlet fl-eternita`. Aħna llum, f'għeluq il-50 sena mill-mewt tagħha, inġbarna hawn biex infakkruha u nitolbu ħalli l-kawża tal-Beatifikazzjoni tagħha li diġa imxiet ħafna 'l quddiem, tasal għall-konklużjoni li aħna tant nixtiequ, biex lil Madre Margerita narawha venerata fuq l-artali.

Forsi ma tkunx ħaġa kbira kieku xebba ta' llum, tat-tielet millenju, kellha timxi 'l quddiem u twettaq dik il-ħidma li wettqet Madre Margerita. Imma ma rridux ninsew li meta twieldet Madre Margerita u ż-żmien li fih għexet, kienu żminijiet oħra. Hi kellha diversi żvantaġġi. L-ewwelnett għax kienet mara u f'dik l-epoka n-nisa ma kienux jieħdu sehem hekk fid-dieher fil-ħajja soċjali. It-tieni għax kienet Għawdxija - din il-ħaġa tinħass bħala ipoteka mhux biss fi żmien Madre Margerita, imma anke fi żmienna. Din hija kundizzjoni li tfixkilna milli nimxu 'l quddiem u fi żmien Madre Margerita dan ix-xkiel kien ikbar.

Hija twieldet f'Kerċem f'Novembru 1862; irċeviet edukazzjoni tajba: minn ċkunitha trabbiet tħobb lil Alla, lil Ġesu` u lill-Imqaddsa Verġni Marija. Meta dak iż-żmien it-tfal ftit kellhom possibilita` li jimxu 'l quddiem fl-iskola, hi kellha x-xorti li titgħallem xi lingwi. Dan jindika li kienet tifla intelliġenti u ta' memorja

qawwija. Hija daħlet fl-"għaqda tat-tnax-il kewba" li kien waqqaf Dun Ġużepp Diacono sabiex ma' xebbiet oħra tkompli tiġi ffurmata fil-ħajja reliġjuża u kienu jiltaqgħu ukoll biex ikantaw it-tifħir lil Alla. U meta ġiet imwaqqfa l-kongregazzjoni tas-sorijiet tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu`, hija kienet waħda mill-ewwel novizzi hekk li fis-sena 1883, l-istess sena tad-dehriet tal-Madonna ta' Pinu, hija għamlet l-ewwel professjoni tagħha; erba' snin wara, hija għamlet il-professjoni perpetwa u bdiet tissejjaħ "Suor Margerita tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu`".

Lil din il-mara qalbenija nistgħu nxebbħuha ma' Santa Teresa ta' Ġesu`, għax bħalha kellha fiduċja kbira fit-talb, kienet tħobb lil Alla b'imħabba li ma tafx x'inhu sagrifiċċju, u fuq kollox kienet lesta li tiddedika ruħha u tbati għat-tixrid tas-saltna t'Alla.

Għal xi żmien hija kienet qisha segretarja ta' din il-kongregazzjoni; imbagħad, meta s-superjuri bdew jaqtgħu qalbhom u kien hemm il-periklu li din il-kongregazzjoni tisfaxxa u tispiċċa, Madre Margerita kellha tgħin biex tieħu f'idejha t-tmexxija ta' din il-komunita` reliġjuża u ġġibha 'l quddiem u ssaħħaħha. Biżżejjed insemmu d-djar li fetħet mhux biss f'Għawdex u f'Malta, imma anke fl-Italja, Corfu` u diversi pajjiżi oħra. Għalhekk, kienu eluf u eluf li minn dakinhar sa llum gawdew mill-frott tal-ħidma u l-appostolat tal-Qaddejja t'Alla Madre Margerita Debrincat.

Veru li s-seklu tagħna, mhux biss huwa seklu ta' ħażen imma anke ta' distrazzjonijiet; veru li dawk li jiddu jibbrillaw fis-sema bħal kwiekeb l-aktar qawwija, in-nies tagħna ma jarawhomx għax għandhom għajnejhom

imċajprin u għalhekk fi żmienna ftit għadhom moda l-qaddisin, l-aġografiji! Naqset ukoll il-ħeġġa għall-appostolat. Ftit huma l-vokazzjonijiet reliġjużi. Imma veru wkoll, li l-grazzja t'Alla hija qawwija u li d-dawl t'Alla jirbaħ fuq id-dlam tad-dinja. Il-ħeġġa u l-entużjażmu li ġejjin minn Alla jirbħu fuq it-telqa u l-bruda ta' l-umanita`. U jekk aħna kapaċi nifhmu l-messaġġ dejjem ħaj li tagħtina din il-fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu`, għandna ħafna x'nitgħallmu għall-ġid spiritwali tagħna personali u għall- ġid ta' l-oħrajn.

Il-Qaddejja t'Alla tgħallimna li l-imħabba lejn Kristu għandha tisboq kull imħabba oħra lejn l-oġġetti u anke lejn il-persuni għeżież għalina. Il-qalb tagħha kienet imfawwra bl-imħabba lejn Kristu, kif kienet imfawwra l-qalb ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Kliemha kien jixhed li hija tħobb lil Ġesu` b'imħabba ġenwina u kostanti.

Jekk aħna nixtiequ nkunu nsara veri, mhux biżżejjed li mmorru għall-quddiesa nhar ta' Ħadd u nieħdu sehem fil-funzjonijiet u l-festi li jsiru; imma hemm bżonn li nħarsu lejn Kristu u nagħrfuh aħjar kif għamlet Madre Margerita. Hemm bżonn inħobbuh iżjed u niftħu qalbna għal Kristu kif jistedinna nagħmlu l-Papa, b'ċertu mod u manjiera li Kristu biss ikun jiddomina u jaħdem fil-ħsiebijiet ta' moħħna u x-xewqat ta' qalbna.

Madre Margerita tgħallimna li għandna nħobbu l-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Meta ngħidu "knisja" ma nifhmux il-binja tal-ġebel jew il-komunita` żgħira fejn nitwieldu u ngħixu, imma nifhmu l-knisja universali.

Madre Margerita kellha tagħmel sagrifiċċji kbar biex f'dawk iż-żminijet tivvjaġġa lejn l-Italja, Greċja u pajjiżi oħra sabiex tiftaħ djar ġodda għall-komunita` tagħha. Imma l-imħabba tagħha lejn il-knisja, imbuttatha aktar 'il quddiem. Il-Mulej bierek il-ħidma tagħha u x-xogħol tagħha deher matul is-snin.

Madre Margerita mietet 50 sena ilu fl-eta` ta' 89 sena; pero` isimha jibqa' ħaj: l-eżempju tagħha huwa applikabbli anke għalina llum u jibqa' applikabbli. Illum, waqt li qegħdin noffru lil Alla dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa, barra milli nitolbu għall-beatifikazzjoni tagħha, nitolbu ukoll biex l-ideali nsara ma jintesewx... biex iż-żgħażagħ tagħna jkunu mimlija bl-istess entużjażmu qaddis u bl-istess kuraġġ li kellha l-Qaddejja t'Alla Madre Margerita. Nitolbu wkoll bl-interċessjoni ta' din ir-ruħ tajba biex l-insara u l-Kattoliċi ta' żminijietna ma jkunux insara ta' nofs kedda, li jikkuntentaw ruħhom b'ħaġa żgħira, li fil-knisja ikantaw u jinċensaw imbagħad x'ħin ikunu barra jagħmlu bħal ħadd ieħor jew agħar minn ħaddieħor. Imma hemm bżonn li l-insara ta' llum ikunu animati u mbuttati b'dawn iż-żewġ imħabbiet kbar li bihom kienet imkebbsa l-qalb ta' Madre Margerita: l-imħabba lejn Kristu, l-uniku Feddej ta' l-umanita` u l-imħabba lejn il-Knisja li hija ommna li tħobbna u tixtieqna li aħna nikbru 'l quddiem fil-qdusija u tistenna wkoll li aħna ngħinuha biex tkompli l-missjoni li Kristu afdalha.

8. IR-RESPONSABBILITA` TAL-ĦADDIEMA
(18-03-2002)

San Ġużepp huwa qaddis kbir u setgħani u minnu nistgħu nitgħallmu ħafna affarijiet importanti għall-ħajja tal-familja. Alla afdalu f'idejh missjoni nobbli u qaddisa biex ikun l-għarus ta' l-Imqaddsa Marija u l-Missier legali u edukatur ta' Kristu. San Ġużepp qeda' din il-missjoni b'sens ta' responsabbilita`.

Xi tfisser tkun responsabbli? Il-kelma responsabbilita` ġejja mill-kelma 'rispondere' li tfisser twieġeb. Aħna rridu nagħtu kont quddiem Alla ta' dak li nagħmlu u rridu nwieġbu wkoll quddiem is-soċjeta`. Jien naħseb li fiż-żminjiet tal-lum mhux barra minn loku li jien nagħmel appell għas-sens ta' responsabbilita`. Fuq l-eżempju ta' San Ġużepp qisu li tħossukom responsabbli, tkunu tafu d-dmirijiet tagħkom u twettquhom anke jekk dan ikun jiswielkom sagrifiċċju. Jien ser insemmilkom biss żewġ ambjenti jew kampijiet illi fihom intom l-irġiel għandkom twettqu l-ispirtu ta' responsabbilita` u tissaħħu fih.

L-ewwelnett il-familja. Tridu tkunu intom li tindukrawha u toqogħdu attenti dwar x'jidħol u ma jidħolx ġewwa d-djar tagħkom. Għandkom toqogħdu attenti dwar xi programmi tat-televiżjoni li jaraw uliedkom u taraw ukoll jekk hemmx xi gazzetti u rivisti b'materjal ta' pornografija li ma jixirqux u li jagħmlu tant ħsara. Għandkom tkunu attenti ukoll dwar xi kliem jingħad ġewwa d-djar tagħkom. Kunu attenti wkoll biex

twissu fil-ħin u tieħdu l-passi meħtieġa biex darkom tkun tabilħaqq dar nisranija.

It-tieni ambjent jew kamp ta' responsabbilita` għandu jiġi eżerċitat barra mid-dar għax aħna ċittadini f'pajjiż li jiftaħar li huwa demokratiku. F' dawk il-pajjiżi li huma dittatorjali jew kolonjali ċ-ċittadini m'għandhomx dritt jitkellmu u jkollhom jbaxxu rashom għal min imexxi l-pajjiż. Imma f'pajjiż demokratiku mhux hekk, għaliex kulħadd għandu l-jedd li jgħid tiegħu u meta ħaġa hija tajba jgħid li hija tajba u jfaħħarha u meta hija ta' periklu jgħid ukoll li ser titfagħna lura u mhux 'il quddiem.

Fuq kollox biex ikollkom sens ta' responsabbilita` barra mid-dar tagħkom qisu li tkunu kompetenti fuq ix-xogħol tagħkom. Il-ħidma tagħkom għamluha sewwa, b'kuxjenza, mingħajr ma' tiskartaw id-dmirijiet tagħkom. Ix-xogħol tagħkom dment li huwa xogħol onest huwa kollu qaddis u għandu fuqu l-barka ta' Alla. Ix-xogħol jgħaqqadna ma' Kristu meta magħmul b'responsabbilta`. Ma jkunx responsabbli min suppost joqgħod tmien sigħat xogħol u jagħmel sitt sigħat biss u forsi jippanċja u jiddikjara li kien hemm il-ħin kollu. Ma' tkunx responsabbilta` jekk wieħed għandu jagħmel ċertu xogħol u jiskarta minnu jew jagħmel nofsu jekk mhux ukoll jagħmel dak ix-xogħol ħażin. Din mhix imġieba ta' l-insara. Noqogħdu attenti għaliex ċerti nies tarahom il-Knisja imma imbagħad fejn jidħlu d-dmirijiet soċjali jonqsu serjament.

Naħseb li intom m'għandkom l-ebda dubju li jien tkellimt ħafna favur il-ħaddiema u anke dwar ħaddiema ta' ċerti ditti u aġenziji li kienu sejrin lura għax fejn hemm il-ħaddiema jaħdmu aħna m'għandniex naraw il-profitti

biss imma rridu naraw anke l-kundizzjonijiet ta' dawk li qed jaħdmu u ċ-ċirkostanzi li jinsabu fihom. Pero` daqskemm is-sidien għandhom id-dmir u l-jedd illi josservaw id-dmirijiet tagħhom billi jagħtu paga xierqa, iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet l-oħra daqshekk u xejn inqas il-ħaddiem għandu jagħti dak li huwa mħallas għalih. Min jieħu l-paga u x-xogħol ma' jagħmlux sewwa jew jagħmel nofsu jekk mhux ukoll bi ħsara dan mhux responsabbli u mhux qed jagħti eżempju ta' nisrani.

Inħoss li huwa dmir tiegħi li nagħmlilkom dan l-appell b'tama shiħa li l-għaqal u l-esperjenza jkomplu jigwidawna u jmexxuna fuq l-eżempju ta' San Ġużepp.

9. DAK LI JEĦTIEĠU WLIEDNA
(31-07-2002)

F'din l-okkażjoni jien ma' nistax ma' niftakarx fil-Kattoliċi ħutna tal-Brażil, fejn kont fil-bidu ta' dan ix-xahar. Il-Brażil huwa pajjiż ta' kuntrasti; għandek xhieda ta' għana u ta' ġid kbir u għandek ukoll xhieda ta' faqar kbir biex ma' ngħidx miżerja. Imma lili ma' impressjonawni xejn dawk il-palazzi kbar, dawk it-toroq sbieħ u dawk il-ħwienet imdawwlin li hemm f'ċerti bliet kbar bħal ma hija Rio u San Paolo li jħabbtuha mal-bliet kbar ta' l-Ewropa. Lili mhux dan impressjonani, imma impressjonani d-djar tal-foqra li żorna fejn iltqajna flimkien magħhom, ma' wliedhom u mat-tfal tagħhom fl-iskejjel . Jiena naħseb li meta tkun rajt b'għajnejk sitwazzjonijiet bħal dawn ma jistax ikun li ma tiftakarx f'Alla u f'ċerti dmirijiet li aħna għandna bħala nsara.

Jiena naħseb li l-ewwel dmir tagħna huwa li rroddu ħajr lil Alla, illi minkejja ċokon ta' artna u minkejja li m'għandna riżorsi ta' xejn, aħna għandna biex ngħixu deċentement. Il-ħajja f'pajjiżna mhix ħajja li tista' tgħidilha miżera jew fqira u ma tipparaguna xejn mal-faqar u l-emarginazzjoni illi rajt jien fil-Brażil u li naħseb hemm f'pajjiżi oħra. Barra li nirringrazzjaw lil Alla rridu noqogħdu attenti għaliex ċerti affarijiet li nagħmlu aħna jistgħu jkunu ta' nsult għall-foqra u hawnhekk jiġini f' moħħi ċertu lussu żejjed u ċerta hela li nagħmlu aħna. Meta tiftakar li f'pajjiżi oħra hemm

il-ġuħ, hemm min m'għandux x'jiekol u hemm min jikkontenta b'ikla waħda bi ftit qamħirrum u ross imbagħad bilfors ma' nistgħux nittolleraw li wieħed jarmi, jaħli u jagħmel ħsara f'dak li suppost huwa l-ġid komuni ta' l-umanita`. Jien nibża' wisq li pajjiżna qabad triq żbaljata, mhux it-triq ta' l-affluwenza għax din tista' tkun sinjal ta' progress u ta' żvilupp, imma t-triq tal-ħela u ta' lussu żejjed, iktar milli nifilħu għalih. Mhux talli huwa hekk iżda talli qegħdin indarru lil uliedna b'ċerti affarijiet illi fl-aħħar mill-aħħar m'għandhomx x'jambuhom u forsi anqas japprezzawhom.

Uliedna taf x'għandhom bżonn? Iktar imħabba, iktar rispett, iktar atttenzjoni u iktar dedikazzjoni lejhom. Jien nibża li hawn ċerti familji fejn ir-raġel ħsiebu fil-professjoni tiegħu u l-mara forsi għandha l-impjieg tagħha, joqogħdu ħafna ħin barra mid-dar u jagħtu importanza u attenzjoni lil kollox imma imbagħad it-tfal jiġu fl-aħħar post. It-tfal huma l-veru teżor tal-familja għaliex huma l-futur tagħna. Jien naħseb li t-tfal tagħna għandhom minn kollox u jonqoshom kollox. X'mgħandhomx it-tfal tagħna? Ilbies sabiħ, ikel, dar sabiħa fejn joqogħdu? Mhux minn kollox għandhom? Imma imbagħad jidhru li mhux trankwilli biżżejjed u donnhom ittieħdu mill-marda tal-pessimiżmu illi għandna aħna l-kbar. Din kienet l-impressjoni tiegħi għax mort f'okkażjonijiet diversi fejn kienu miġbura t-tfal fil-Brażil u jidhru li huma kuntenti u allegri, mentri t-tfal t'hawn jagħtuk l-impressjoni li m'humiex trankwilli biżżejjed, donnhom jonqoshom il-paċi. Xi darba t-tfal tagħna donnhom għandhom ix-xewk f'ġisimhom. Jidher li hemm xi ħaġa li m'hix sejra sewwa. Forsi għax il-ġenituri qegħdin jesiġu żżejjed minn uliedhom u forsi dak li l-

ġenituri ma' rnexxielhomx jiksbuh huma f'ħajjithom jippretenduh minn uliedhom. M'għandux ikun hekk. Tinsewx li t-tfal għandhom il-jeddijiet tagħhom; mhux biss il-jedd li jieklu, jilbsu u jkollhom fejn joqogħdu imma anke illi jkollhom ir-rikreazzjoni tagħhom, illi jkollhom min jirrispettahom, jiddefendihom, jieħu ħsiebhom u jikkoreġihom meta huwa meħtieġ.

Għalhekk jien nixtieq nagħmel appell biex nieħdu ħsieb uliedna, niddefenduhom u nipproteġuhom għax hawn ħafna perikli li jistgħu jkunu ġewwa d-dar stess u dan jista jkun it-*television*, l-*computer* u ħwejjeġ oħra.

Lit-tfal nagħtuhom l-attenzjoni u l-imħabba kollha tagħna. Ma' ndarruhomx f'din il-kultura ta' ħela. Nuruhom li għandhom jaħsbu f'ħaddiehor għax xi darba l-kultura ta' ħela ma tfissirx ħaġa oħra ħlief kultura ta' egoiżmu. Min jaħli u min jonfoq biex anke jagħmel il-fanfarunati quddiem in-nies jagħmel hekk frott l-egoiżmu għax kieku jiftakar f'ħaddieħor jew forsi jerfa' ftit minn dak li għandu biex jagħtih lill-oħrajn. Niftakru f'min huwa batut, min huwa fqir u f'min tonqsu xi ħaġa. Għalkemm forsi f'pajjiżna m'għandniex dik il-kwalita` ta' faqar li ltqajt miegħu fil-Brażil imma jeżistu f'pajjiżna każijiet ta' faqar li forsi ġie mingħajr ħtija tal-ġenituri jew ta' membri oħra tal-familja u huwa frott il-mard jew kawżi oħra bħalma hija d-droga. Dawn il-każijiet għandhom ikunu ċ-ċentru ta' l-attenżjoni tagħna.

J'Alla l-Imqaddsa Verġni Marija, omm tagħna u omm ta dawk li qed ibatu tqanqal f'qalbna sentimenti ta' ħniena biex nieqfu mal-foqra u l-batuti.

10. IL-FORMAZZJONI TAL-KUXJENZA
(28-09-2002)

Illum huwa iktar importanti minn qatt qabel li l-membri ta' l-Azzjoni Kattolika jaħdmu bis-sħiħ biex jiffurmaw il-kuxjenzi billi l-ewwelnett nibdew minna nfusna u mbagħad ngħaddu biex ngħinu fil-formazzjoni tal-kuxjenza tat-tfal, taż-żgħażagħ, tal-miżżewġin u anke ta' l-anzjani. Mhux biżżejjed li wieħed ikun jaf x'jgħallem Kristu u xi trid il-Knisja. Min jaf dan u jieqaf hemm ikun wasal biss nofs triq. In-nisrani jrid iwassal lill-oħrajn it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja u għalhekk għandu jistaqsi lilu nnifsu ta' spiss: 'X'għandi nagħmel biex fis-sitwazzjoni preżenti, jien bħala missier, bħala omm, għalliem, student nifforma l-kuxjenza tiegħi? U x'għandi nagħmel ħalli ngħin biex il-kuxjenza ta' l-oħrajn tkun iktar eżatta? Jien naħseb li fid-dinja u anke f'pajjiżna għaddej proċess ta' deformazzjoni sistematika tal-kuxjenza. Huwa veru li llum it-tagħlim jingħata mhux biss permezz tal-priedki u tal-konferenzi iżda wkoll permezz tal-media u dan jista' jgħin ħafna fil-formazzjoni tal-kuxjenza. Imma jkollhna nammettu wkoll li l-avanż ta' ċerti mezzi teknoloġiċi qiegħed iwassal biex jitħawdu l-kuxjenzi. Flok ma jagħtu formazzjoni ta' kuxjenza nisranija, fil-fatt qed iwaqqgħu ħafna nies fid-dnub, ikissru ħafna familja u jitfgħu lil ħafna fit-triq il-wiesgħa tat-telfien.

Xi wħud jgħidu llum kulħadd hekk jagħmel. Jekk ma' tagħmilx hekk ma' timxix 'il quddiem. Imma n-nisrani

li jrid verament jgħix skond il-qalb ta' Alla ma' jistax ma jaħrabx dak li jtaqqal il-kuxjenza tiegħu. U hawnhekk jien m'għandix biss quddiem għajnejja d-dnubiet sesswali kontra s-sitta jew d-disa' kmandament imma l-ksur tal-kmandamenti kollha. Ikollna nammettu li hawn ċerti nies li ħsiebhom huwa kif ser japproffitaw ruħhom anke minn dawk li jiġu jżuruna u kif jiċċarġjaw iktar milli jmisshom. Jiena tkellimt drabi oħra dwar l-imġieba tagħna mal-barranin li jiġu jżuruna, peress li l-moviment turistiku huwa ta' għajnuna finanzjarja għal pajjiżna u nerġa' ntenni llum li ma' nistgħux napproffitaw ruħna u naqilgħu iktar minn dak li għandna dritt għalih. Għandna noqogħdu atteni għax anke f'dan il-kamp nistgħu noħolqu l-iskandlu.

'Imbagħad xi ngħidu għal kamp tal-bijo-etika. Dwar dan it-tagħlim tal-Knisja u tal-Papiet huwa ċar. Imma sfortunatament tisma' xi wħud li jżommu tagħlim żbaljat u jgħadduh lill-oħrajn. Xi ngħidu dwar il-propaganda favur l-abort u forsi ftit ieħor 'il quddiem nibdew nisimgħu wkoll min jagħmel propaganda dwar l-ewtanasja. Hemm bżonn li nkunu nafuh t-tagħlim tal-Knisja dwar il-valur tal-ħajja umana u mhux biss nkunu nafuħ imma nipprattikawh u ma nisthux niddefenduh. Il-Papa attwali qalilna li mhux dejjem dak li tista' tagħmel ix-xjenza jew il-mediċina jista jsir skond il-liġi ta' Alla.

Nitolbu biex is-sena Ewkaristika mnedija mill-Papa Ġwanni Pawlu II u li ser tibda' f'Ottubru twassalna biex insibu l-qawwa li ġejja minn Alla biex ħajjitna issir aħjar u bit-tama li inkunu nistgħu niffurmaw il-kuxjenza tagħna b'dan il-mod u biex ngħinu fil-formazzjoni tal-kuxjenza ta' l-oħrajn.

11. IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KNISJA U FIS-SOĊJETA`
(24-11-2002)

Fid-djoċesi tagħna s-sena 2002 ġiet iddedikata għal-Liturġija, u proprju għalhekk it-tema magħżula għal festa ta' Kristu Re, li qegħdin niċċelebraw illum, huma l-kelmiet li qegħdin fil-qalba tal-Liturġija Ewkaristika "Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu".

Huwa dmir ewlieni tagħna l-insara li f'għaqda waħda ma' Kristu, r-ras tal-Ġisem Mistiku li aħna membri tiegħu naduraw lil Alla, nroddulu ħajr, inpattulu għal dnubietna u nitolbuh dak li neħtieġu. Għalhekk il-Liturġija għandha din l-importanza kollha fil-ħajja tagħna l-Kattoliċi; kif jgħallimna il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* (n.10) "Mil-Liturġija u l-iżjed mill-Ewkaristija, bħallikieku minn għajn, tnixxi fina l-grazzja u minnhom tinkiseb b'qawwa akbar dik il-qdusija tal-bnedmin u sseħħ dik il-glorifikazzjoni ta'Alla fi Kristu. Għaliha, din l-glorifikazzjoni ta' Alla, isiru l-ħidmiet kollha tal-Knisja".

Iżda waqt li l-insara, bil-qima tagħhom jfittxu lil Alla u jipprovaw jersqu lejh; din il-qima ma għandhiex tkun skuża għalihom sabiex jinqatgħu mid-dinja. Bil-maqlub huma għandhom ikollhom imħabba u solidarjeta` ma għajrhom u dan ifisser impenn ġenwin sabiex jintebħu bil-problemi tad-dinja u bil-ħerqa jfittxu soluzzjoni għalihom.

Ir-Reliġjon nisranija hija l-aħbar it-tajba, hija messaġġ, li anki fuq l-art, iġib ħelsien, paċi, ferħ, verita` u ġustizzja, għaliex il-Kristjaneżmu jħaddem qawwa ta' rikonċiljazzjoni ma' Alla, li fl-istess ħin tirrikonċilja l-bniedem miegħu nnifsu u mal-proxxmu.

Iż-żgħażagħ u l-problemi tagħhom

Mill-problemi kollha, kbar u żgħar li qed jolqtu l-pajjiżna u l-umanita` kollha fil-bidu ta' dan it-tielet millenju, nikkonċentraw fuq problema waħda; l-problema taż-żgħażagħ. Waqt li ż-żgħażagħ għaddejjin minn dik li xi whud sejjħulha "ir-rivoluzzjoni siekta" tagħhom, tista' l-Knisja tibqa' siekta hija wkoll? Tista' hija tikkontenta ruħha biss, bil-preżent, u ma titfax ukoll ħarsitha lejn il-ġejjieni u tinnota mhux biss dak li huwa tajjeb, pożittiv u jimliena bit-tama imma wkoll dak li jbeżża'? U meta ngħidu ġejjieni ta' pajjiżna u ta' l-umanita`, x'għandna nifhmu fuq kollox, jekk mhux il-ġenerazzjoni żagħżugħa? X'iridu u x'għandhom bżonn iż-żgħażagħ tagħna biex anke meta jsiru rġiel u nisa jgħixu fil-prosperita` u l-paċi tal-qalb? Liema wirt ser inħallulhom aħna u li huma għandhom dritt naturali għalih, għax kif jgħid San Pawl "Il-ġenituri, għandhom ifaddlu għal uliedhom" (2 Kor 12,14) cioe` jieħdu ħsieb il-ġejjieni tagħhom?

Ma nistgħux niċħdu li ż-żgħażagħ ta' llum għandhom potenzjal kbir x'jistgħu jħaddmu għal ġid tagħhom infushom u tas-soċjeta`. Għandhom opportunitajiet ta' tagħlim u rikrejazzjoni li aħna f'żgħożitna ma kellniex.

Għandhom enerġiji li jistgħu jinqdew bihom mhux biss biex jimxu 'l quddiem huma, iżda wkoll biex jgħinu għall-progress ta' Art Twelidhom. Iżda ma humiex nieqsa mill-problemi, huma wkoll għandhom it-tħassib u l-ilmenti tagħhom.

Sens ta' Indipendenza fiż-żgħażagħ

Iż-żgħażagħ jixtiequ jkunu indipendenti u jħobbu l-liberta`. Minħabba din it-tendenza fihom, jiġri li xi whud minnhom ma humiex dejjem lesti li jaċċettaw l-awtorita` ta' l-oħrajn fuqhom, l-anqas tal-ġenituri u ta' l-edukaturi l-oħra. Nifhmu li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandhom jedd għall-iktar u iktar liberta`, mhux biss skond ma jikbru fl-eta`, iżda wkoll fl-istess proporzjon li jikber fihom is-sens ta' responsabbilta`. Il-liberta` tagħhom għandhom jużawha sabiex ikunu jistgħu juru l-ġenerosita` tagħhom u jidħlu bil-qalb għall-inizjattivi ta' ġid għas-soċjeta`. Dan huwa wkoll wieħed mill-għanijiet ewlenin li trid tikseb kull forma ta' edukazzjoni vera. Forsi wkoll, li f'din il-ħaġa baqgħet lura s-sistema edukattiva ta' pajjiżna, għaliex fl-iskejjel u fejn tingħata l-formazzjoni lit-tfal u liż-żgħażagħ, offrejnielhom kull varjeta` ta' informazzjoni u ta' suġġetti iżda, għad ma rnexxilniex li fiż-żgħażagħ, jew għall-inqas fil-parti kbira tagħhom innislu dan l-ekwilibriju bejn l-użu tal-liberta` u s-sens ta' responsabbilta`. Ir-riżultat kien li f'ħafna każi, l-liberta` tiddeġenera f'libertinaġġ u permessivita`, li jwasslu għal stil ta' ħajja li la jixraq lill-bniedem u wisq u wisq inqas lin-nisrani. L-edukazzjoni pożittiva għal-liberta` u għall-sens ta' responsabbilta` jew "accountability" huma ingredjenti indispensabbli f'kull forma ta' edukazzjoni awtentika, sew fid-djar, fl-iskejjel, fiċ-ċentri taż-żgħażagħ u fil-postijiet fejn jiltaqgħu.

Il-valur tal-ħajja u s-soċjeta`

Fi żmienna jeżistu xi żgħażagħ li donnu togħġobhom iktar il-"kultura tal-mewt" milli l-"kultura tal-ħajja". Xi whud minnhom la għandhom rispett lejn il-ħajja tagħhom u l-anqas lejn il-ħajja ta' ħaddieħor. Ma kienx ikollna daqshekk vittmi tat-taffiku, effett ta' sewqan irresponsabbli, kieku r-rispett lejn il-ħajja kien ikbar f'pajjiżna. Id-drogi u sostanzi oħra li jġibu il-mewt huma prova oħra ta' nuqqas ta' rispett għall-ħajja biex ma nsemmux l-abort u l-ewtanasja, li anke f'pajjiżna sfortunatament hemm min qiegħed jipprova jiddefendihom.

It-tfal u ż-żgħażagħ jeħtieġu edukazzjoni għal valur tal-ħajja. Sa minn ċkunithom, fil-familji, fl-iskejjel u f'ċentri edukattivi hemm bżonn jitgħallmu u jkunu konvinti li l-ħajja umana hija valur kbir, hija sagra, u jeħtieġ li tiġi mħarsa mit-tnissil sal-mewt naturali.

Mhux rari tiltaqa' ma xi żagħżugħa jew żagħżugħ, li jaħsbu li huma weħidhom jeżistu fid-dinja, hemm ċerta doża ta' egoiżmu fihom li ma tħallihomx jintebħu bl-oħrajn li hemm madwarhom. Bħala nsara, irridu naħsbu mhux fina nfusna biss, imma anke fl-oħrajn. L-edukazzjoni nisranija ma tistax tħalli barra l-formazzjoni għall-Karita`. L-egoiżmu jeħtieġ li jinbidel f'altruiżmu. Irridu nżommu quddiemna l-ħtiġijiet ta' l-oħrajn, nissaħħu fil-valuri ta' spirtu ta' servizz, rispett għall-oħrajn, attenzjoni għall-verita` u għall-ġustizzja. Dawn huma l-pedament ta' l-imġieba nisranija kullimkien, fil-familja, fl-iskola, fil-*ground*, fil-postijiet tad-divertiment eċċ.

Jkun ta' għajnuna kbira għaż-żgħażagħ jekk nuruhom kif isibu posthom f'xi komunita`, li tkun taqbel mal-vokazzjoni tagħhom ta' nsara, u li fiha jkunu jistgħu jiżviluppaw aħjar il-potenzjal tagħhom. Jeħtieġ li fi ħdan il-komunitajiet bħal dawn jitgħallmu l-valuri soċjali u jsiru jafu aħjar kif jirrelataw ma' bnedmin oħra u jikkollaboraw magħhom. Biex komunitajiet bħal dawn jistgħu jirnexxu jeħtieġ li jkun hemm animatur, li l-eżempju u l-kelma tiegħu jżommu l-għaqda fil-grupp.

Fidi iktar Ħajja

Xi żgħażagħ donnhom tilfu l-vitalita` tal-fidi. Jekk tistaqsihom humiex insara, rari li jwieġbu le, iżda l-kwalita` ta' reliġjon tagħhom hija waħda dilwita u mhix il-fidi li tqanqal il-muntanji li għallimna Kristu, dik il-fiduċja li biha nintelqu f'idejn Alla, meta qal: "Għax tassew, ngħidilkom, li kieku għandkom fidi mqar daqs żerriegħa ta' mustarda, kontu tgħidu lil din il-muntanja, 'Warrab minn hawn u mur hemm,' u hi kienet twarrab; u ma jkun hemm xejn għalikom li ma jistax isir" (Mt 17,20-21).

Huma joħolmu f'elf ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħajja ta' din id-dinja, mpjieg tajjeb, żwieġ ħieni, dar sabiħa, u l-kumditajiet kollha. Iżda Kristu qalilna biex infittxu l-ewwel is-saltna tas-sema, u dawn l-affarijiet l-oħra jingħatawlna bħala żieda. Meta ngħidu tfittex is-Saltna ta' Alla ma jfissirx li wieħed għandu bil-fors iħalli d-dinja u jsir reliġjuż, iżda jfisser li n-nisrani għandu jfittex dejjem u kullimkien li jagħmel dak li Alla jrid minnu. Meta żagħżugħ nisrani jimxi fuq dan il-binarju cioe` ikun ispirat minn fiduċja f'Alla u xewqan li jwettaq ir-rieda tiegħu, għandu mbagħad jikkonvinċi ruħu li huwa

jkollu suċċess fil-ħajja u fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn. Fuq kollox huwa jkollu s-suċċess u li jissejjaħ u jkun tabilħaqq "Iben ta' Alla".

Hafna drabi ż-żgħażagħ issibhom mfawwrin bil-ferħ u bl-allegrija, iżda hemm waqtiet oħrajn li fihom huma depressi u bħal jaħbtu jaqtgħu qalbhom. Bil-mod il-mod jeħtieġ li jitgħallmu mill-esperjenzi tagħhom stess ir-realiżmu tal-ħajja; mhux bl-ingann jew bir-ribelljoni li għandhom jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet bħal dawn iżda billi jfittxu l-verita` u b'umilta` u l-kuraġġ kollu jaċċettawha kif inhi, jekk ma jistgħux ibiddluha għall-aħjar. Sewwa meta qalbhom infawwra bil-hena u sewwa meta tkun maqsuma fid-dieqa, Alla għandu f'kull każ, il-messaġġ tiegħu li jixtieq iwasslilhom. Meħtieġ li jkollhom sens ta' umilta` quddiem ir-realta` ta' kuljum. Anke l-ġrajjiet ta' ħajjitna għandna ninterpretawhom fid-dawl tal-fidi u għalhekk b'sens ta' ottimiżmu.

Iż-żgħażagħ u l-Knisja

Ma għandniex nieħdu qatgħa jekk iż-żgħażagħ ma jarawx mill-ewwel il-ħtieġa tal-Knisja u jbatu biex jifmuha. Il-misteru Kristu-Knisja, hija xi ħaġa li rrevelaha il-Missier tas-sema u li ma naslux għalih biss bir-raġuni umana; "mhux il-bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan imma Missieri li huwa fis-smewwiet" kif Kristu qal lil Pietru meta dan stqarr l-identita` tiegħu(Mt 16,17).

Issib ukoll min jgħidlek li "fi Kristu nemmen, imma fil-Knisja le". Iżda ta' min jispjegalhom li biex wieħed jidħol fi djalogu ma' Kristu, jeħtieġ li jgħaddi mit-triq tal-Ġisem Mistiku tiegħu li huwa l-Knisja, li hija l-kontinwazzjoni ta' Kristu li qam minn bejn l-imwiet.

Permezz tal-Knisja naslu għand Kristu, għaliex hija tgħallem tagħlim sħiħ u veru dwaru. Permezz tal-Knisja, il-grazzji ta' Kristu jaslu għandna għaliex hi tamministra f'ismu u bis-setgħa tiegħu s-Sagramenti. Għalhekk fis-sagrament tal-Qrar s-Saċerdot jgħid "U bil-ministeru tal-Knisja, naħfirlek dnubietek".

Xi drabi ż-żgħażagħ juru nuqqas ta' rispett lejn il-Knisja u lejn ir-rappreżentanti tagħha, għaliex jkunu semgħu jew qraw dwar xi skandli li setgħu ġraw fil-Knisja jew inventati dwar il-kleru u wlied oħra tal-Knisja. Lil dawk li huma preġudikati kontra l-Knisja, għandha nfakkruhom li għad li hija essenzjalment qaddisa u santifikata mill-Mulej li jgħix fiha, imma fost il-membri tagħha hija għandha t-tagħbija tad-dnubiet. Fl-aħħar mill-aħħar Kristu ma waqqafx Knisja ta' l-Anġli imma Knisja magħmula mill-midinbin biex hekk tidher aħjar il-qawwa tal-ħniena u tas-salvazzjoni tiegħu li r-rebħa aħħarija tagħha mhix f'din id-dinja iżda fit-tieni miġja ta' Kristu, fil-qawmien universali minn bejn l-imwiet.

Imħabba personali lejn Kristu

Iż-żgħażagħ jeħtieġ li jrawwmu fihom imħabba personali lejn Kristu, "Ħuhom l-għażiż u l-Mulej" kif kien isejjaħlu Charles de Foucauld. Mhux biżżejjed niltaqgħu ma' Kristu fil-Ġisem Mistiku tiegħu li hija l-Knisja, iżda wkoll mar-realta` unika li hija l-persuna tiegħu. Għandna nitgħallmu nitkellmu miegħu, kif wieħed jitkellem ma ħabibu, huma x'inhuma l-ħtiġijiet u l-miżerji tagħna. Għal din il-familjarita` u ntimita` ma' Kristu, jiswew mhux ftit il-qari tal-Kotba Mqaddsa, il-qima lejn l-Ewkaristija, u t-talb mhux biss Liturġiku u

komunitarju, imma wkoll it-talb magħmul fis-skiet u l-kontemplazzjoni.

Konklużjoni

Inġbarna hawn illum biex nagħtu qima lil Kristu Sultan, li huwa fl-istess ħin Feddej u mudell l-iktar perfett għaż-żgħażagħ u għalina lkoll. Jekk iż-żgħażagħ iħarsu lejn wiċċ Kristu u jimitawh bħala mudell tagħhom, jammiraw fil-Persuna tiegħu l-ekwilibriju u l-armonija bejn is-setgħat tal-ġisem u tar-ruħ, l-ogħla quċċata tal-perfezzjoni morali: Hekk iż-żgħażugħ ikun jista' jikkupja fih innifsu xi ħjiel ta' din il-personalita` mudell.

Imma fi Kristu hemm aspett ieħor, li forsi llum ninsistu iktar fuqu: hemm ir-rikezza tal-personalita` tiegħu fir-relazzjonijiet mal-bnedmin l-oħra. Is-sentimenti tiegħu, kliemu, l-imġieba u saħansitra l-mirakli li għamel biex ifarraġ lill-bniedem huma ta' lezzjoni għal kulħadd. Minnu, ż-żgħażagħ speċjalment, jistgħu jitgħallmu kif itejjbu l-personalita` tagħhom fis-soċjeta` tal-bnedmin, u kif jibnu solidarjeta` magħhom, billi flimkien jimxu wara Kristu u jgħixu fi Kristu.

Permezz tal-Knisja naslu għand Kristu, għaliex hija tgħallem tagħlim sħiħ u veru dwaru. Permezz tal-Knisja, il-grazzji ta' Kristu jaslu għandna għaliex hi tamministra f'ismu u bis-setgħa tiegħu s-Sagramenti. Għalhekk fis-sagrament tal-Qrar s-Saċerdot jgħid "U bil-ministeru tal-Knisja, naħfirlek dnubietek".

Xi drabi ż-żgħażagħ juru nuqqas ta' rispett lejn il-Knisja u lejn ir-rappreżentanti tagħha, għaliex jkunu semgħu jew qraw dwar xi skandli li setgħu ġraw fil-Knisja jew inventati dwar il-kleru u wlied oħra tal-Knisja. Lil dawk li huma preġudikati kontra l-Knisja, għandha nfakkruhom li għad li hija essenzjalment qaddisa u santifikata mill-Mulej li jgħix fiha, imma fost il-membri tagħha hija għandha t-tagħbija tad-dnubiet. Fl-aħħar mill-aħħar Kristu ma waqqafx Knisja ta' l-Anġli imma Knisja magħmula mill-midinbin biex hekk tidher aħjar il-qawwa tal-ħniena u tas-salvazzjoni tiegħu li r-rebħa aħħarija tagħha mhix f'din id-dinja iżda fit-tieni miġja ta' Kristu, fil-qawmien universali minn bejn l-imwiet.

Imħabba personali lejn Kristu

Iż-żgħażagħ jeħtieġ li jrawwmu fihom imħabba personali lejn Kristu, "Ħuhom l-għażiż u l-Mulej" kif kien isejjaħlu Charles de Foucauld. Mhux biżżejjed niltaqgħu ma' Kristu fil-Ġisem Mistiku tiegħu li hija l-Knisja, iżda wkoll mar-realta` unika li hija l-persuna tiegħu. Għandna nitgħallmu nitkellmu miegħu, kif wieħed jitkellem ma ħabibu, huma x'inhuma l-ħtiġijiet u l-miżerji tagħna. Għal din il-familjarita` u ntimita` ma' Kristu, jiswew mhux ftit il-qari tal-Kotba Mqaddsa, il-qima lejn l-Ewkaristija, u t-talb mhux biss Liturġiku u

komunitarju, imma wkoll it-talb magħmul fis-skiet u l-komtemplazzjoni.

Konklużjoni

Inġbarna hawn illum biex nagħtu qima lil Kristu Sultan, li huwa fl-istess ħin Feddej u mudell l-iktar perfett għaż-żgħażagħ u għalina lkoll. Jekk iż-żgħażagħ iħarsu lejn wiċċ Kristu u jimitawh bħala mudell tagħhom, jammiraw fil-Persuna tiegħu l-ekwilibriju u l-armonija bejn is-setgħat tal-ġisem u tar-ruħ, l-ogħla quċċata tal-perfezzjoni morali: Hekk iż-żgħażugħ ikun jista' jikkupja fih innifsu xi ħjiel ta' din il-personalita` mudell.

Imma fi Kristu hemm aspett ieħor, li forsi llum ninsistu iktar fuqu: hemm ir-rikezza tal-personalita` tiegħu fir-relazzjonijiet mal-bnedmin l-oħra. Is-sentimenti tiegħu, kliemu, l-imġieba u saħansitra l-mirakli li għamel biex ifarraġ lill-bniedem huma ta' lezzjoni għal kulħadd. Minnu, ż-żgħażagħ speċjalment, jistgħu jitgħallmu kif itejjbu l-personalita` tagħhom fis-soċjeta` tal-bnedmin, u kif jibnu solidarjeta` magħhom, billi flimkien jimxu wara Kristu u jgħixu fi Kristu.

12. JUM IL-ĦAJJA
(2-02-2003)

Bħas-snin l-imgħoddija ngħarna fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu biex niċċelebraw 'Jum il-Ħajja'. Għaliex 'Jum il-Ħajja'? L-ewwelnett sabiex nifhmu sewwa, nassimilaw u niddefendu t-tagħlim dwar il-valur tal-ħajja umana, kif tgħallimhulna Ommna l-Knisja Imqaddsa. Bħala wlied il-Knisja, aħna komunita` li nemmnu u nistqarru li l-ħajja umana, mill-bidu sat-tmiem naturali tagħha, hija sagra u invjolabbli. Alla biss huwa is-Sid assolut tagħha u huwa biss li jista' jiddisponi minnha skond ir-rieda tiegħu. Il-bniedem ma hux sid la ta' ħajtu u lanqas tal-ħajja ta' ħaddiehor, huwa biss amministratur ta' ħajtu li ġiet mislufa lilu minn Alla. Huwa għalhekk għandu jieħu ħsieb ħajtu u jipproteġiha. Dak li l-bniedem ma jistax jagħmel b'ħajtu inqas u inqas jista' jagħmlu b'ħajjiet ħaddiehor. Għalhekk il-Knisja tqis bħala dnubiet li jistgħu jkunu wkoll gravi ħafna, l-abort, l-ewtanasja, s-suwiċidju u dak li jhedded serjament il-ħajja tal-bniedem.

It-tieni skop li għalih jiġi ċċelebrat 'Jum il-Ħajja' huwa sabiex insiru aktar konxji mid-dmirijiet li għandna f'dan il-kamp. Mhux biżżejjed li nikkundannaw l-abort u neħduha kontra tiegħu, iżda jeħtieġ li b'kull mezz ngħinu lil dawk li jistgħu jkunu fil-periklu li jikkomettu l-abort. Mhux biżżejjed li ngħidu li l-ewtanasja hija moralment ħażina, iżda jeħtieġ ukoll li bil-kliemna u b'għemilna nfarrġu u nagħmlu l-kuraġġ lil dawk li jkunu ttentati li

jagħmlu dan il-pass żbaljat. Żgur li jekk noffrulhom is-solidarjeta` tagħna, ħafna persuni jsibuha iktar ħafifa li ma jċedu għall-ebda azzjoni li thedded il-ħajja tagħhom jew ta' ħaddiehor.

Inħeġġeġ lill-insara ta' pajjiżna biex jiftakru li l-ħajja ta' kwalunkwe bniedem, hija valur wisq aqwa mid-deheb, il-fidda u kull ħaġa oħra materjali u għalhekk ma nistgħu nibdluha ma' xejn; il-ħajja umana la tinbiegħ u l-anqas tinxtara. Il-ħajja umana għanda l-jedd li tiġi mħarsa u tiġi mmexxija għad-destin li għalih ħalaqha l-Mulej; li tilħaq il-perfezzjoni tagħha fil-ħajja ta' dejjem.

13. IL-MIXJA TAGĦNA LEJN KRISTU
(17-03-2003)

'Inġbarna hawn dalgħodu biex infakkru ġrajja importanti ħafna fl-istorja tas-salvazzjoni tagħna, dak li ġara f'Ħamis ix-Xirka, fil-lejl ta' qabel miet għalina Kristu. Dakinhar Ġesu` qabel ma' mar għall-mewt waqqaf l-Ewkaristija u s-saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida. F'din il-ġurnata bħal-lum ta' Ħamis ix-Xirka jeħtieġ li aħna rroddu ħajr lil Alla u nkunu rikonoxxenti lejn Kristu għall-żewġ rigali sbieħ li huwa tana: il-ġisem u d-demm tiegħu bħala ikel u xorb spiritwali tagħna u r-rappreżentanti tiegħu li huma l-qassisin. U jiena naħseb li f'okkażjoni bħal din ta' dalgħodu hija f'postha ħafna dik it-tixbieha li ġabilna Kristu stess meta qalilna: 'Jien id-dielja u intom il-friegħi'. Il-fergħa ma' tistax tagħti l-frott jekk hija titqaċċat mid-dielja tagħha. Biex tagħti l-frott jeħtieġ li tibqa' magħquda mas-siġra. Jeħtieġ li aħna nsibu u nkunu nafu liema huma l-mezzi li bihom aħna nżommu u nsaħħu din l-għaqda tagħna ma' Kristu. Qabel xejn u fuq kollox hija l-Ewkaristija. In-nisrani ma' jistax jgħaddi mingħajr l-Ewkaristija għax Ġesu` stess qalilna: 'Min jiekol ġismi u jixrob demmi kollhu l-ħajja imma min ma' jikolx ġismi u ma' jixrobx demmi ma' jistax ikollhu l-ħajja'. Fil-ġurnata tal-lum aħna rridu nagħmlu ċerti proponimenti, li napprezzaw iktar l-Ewkaristija, illi ma' nitilfux it-tqarbin għal xejn b'xejn u li t-tqarbin tagħna nagħmluh bil-fidi, bl-umilta` u b'dawk id-diżpożizzjonijiet illi jitlob minna Kristu.

Imma l-Ewkaristija hija meħtieġa mhux biss għall-individwu u għan-nisrani imma wkoll għall-Knisja. F'dik l-enċiklika sabiħa li ħareġ il-Papa f'dawn il-ġranet dwar l-Ewkaristija, il-Papa sa mill-bidu jgħidilna li l-Knisja tieħu l-ħajja tagħha mill-Ewkaristija, il-għaliex fl-Ewkarstija hemm in-nutriment biex bih hija żżomm u tkompli l-missjoni tagħha fl-art. Għalhekk jien nissuġġerixxi kif għamilt diġa lill-membi tal-Kleru illi meta din l-enċiklika tkun f'idejkom tagħmlu minn kollox biex taqrawha, timmeditawha u fuq kollox tfittxu li twettuqha fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Ir-rizoluzzjoni l-oħra tagħna għandha tkun illi ġaladarba s-saċerdoti huma r-rigal ta' Kristu aħna napprezzaw dan ir-rigal, nitolbu għalihom, ngħinuhom u naħdmu id f'id magħhom għat-twaqqif tas-saltna t'Alla.

Jiena naħseb li dalgħodu jiena nista' nfakkarkom illi qegħdin nfakkru l-għaxar snin minn meta sar It-Tieni Sinodu Djoċesan ta' Għawdex u tajjeb li din il-ġrajja ma' nħalluhiex tgħaddi mingħajr ma napprofittaw ruħna minnha spiritwalment. Fiċ-ċirkulari tiegħi jien ħabbart li qabel tmiem is-sena jiena nixtieq nagħmel Kungress Pastorali ieħor biex nistudjaw il-problemi pastorali li għandna li mhumiex ftit u nippruvaw almenu nnaqqsu u ntaffu minnhom. Illum jiena nista' ngħidilkom x'inhi t-tema ta' dan il-Kungress u li bejn wieħed u ieħor tirrifletti l-Kungressi Pastorali li saru qabel. It-tema hija: 'Il-mixja tagħna lejn Kristu, bħala familja, bħala parroċċa, bħala djoċesi, bħala pajjiż, bħala Ewropa u d-dinja kollha kemm hi'. Tajjeb li aħna nżommu quddiem għajnejna d-dmirijiet li għandu kull wieħed u waħda minna.

Bħala familja: Huwa meħtieġ li aħna niddefendu l-familja nisranija minn ċerta mentalita` fina. Ċerti nies iffittxu biss il-pjaċir u l-kumdita` mentri l-familja hija tiżwieqa ta' ferħ u ta' niket. Min jidħol għall-ħajja tal-familja hemm bżonn li jkollu spirtu ta' sagrifiċċju u spirtu ta' dmir u resposabbilita`.

Bħala parroċċa: Jeħtieġ li l-parroċċi tagħna jkunu tabilħaqq kif jixtieqhom Kristu u kif tridhom il-Knisja post Konċiljari. Għalhekk ma nistgħux nittoleraw ċertu trijonfaliżmu u ċertu parrokkjaliżmu esaġerat illi huwa skandlu għal ħafna nies. Jeħtieġ li aħna nagħtu każ iktar tal-foqra, ta' dawk li huma emarġ inati, ta' dawk li jirrappreżentaw lil Kristu fuq il-wiċċ ta' din l-art u nippruvaw ngħinuhom mill-aħjar li nistgħu.

Bħala pajjiż: Anke pajjiżna jeħtieġ qawmien spiritwali u għandna nkunu minn ta' quddiem li nagħtu l-kontribut tagħna mhux biss meta niċċelebraw il-festi tagħna imma fil-ħajja kollha privata u pubblika ta' pajjiżna.

Bħala Ewropa: Anke l-Ewropa għandha bżonn tersaq għand Kristu għaliex smajniha ħafna drabi illi l-Ewropa hija bla ruħ. Jeħtieġ illi l-popli nsara li jgħammru fl-Ewropa, sewwa aħna u sewwa popli oħrajn, iħabirku flimkien biex lill-Ewropa jagħtuha r-ruħ nisranija, ireġġgħuha lura lejn Kristu li minn u irċeviet tant benefiċċji, biex tiddawwal bid-dawl ta' Kristu u tkun animatawkoll mill-ideali tal-Vanġelu Mqaddes.

Id-Dinja Kollha: Jeħtieġ li l-ħarsa ta' għajnejna nżommuha fuq id-dinja kollha għaliex meta ngħidu li aħna Kattoliċi ma' jfissirx biss li aħna membri tat-tali

parroċċa, djoċesi jew pajjiż iżda tfisser li aħna membri tal-Knisja Universali. Għalhekk anke din għandha tinteressana billi nagħtu importanza lill-ekumeniżmu, jiġifieri l-ħidma id f'id ma' dawk li huma nsara imma mhumiex Kattoliċi, id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet speċjalment dawk li jemmnu f'Alla wieħed bħalma huma l-Islam u l-Ġudaiżmu u anke dawk in-nies kollha ta' rieda tajba li aħna flimkien magħhom mingħajr ma nagħtu każ tad-differenzi reliġjużi li jista' jkun hemm bejnietna naqbdu id f'id biex nikkumbattu l-battalja qaddisa għall-paċi biex fid-dinja jkun hawn il-ġustizzja, il-fraternita`, il-vera solidarjeta` biex nikkumbattu l-ġuħ, l-għatx, il-miżerja u l-umiljazzjonijiet li minnu jbatu u jmutu tant nies. Dawn huma ħutna, persuni bħalna maħluqa minn Alla, bħalna Kristu offra s-sagrifiċċju għalihom u bħalna għandom id-dritt li jidħlu fis-saltna tas-smewwiet. Hemm bżonn li aħna nagħtu ħarsa 'l bogħod u naraw ħaddiehor x'inhuwa jagħmel, jekk inhu ħażin nibżgħu minnu u naghlqulu l-bibien u jekk tajjeb nimitaw, il-għaliex it-tajjeb ta' ħaddiehor għandna dritt għalih aħna wkoll.'

14. MBEGĦDU MINNA L-MIBGĦEDA
(24-03-2003)

Bħas-snin l-imgħoddija għall-ħabta tal-festa ta' San Ġużepp, għarus kastissimu tal-Verġni Mbierka nistiednu lill-irġiel jiġu hawnhekk f'dan it-tempju ta' Pinu ħalli nitolbu flimkien.

- Nitolbu l-ewwelnett għall-familji tagħna għax ċerti familji qegħdin fil-periklu li jitfarrku.
- Nitolbu għall-komunitajiet tagħna, anke dawk parrokkjali, speċjalment biex aħna lkoll ikollna spirtu ta' komunita` li jgħinna nħarsu lejn xulxin bħala aħwa li lesti ngħinu wieħed lill-ieħor.
- Nitolbu għal pajjiżna, għal Malta u Għawdex il-għaliex anke aħna neħtieġu d-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu u l-għajnuna qawwija t'Alla l-Imbierek.
- Fuq kollox nitolbu għad-dinja, li abbandunat lil Alla, warrbitu fil-ġenb u miexja għal rasha bħal wieħed miġnun li ma' jafx fejn se jmur u ma' jafx x'ser jagħmel. Nitolbu biex tfittex tieqaf il-gwerra u Alla jagħtina l-paċi dejjiema u mhux paċi ta' biċ-ċajt jew minn barra biss.
- Għandna bżonn nitolbu mhux biss għaliex qegħdin fiż-żmien sabiħ tar-Randan li jħeġġiġna niftakru iktar fl-imħabba t'Alla għalina imma anke għaliex naraw din il-ħtieġa kullimkien.

X'messaġġ se nagħtikom illum? Xejn ġdid, affarijiet li ilna nisimgħuhom imma hemm l-urġenza tagħhom. Hemm bżonn li ċerti affarijiet nifhmuhom, naċċettawhom

u ninterjoriżżawhom għax aħna l-affarijiet għandna nagħmluhom mhux għax jgħid il-Papa jew għax jgħid l-Isqof imma għax jgħid Kristu u għax inħossu li hija l-verita`.

L-ewwelnett ngħidilkom iżżommux mibegħda f'qalbkom, lejn ħadd u lejn ebda persuna. Ma' nistgħux nobogħdu. Min jobgħod huwa iben satana. Min jobgħod ma' jistax ikun dixxiplu ta' Kristu li ħafer fuq is-salib. "Aħna nipprietkaw lil-Kristu Msallab", jgħidilna San Pawl, "għall-Griegi bluha u għal-Lhud huwa skandlu". Aħna f'dan Ġesu` nemmnu, fuq l-eżempju tiegħu nimxu u bħalu għandna naħfru. M'hemm l-ebda ħaġa li tista' tiġġustifika l-mibegħda lejn dawk li huma ta' kulur differenti, ta' razza differenti jew għaliex għandhom reliġjon differenti. Ir-reliġjon ma' tagħtina l-ebda setgħa li nobogħdu. M'hemmx triq tan-nofs. Jew nneħħu minn qalbna il-mibegħda biex niftħuha beraħ għall-bnedmin kollha jew nkella nkunu qegħdin nidħku bina nfusna. Kull darba li aħna nħarsu lejn Kristu fuq is-salib, din hija l-lezzjoni li jgħidilna: 'Jiena ħfirt, aħfru intom ukoll- Jiena f'qalbi ma kelli l-ebda mibgħda lejn il-bnedmin'. Alla jobgħod id-dnub imma ma jobgħodx lill-midneb anżi jħobbu u jagħmel minn kollox biex isalvah. Neħtiġuha ħafna din il-lezzjoni. Jiddispjaċini meta nara' sintomi ta' mibegħda anke fl-ambjent tagħna, fil-familji tagħna fejn tnejn li kienu jħobbu lil xulxin b'imħabba sinċiera issa tlewwmu u jħallu l-imħabba tagħhom tinbidel f'mibegħda, dak li kien inbid tajjeb inbiddel f'inbid qares, f'ħall li jdarraslek snienek. Il-mibegħda m'hemmx postha, titfagħna lura u tnaqqas anke d-dinjita` tagħna. Min jobgħod tonqsu xi ħaġa bħala bniedem.

It-tieni. Tiżirgħux mibegħda.

- Oqogħdu attenti x'atteġjamenti tieħdu, kif titkellmu u kif iġġibu ruħkom.
- Oqogħdu attenti biex ma' tipprovokaw lil ħadd u f'xejn u qatt.
- Oqogħodu attenti biex tibnu relazzjonijiet tajbin.
- Oqgħodu attenti għall-kliem u l-kitba li hija perikoluża iktar mill-kliem li ngħidu bil-fomm. Xi drabi dak li xi wħud jiktbu fis-sezzjoni tal-korrispondenza tal-ġurnali jkun anke gideb u kalunji li jqanqal il-mibegħda.
- M'għandna l-ebda dritt illi aħna ninqdew bis-sentimenti ta' l-oħrajn jew bir-rabja ta' l-oħrajn biex nkesksuhom. Hija nuqqas kbir ta' edukazzjoni li wieħed ikeskes l-animali għal-xulxin. Jiena ma' naħsibx li f'Għawdex għandna nies ta' din il-kwalita` imma f'pajjiżna għandna. Din hija ħaġa ta' min iwarrabha, ħaġa li għandha tiġi pprojbita anke bil-liġi kriminali. Imma kemm huwa agħar meta bniedem ikkeskes bniedem għall-ieħor. M'hijiex ħaġa tollerabbli li wieħed iġelled lill-oħrajn.

Iżżommux mibegħda f'qalbkom. Il-mibegħda hija velenu, tagħmel il-ħsara. Tkunux intom li tiżirgħu il-mibgħeda bi kliemkom, bl-atteġġjamenti tagħkom, bl-imġieba tagħkom. Imbagħad tkunu tistgħu tieħdu sehem fis-sagrifiċċju tal-quddiesa u titqarbnu. Ma' ninsewx x'qalilna Ġesu`; 'Jekk inti tkun sejjer lejn l-artal biex toffri s-sagriffiċju u tiftakar li għandek x'taqsam ma' ħuk, l-ewwel mur irranġa miegħu u imbagħad ejja u tella' l-offerta`.

Iżżommux mibegħda f'qalbkom lejn ħadd, u tiżirgħux mibegħda speċjalment intom il-ġenituri quddiem it-tfal iż-żgħar. Kelma li tgħidu intom il-ġenituri tista' tibqa' f'qalbhom u ġġib il-ġlied u l-ħsara iktar 'il quddiem. Jiena naħseb li l-Madonna, kieku kellha tkellimna dan kienet tgħidilna: 'Ftakru li intom ilkoll aħwa. Aħwa għax għandkom Missier wieħed fis-sema u għax Kristu kollha fdiekom u ħallas il-prezz ta' ħajtu għalikom, aħwa għax iridna lkoll immorru fid-dar tal-Missier u aħwa għax rridu ngħixu flimkien'.

Imbagħad meta aħna nkunu neħħejna l-mibegħda minn qalbna, naddafniha minn dan il-velenu, meta aħna nifthu qalbna biex ngħinu l-proxxmu tagħna anke dak li ma nafuhx u meta aħna nafhru lil min ikun għamlilna d-deni imbagħad il-Mulej iqisna bħala wliedu u jagħtina l-premju tal-glorja ta' dejjem.

15. IŻ-ŻJARA TAR-RELIKWIJA TA' SANTA TEREŻA TAL-BAMBIN ĠESU`
(30-07-2003)

l-ewwelnett tajjeb li f'dan iż-żmien, li fih ħafna nies jinqdew bl-arma tar-ridiklu biex ifixklu l-fidi ta' l-insara l-oħra, niftakru u nżommu quddiem għajnejna li għalina l-Kattoliċi r-relikwiji huma ħwejjeġ għeżież iżjed milli kieku kienu teżori, ġawhar tad-deheb u l-fidda. Sa minn żminijiet antiki l-Knisja vvenerat ir-relikwiji tal-qaddisin biex tfakkarna f'dawn ħutna li waslu fi grad ogħla ta' qdusija u biex tgħin lilna naqbdu t-triq tal-qdusija. Ir-relikwiji li qegħdin nivveneraw il-lejla f'dan is-santwarju huma dawk ta' qaddisa l-iktar speċjali, l-aktar simpatika u l-aktar popolari fl-Ewropa, Santa Tereżina tal-Bambin Ġesu`.

Ħajjitha kienet qasira: mietet ta' 24 sena bil-marda tat-tuberkoloż li kienet ilha tbati biha għal xi snin. Kienet, biex ngħidu hekk, midfuna ħajja ġewwa monasteru tal-klawsura tal-Karmelu imma l-qalb tagħha kienet kbira, mimlija bl-imħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin. Hija kellha nostalġija, kellha xewqa f'qalba li tmur iċ-Ċina ħalli hemmhekk bit-talb tagħha u l-penitenza tagħha tgħin fil-konverżjoni tal-pagani. Imma Alla ħafna drabi jgħaddina mhux mit-toroq li nagħżlu aħna imma mit-toroq li jrid Hu, kif jgħidilna l-profeta Isaija. Fil-fatt Santa Tereża qatt ma marret iċ-Ċina anzi ħarġet ftit li xejn minn pajjiżha. Madankolhu l-ideal tagħha wettqitu. Hija ħabbet b'imħabba sopranaturali l-midinbin u talbet għalihom u offriet għalihom is-sagrificċċji tagħha. Hija

ħabbet lill-pagani, lil dawk li kienu għadhom ma' għarfux lil Kristu u għalihom talbet u ssagrifikat ruħha. Hija ħabbet lis-saċerdoti u talbet għalihom. Hija stess xtaqet li tkun saċerdot biex taħdem iktar għal Alla. Hija ħabbet lill-erwieħ ikkonsagrati lil Alla u għalihom hija ukoll offriet it-talb u s-sofferenzi tagħha. Għalkemm għaddiet ħajjitha ġewwa l-kunvent hija tatna lezzjoni importanti ħafna. Hija tgħallimna bl-eżempju tagħha u anke bil-kitbiet tagħha speċjalmnet l-awtobiografija taqsam magħna dak li għadda mingħaliha, ix-xewqat tagħha, l-ħsibijiet tagħha, il-mod kif kienet tirraġuna.

Santa Tereża tgħallimna dik it-triq iż-żgħira tal-qdusija li hija t-triq li timplika qdusija profonda li wasslet ħafna nsara u anke saċerdoti u anke prelati tal-Knisja biex jilħqu grad ogħla ta' qdusija. U allura għaliex nsejħulha it-triq iż-żgħira? Għaliex bħat-tfal iż-żgħar li huma dgħajfa u jiddependu għal kollox fuq ħaddiehor hekk ukoll Santa Tereża tal-Bambin Ġesu` kienet tistħajjel ruħha bħat tfal iż-żgħar u għalkemm ma' setgħetx timita l-eżempju ta' l-appostli u tal-martri l-kbar imma xorta waħda fil-qalb tal-Knisja hija tispikka għall-imħabba kbira tagħha lejn Alla u lejn l-oħrajn. Barra minn hekk it-tfulija tiġbed is-simpatija u l-imħabba ta' l-oħrajn. Dawn il-prinċipji hija applikathom għall-ħajja tagħha. Hija kienet tħares lejn Alla bħala Missier illi jħobb kif missier iħobb lit-tfal tiegħu, missier li jipproteġi , li jagħder, jgħin u jerfa' lill-bniedem biex jissupera d-dgħufija u d-debolizzi tiegħu. Għalhekk it-triq tat-tfulija spiritwali hija t-triq tal-fiduċja f'Alla u ta' l-umilta`, li twassal lill-bniedem biex ma jpoġġix it-tama tiegħu fih innifsu u fil-kapaċitajiet li jista' jkollu.

Iżda l-imħabba li wriet din il-qaddisa ma' kinitx biss imħabba filjali iżda kienet ukoll imħabba sponsali jiġifieri hija ħabbet lil Kristu bħala għarus uniku tal-qalb tagħha u ma' Kristu issieħbet ukoll fit-tbatija li ma kienitx tbatija ħafifa għax il-marda tagħha tat-tuberkolożi ġagħlitha ssofri u ssofri ħafna. U barra mis-salib tal-mard kellha wkoll is-salib ta' ċertu dlam madwarha, il-lejl tas-sensi u l-lejl tar-ruħ. Dawn kienu mumenti li fihom bħal bdiet tiddubita u taqta' qalbha imma din kienet tentazzjoni li hija rebħitha bil-qawwa t'Alla. Hija aċċettat dawn it-tbatijiet tal-ġisem u tar-ruħ u offriethom kollha kemm huma għas-salvazzjoni tal-bnedmin, għall-konverżjoni tal-midinbin u tal-pagani, għall-perseveranza ta' dawk li qabdu t-triq it-tajba. U aħna hawnhekk għandna lezzjoni għaliex xi drabi naħsbu li l-ħajja nisranija tikkonsisti filli tmur il-knisja, tagħti xi ħaġa u tieħu sehem fil-festi. Sfortunatament naħsbu li b'hekk inkunu qed inkomplu d-dmirijiet tagħna bħala nsara imma l-ħajja nisranija hija iktar minn hekk. Il-ħajja tan-nisrani hija parteċipazzjoni mill-ħajja ta' Kristu u għalhekk ifisser li naqsmu ma' Kristu l-ferħ u t-tbatija tiegħu kif tgħallimna din il-qaddisa. Tkun nisrani jfisser li tkun kapaċi tirbaħ id-diffikultajiet u t-tentazzjonijiet li niltaqgħu magħhom ta' kuljum.

J'Alla li kollha kemm aħna, inħossu l-ħtieġa li nitolbu bil-ħeġġa lil Santa Tereżina tal-Bambin Ġesu` biex tibgħat mis-sema kotra ta' ward fuq pajjiżna, ħalli ssaħħaħ il-fidi tagħna u tagħmlilna kuraġġ fil-kumbattimenti tagħna.

16. XI JFISSER KNISJA MODERNA?
(23-07-2003)

'Inġbarna hawn il-lejla għaliex minbarra milli nagħtu qima lill-Verġni Mqaddsa Marija aħna nixtiequ wkoll nsemmgħu leħinha biex kemm jista jkun f'pajjiżna jkun hawn ambjent moralment nadif. Meta ngħid ambjent nifhem id-djar tagħna, il-familji tagħna, il-postijiet tax-xogħol, l-iskejjel, postijiet tad-divertiment ukoll fejn jiltaqgħu n-nies. Jekk aħna nsara għandna nkunu nsara mhux fil-Knisja biss imma kullimkien u f'kull ħin.

Illum tisma' ħafna min jgħidlek li l-Knisja għandha bżonn tkun moderna, timxi maż-żminijiet. Dan il-kliem jogħġob lil ħafna iżda dan huwa kliem ambigwu, jista' jiftiehem iktar minn mod wieħed u jista' jwassal għall-ingann. Għax jekk meta ngħidu li l-Knisja għandha tkun moderna wieħed jifhem illi illum hawn ħafna mezzi moderni u l-Knisja hemm bżonn li tuża din it-teknika moderna. F'dan is-sens il-Knisja għandha tkun moderna.

Jekk aħna meta ngħidu li l-Knisja għandha tkun moderna nifhmu li għandha tagħraf is-sinjali taż-żminijiet u timxi maż-żmien u hekk ikollha għajnejha miftuħa biex fejn tara opportunita` ta' evanġeliżżazzjoni taħtafha, anki dan huwa tajjeb.

Jekk meta aħna ngħidu li l-Knisja għandha tkun moderna nifhmu li għandha tfittex dejjem lil dawk li nsejħulhom "il-foqra ta' żminijietna" (għax għad li żminijietna huma mmarkati bil-progress sabiħ ikollna

nammettu li l-faqar jeżisti illum ukoll) dak ukoll huwa tajjeb. Nista' nagħmlilkom lista sħiħa ta' għamliet ta' faqar. Kien sar studju hawn Malta u Għawdex u għamlu lista ta' 19 il-għamla ta' faqar, biċċa moderni u biċċa antiki. Issa min għandu 'addiction' tad-droga, dak mhux fqir? Mhux biss huwa fqir iżda jfaqqar lill-familja kollha. Min għandu d-drawwa tal-logħob ta' l-azzard dak mhux fqir? Min forsi għandu ċerta eta` u kemm jiflaħ jitħarrek, dak mhux fqir? Għandna ħafna foqra u s-soċjeta` tagħna żidithom il-foqra u mhux naqqsithom. Il-Knisja lil dawn il-foqra trid tieħu ħsiebhom bil-mezzi kollha li għandha f'idejha. F'dan is-sens iva, il-Knisja għandha tkun għajnejha miftuħa ħalli tagħraf is-sinjali taż-żminijiet u tara' fejn qiegħed isejħilha l-Mulej ħalli tagħti s-servizz u l-ħidma tagħha.

Imma ħafna nies meta jgħidu li l-Knisja għandha tkun moderna (u din hija xi ħaġa li naqrawha fil-gażżetti ta' spiss), mhux dak li għadna jifhmu. Tismagħhom jgħidulek billi l-libsa hija trasparenti jew imqaċċta, b'daqshekk x'ġara? U kollox b'daqshekk x'ġara u dalwaqt immorru l-baħar, negħrqu u lanqas nintebħu. Ċerti nies jippretendu li anke fil-Knisja jidħlu lebsin kif ġie ġie. Din hija arroganza, nuqqas ta' edukazzjoni, nuqqas ta' fidi u nuqqas ta' qima għax għalkemm il-Knisja hija d-dar ta' kulħadd imma fuq kollox u qabel kollox hija d-dar t'Alla u hemm Kristu realment preżenti. U għalhekk ninsistu ta' kull sena fuq l-imġieba fil-Knisja.

Xi whud illum jgħidulek għalfejn il-Knisja toqgħod ittambar u titkellem kontra l-kontraċettivi daqskemm huma użati. Għalfejn il-Knisja toqgħod teħodha bi kbira għax il-familji qegħdin jisseparaw u jitfarrku? Għalfejn

tagħmel ħilitha biex f'pajjiżna ma' jidħolx id-divorzju meta kważi daħal fil-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa? Għalfejn toqgħod tgħajjat kontra l-abort? Għad li ftit tas-snin ilu kulħadd kien jibża' anke biss isemmi l-kelma "abort", issa donnhom qegħdin iġibu xi raġuni biex jiġġustifikawh. Għalfejn il-Knisja teħodha bi kbira illi jkun hemm tant infedeltajiet, ir-raġel jitradixxi lill-mara u l-mara titradixxi lil raġel? Xi uħud jgħidulek għaliex il-Knisja ma' toqgħodx bi kwieta u ma titkellem xejn fuq dawn l-affarijiet?

Il-Knisja ma tistax tkun moderna f'dan is-sens għax jekk tiskot tkun titradixxi t-tagħlim ta' Kristu. Il-Knisja li ma' teħodhiex kontra l-vizzju u kontra l-ħażin mhix il-Knisja ta' Kristu, mhix Knisja nisranija imma hija soċjeta` li qed tadatta ruħha żżejjed għaż-żminijiet. San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani jgħidilna: 'La tikkkonformawx ruħkom ma' din id-dinja imma fittxu dak li huwa tajjeb u skond ir-rieda t'Alla' Hekk għandu jimxi n-nisrani. L-insara għandhom jistaqsu: X'irid minnha Kristu? Kieku tkellimna Ommna l-Imqaddsa Verġni Marija x'kienet tgħidilna? Kull meta dehret f'diversi postijiet, ġo Fatima, f'Lourdes u f' La Salette il-Madonna dejjem ikkundannat d-dnubiet, fetħet għajnejn in-nies u qaltilhom ċar u tond li l-infern jeżisti u ħafna qegħdin jintilfu. Din hija verita` tal-Vanġelu li għallimna Kristu u jekk aħna naċċettaw il-Vanġelu ma' nistgħux verita` bħal din ninsewha jew inwarrbuha fil-ġenb. Lil Alla m'għandniex inservuh minħabba l-biża' tal-kastig imma għax inħobbuh bħala Missierna u dak li jitlob minnha huwa għall-ġid tagħna u għax il-liġi tiegħu mhux ħaġa oħra għajr għajnuna biex ngħixu skond id-dinjita` tagħna l-bnedmin.

Għalhekk lill-Knisja nixtiquha moderna u naħdmu biex tkun moderna fis-sens it-tajjeb. Nixtequha tuża l-mezzi moderni biex twettaq b'mod effikaċi l-missjoni tagħha, imma mhux li tillaxka, mhux li tħalli lil kulħadd jagħmel li jrid, mhux li ma tippriedkax il-verita`, mhux li ma xxandarx il-morali tal-kmandamenti. Dawn, il-Knisja ma tistax teskludihom.

Forsi jkun hemm min jgħid, intom tippriedkaw u n-nies jagħmlu li jridu. Imma aħna ġaladarba nkunu tkellimna fejn għandna nitkellmu u meta għadna nitkellmu u kif inħossu fil-kuxjenża tagħna quddiem Alla, dmirna nkunu għamilnih. Għandna l-eżempju tal-ġenituri li jwiddbu lil uliedhom, mhux għax iridu jissikawhom imma għall-ġid ta' l-ulied stess. Dejjem l-ulied jobdu lill-ġenituri tagħhom? Ġieli jobduhom, ġieli ma jagħtux każ tagħhom u ġie li ċerti wlied li ftit kienu jagħtu każ tal-ġenituri tagħhom meta kienu għadhom ħajjin, illum jgħidulek li l-ġenituri tagħhom kellhom raġun. Hekk ukoll aħna li għandna r-responsabbilta` bħala Raġħajja tal-Knisja nwasslu l-messaġġ tagħna b'ħafna mezzi, permezz tal- priedki, ċirkulari, etċ. Hafna drabi l-kelma ma' tasalx, ikun hemm min ta' bir-ruħu ma sema' xejn jekk mhux ukoll ikun hemm min jgħidlek "l-Isqof ma' qal xejn". Intom għandkom id-dmir li twasslu l-kelma ta' l-Isqof lil dawk li ma' jisimgħuhiex, kif tkun tabilħaqq.

Intemm dawn il-kelmiet tiegħi billi ninsisti ħafna fuq l-arma tagħna li hija it-talb. Itolbu għax għandna bżonn nitolbu iktar. Itolbu fi ħdan il-familja. Itolbu t-talba sabiħa tar-Rużarju u dawk li għandhom din id-drawwa qaddisa ma jabbandunawhiex filwaqt li dawk li għandhom ma

bdewx din id-drawwa jagħmlu minn kollox biex jibdewha, anke ftit ftit, kif talabna nagħmlu l-Papa Ġwanni Pawlu II f'din is-sena dedikata lir-Rużarju ta' Ommna Marija Santissima.

17. IL-KNISJA, QADDEJJA TA' L-UMILTA`
(23-11-2003)

Is-Sinjur tagħna Ġesu` Kristu, għad li kien il-Ħallieq ta' kollox u Sultan tas-sema u l-art ried li għall-imħabba tagħna jagħti ruħu għas-servizz tal-bnedmin u bil-verita` kollha seta' jgħid "Jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej " (Lq 22,27). Ukoll, meta kien jitkellem fuqu nnifsu stqarr "Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u jagħti ħajtu bħala fidwa għall-kotra" (Mt 20,28).

Ġesu` sejjaħ lilu nnifsu "Ragħaj tal-merħla"; "Jiena hu r-Ragħaj it-tajjeb. Ir-Raġħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ" (Ġw 10,11). Ir-Raġħaj huwa qaddej tal-merħla tiegħu; mhux biss jagħtihom is-servizz u jaqdihom meta jirgħahom f'mergħat tajba, iżda wkoll billi jiddedika għalihom żmien u l-enerġija tiegħu u fuq kollox meta jiddefendihom meta jkun hemm periklu għalihom.

Dan l-atteġġjament ta' qaddej, Kristu ried li jkun ukoll fid-dixxipli tiegħu. Difatti fl-aħħar ċena, meta tbaxxa biex jaħsel saqajn l-appostli, wara qalilhom "Jiena tajtkom mera (eżempju) biex kif għamilt jien, tagħmlu intom ukoll" (Ġw 13,15).

Il-Knisja ta' Kristu, matul dawn l-elfejn sena li ilha teżisti tat prova ċara li hija tgħallmet il-lezzjoni solenni li taha l-Fundatur tagħha, u b'hekk sar jisthoqqilha li tissejjaħ "qaddejja ta' l-umanita`".

Il-qadi li offriet u għadha toffri l-Knisja huwa ta' iktar minn għamla waħda. Il-Knisja tkun taqdi lill-uliedha u lil kull xorta ta' bnedmin meta hija twasslilhom il-messaġġ tal-verita` li afdalha Kristu, l-Imgħallem Divin tagħha. Tkun taqdi lill-bniedmin meta tħabrek għar-rikonċiljazzjoni u tħeġġiġhom biex minn qalbhom jaħfru lil xulxin u jżommu dejjem relazzjonijiet ta' rispett reċiproku u ta' ħbiberija. Tkun taqdi lil bnedmin meta hija tħenn għall-miżerji spiritwali tagħhom u toffrilhom il-ħniena u l-maħfra li ġejjin minn Alla. Kif josserva il-Beatu Ġwanni XXIII, fil-bidu tal-enċiklika tiegħu Mater Et Magistra: "Għad li l-Knisja għandha qabel kollox id-dmir li tqaddes l-erwieħ u li twassalhom biex jieħdu sehem mill-ġid ta' l-ordni spiritwali, madanakollu hija wkoll ħerqana li tqis il-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum tal-bnedmin, mhux biss rigward dak li hu meħtieġ għall-għajnuna u għall-kundizzjonijiet tal-ħajja, iżda wkoll f'dak li jirrigwarda l-prosperita` u ċ-ċivilta` fl-aspetti diversi tagħhom u skond kif ikun meħtieġ minn epoka għall-oħra" (num.2).

Ħarsa lejn l-iskejjel, l-isptarijiet, l-orfanatrofji, l-oratorji, ċ-ċentri tal-kultura u ta' tagħlim li hemm f'kull pajjiż fejn waslet il-Knisja Kattolika huma prova biżżejjed tal-ħeġġa tagħha fil-qadi tal-bnedmin ta' kull razza u ġens. Ma nistgħux inħallu barra mbagħad dak li twettaq il-Knisja fl-artijiet tal-Missjoni, fejn flimkien mad-dawl sabiħ tar-Reliġjon nisranija, twassal ukoll iċ-ċivilta` u l-progress li jixirqu lill-bnedmin.

Dak li għedna sa issa dwar il-Knisja Universali, nistgħu, fuq skala iżgħar napplikawh ukoll għall-Knisja Lokali, fil-gżira żgħira tagħna. Il-Knisja Għawdxija wkoll trid

tkun il-qaddejja tal-bnedmin li tista' tilħaqhom għax qegħdin qrib tagħha. Bir-riżorsi limitati tagħha, hija wkoll qegħda tagħti bħalma tat fl-imgħoddi ħafna għamliet ta' servizzi lil dawk kollha li jeħtieġuhom. Biżżejjed nagħtu ħarsa lejn id-djar tal-M.U.S.E.U.M. u ċ-ċentri tad-duttrina li nbnew f'dawn l-aħħar snin, fejn kontinwament issir tagħlim li jgħin il-bniedem biex jgħix skond id-dinjita` tiegħu ta' nisrani kif ukoll lejn iċ-Ċentri Parrokkjali u postijiet oħra fejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jistgħu jieħdu r-rikreazzjoni tagħhom. Dan biex insemmu biss ftit eżempji.

Is-Seba' Kungress Pastorali Djoċesan li għadu kif intemm, bħas-sitta l-oħra li kienu saru qabel huma prova oħra li bis-serjeta` kollha l-Knisja lokali tixtieq u tħabrek biex tkun il-qaddejja tal-bnedmin. Il-ftit paragrafi li ser nikkwota jindikaw li d-djoċesi tagħna ilha li qabdet din id-direzzjoni u li fi ħsiebha tibqa' miexja fiha. "Il-katekeżi f'kull eta`, mhux biss taż-żgħar, imma wkoll tal-kbar hija bżonn urġenti ta' żminijietna. Il-Knisja Lokali toffri s-servizz tagħha għal dan l-iskop speċjalment bil-klassijiet tad-Duttrina u bil-laqgħat ta' tagħlim. Attenzjoni speċjali għandha tiġi mogħtija lill-katekeżi taż-żgħażagħ li ħarġu mill-iskola u għal dawk li ġejjin minn familji berdin fil-fidi" (num.4).

Madanakollu minkejja kull rieda tajba tagħha, li taqdi u tgħin il-bnedmin ta' pajjiżna u ta' żmienna, l-Knisja Lokali qegħda tara quddiemha sfidi kbar, li żgur li kienu jaqtagħulha qalbha kieku ma kellhiex fiduċja kbira fl-għajnuna t' Alla u fil-wegħda ta' Kristu Sultan li jibqa' magħha sa l-aħħar taż-żminijiet. Dawn l-isfidi tal-biża jagħmel aċċenn għalihom il-Kungress Pastorali Djoċesan

fejn jgħid: "Il-Problemi soċjali li jolqtu n-nazzjon jeħtieġ li jiġu ndirizzati u tinstabilhom soluzzjoni. Fost ħwejjeġ oħra huma ta' preokkupazzjoni għalina t-telf tal-valuri morali, l-mentalita` li l-istudenti għandhom bilfors imorru l-privat anke meta dan mhux meħtieġ, il-'broken families', id-dejn fil-familji, il-logħob ta' l-azzard, l-użura, il-problema tad-droga, ta' l-alkoħol, nuqqas ta' onesta` fil-qadi tax-xogħol, l-evażjoni tat-taxxa, x-xogħol tat-tfal, il-permissivita` sesswali, il-ħajja bla ideal, id-divertiment bla rażan, l-konsumiżmu (ANS p. 630) u l-kriminalita` (Num 86).

Il-Knisja f'Għawdex tħoss li għandha ttenni l-kelmiet ta' l-Appostlu Missierna San Pawl "Min hu marid, u m'iniex marid miegħu jien? Min hu dak li jsib min ifixklu, u jien ma nħossniex imbaqbaq?" (2 Kor. 11,29).

Ma nistgħux naħbu li l-Knisja f'Għawdex jeħtieġilha li ssib quddiemha inqas tfixkil milli rat s'issa u iktar koperazzjoni. Mhux il-mument bħalissa li noqgħod insemmi waħda waħda dawn l-għamliet ta' tfixkil li sibna u għandna nsibu u minn liema naħħiet , ngħid biss li dan it-tfixkil jeżisti u xejn ma jagħmel ġieħ lil min qiegħed joħolqu. Bħalissa l-Knisja u mhux f'pajjiżna biss, għaddejja minn mumenti ta' tribulazzjoni minħabba xi abbużi li qegħdin jissemmew ta' spiss; nittamaw u nitolbu lil Alla, li l-verita` tidher fil-milja tagħha u li min hu vittma jkollu l-protezzjoni li jistħoqqlu, iżda mingħajr ma jiġu mgħotija ġudizzji qabel il-waqt u minn min mhux kompetenti. Nista' ngħid ukoll li nqis bħala tfixkil il-kritika nġusta u r-reżistenzi li jinħolqu meta jkun meħtieġ li jsiru ċerti riformi; barra minhekk hemm ħafna x'wieħed jilmenta dwar il-mod superfiċjali u xejn rispettuż, li bih

ċerti sezzjonijiet tal-*mass-media*, xi drabi jittrattaw il-Knisja u t-tagħlim tagħha. Ta' min jiddeplora wkoll il-fatt li f'pajjiżna għad fadal nies li jsegwu bi pjaċir programmi banali u xi whud ukoll skandalużi, kif ukoll li ċerti stazzjonijiet tat-Televiżjoni u tar-Radju xi whud minnhom sovvenzjonati mill-Istat jagħtu spazju għall-programmi bħal dawn li mhux biss ma fihomx valur edukattiv iżda wkoll huma ħafna drabi ta' ħsara morali għall-ispettaturi.

Jiena nħoss li f'din l-okkażjoni flok ma nidħol fid-dettalji tat-tfixkil li qegħda ġġarrab il-Knisja f'pajjiżna, jaqbel iżjed li nagħmel enfasi fuq il-koperazzjoni li hija qegħda tistenna bir-raġun kollu minn uliedha u minn nies kollha ta' rieda tajba. Bħala minimum, jiena nissuġġerixxi li n-nies ta' gżiritna jikkorrispondu iżjed u aħjar ma' l-inizjattivi u l-ħidmiet li l-Knisja ħolqot għall-ġid tagħhom stess u li qegħda toffrilhom. Jekk hemm laqgħat ta' tagħlim għall-kbar u għaż-żgħar, il-kattoliċi tagħna m'għandhomx jibqgħu lura, iżda jiffrekwentawhom. Jekk jeżistu għaqdiet ta' appostolat tal-lajċi, l-Għawdxin, fil-kotra tagħhom għandhom iħossu d-dmir li jissieħbu fihom. Jekk isiru appelli għall-ġenerosita` u għas-solidarjeta` tagħhom, għandhom jifthu qalbhom u jagħtu widen għalihom. Jekk il-qniepen isejħulna biex nieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi li huma ta' għajnuna kbira għat-tqaddis tagħna, m'għandnix niddiżertaw il-knejjes u nħalluhom kważi vojta.

Illum qegħdin nagħmlu dan l-att ta' qima pubblika lil Kristu Sultan u qaddej tal-bniedmin, imma jekk irridu li nqimu u nħobbu tabilħaqq lil dan is-Sultan tagħna bħala sudditi għandna nirrispettaw u nħobbu wkoll il-Knisja,

Omm għażiża tagħna u ngħinuha biex tkun tista tkompli bla heda l-missjoni nobbli tagħha li taqdi lill-ulied Alla, u hekk tinbena u tissaħħaħ bil-koperazzjoni ta' kulħadd is-saltna ta' Kristu fis-soċjeta` tagħna.

18. GĦALL-PAĊI DOMESTIKA
(22-03-2004)

Il-parabbola ta' l-Iben il-Ħali hija waħda mill-isbaħ parabboli illi qalilna is-Sinjur tagħna Ġesu` Kristu u fi ftit kliem ried jurina l-ħniena nfinita` tal-Missier illi jilqagħna għandu u jaħfrilna kull darba illi aħna nindmu minn dnubietna u nerġgħu nirritornaw għandu. Fil-parabbola niltaqgħu ma' missier u żewġt ulied. Barra minn dawn il-persunaġġi din il-parabola issemilna ħaġa li fl-istess ħin tista' tkun ħaġa tajba u ħaġa ħażina u mill-agħar. Semmielna Ġesu` l-flus u l-propjeta`. Il-Missier liż-żewġ uliedu rabbihom bl-ikbar imħabba u ż-żgħir darba waħda, mingħajr ma qagħad iġib quddiem għajnejh li ser iweġġa' qalb missieru qallu: 'Missier agħtini dak li jmiss lili mill ġid'. U l-Missier ma' għamilux reżistenza. Il-parrabola tgħidilna li l-missier qasmilhom ġidu u dak it-tifel iż-żgħir x'ħin ra dawk il-flus f'idejh tbiegħed minn missieru u minn art twelidu u mar f'art oħra bil-flus li kellu u ħliehom. Fl-aħħar dan l-iben il-ħali ddispjaċih għax kien waqa' fil-miżerja, missieru laqgħu b'festa kbira u ħuh l-ieħor, meta sema' b'dak li ġara ħadha ma' missieru u qallu: 'Jiena dejjem miegħek u qatt ma' tajtni xejn... imbagħad jiġi dan ibnek u inti toqtollu l-għoġol imsemmen. U l-missier qallu 'dak li huwa tiegħi huwa tiegħek; iżda kien meħtieġ li nagħmlu festa għax dan ħuk kien mitluf u nstab.

L-ewwelnett hawnhekk hawn lezzjoni kbira għall-ġenituri, l-ommijiet u l-missirijiet li għandhom

jużaw ġustizzja kbira kif iqassmu l-ġid lill-uliedhom. Fit-testmenti li jagħmlu ċerti missirijiet ma jkunux ġusti biżżejjed, ma jitrattawx b'mod ugwali lill-uliedhom. S'intendi jekk xi ħadd baqa' d-dar biex jaqdi l-ġenituri tiegħu dan għandu jkollu retribuzzjoni, il-ħlas tas-servizz li huwa ta. Imma l-ġenituri ma' għandhomx jkollhom predilezzjoni jiġifieri lil wieħed iħobbuh iktar mill-ieħor jew lil wieħed jitrattawh aħjar mill-ieħor, jekk ma jkunx hemm raġuni speċjali bħal fil-każ ta' xi wieħed mill-ulied għandu xi għamla ta' diżabilita`, marid jew li ġratlu xi diżgrazzja. F'każ bħal dan ikun jeħtieg iktar attenzjoni, kura u protezzjoni. Il-ġenituri jridu joqogħdu attenti ħafna għaliex l-inġustizja li jistgħu jagħmlu taf tkun bidu ta' ħafna nkwiet bejn il-ġenituri u l-ulied.

Mill banda l-oħra l-ulied għandom jirrispettaw dejjem lill-ġenituri tagħhom u għandhom joqogħdu attenti ħafna biex ma jweġġgħulhomx qalbhom bi kliem iebes u b'ċerti atteġġjamenti. U f'din il-ħaġa jekk dawn l-ulied ikunu miżżewġin, biex huma jżommu relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħhom, jkunu jistgħu jgħinu ħafna n-nisa jew l-irġiel tagħhom li jgħinu biex żwieġhom jżommu relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħhom. Imma sfortunatament qegħdin naraw każi fejn ikunu huma li jimlewhom kontra l-ġenituri tagħhom. Ħafna drabi jkun hemm fin-nofs il-flus u l-eredita`. Ħafna mill-inkwiet li għandna, nkwiet ikraħ bejn ġenituri u wlied u anke ta' l-aħwa bejniethom għandu bħala għerq tiegħu l-wirt u l-eredita`. Imbagħad l-aħwa bejniethom għandhom jirrispettaw lil xulxix u mhux jgħiru wieħed għall-ieħor. Dan ma' jfissirx li jsellmu biss lil xulxin imma jfisser ukoll li lil min ikun fil-bżonn tmidd idejk u tgħinu.

Il-lezzjoni importanti li nitgħallmu hija biex kemm jista' jkun nevitaw il-ġlied u t-tilwim. Ma' għandniex inħallu l-flus u l-ġid ta' l-art jagħmuna. M'għandna qatt nippermettu li l-flus u l-eredita` joħolqu id-divizjoni u ċerta mibgħeda li twassal biex il-missirijiet jinfirdu minn uliedhom u l-aħwa jinfirdu minn xulxin. Il-paċi domestika hija valur kbir li huwa ġid wisq iktar kbir mill-ġid materjali għaliex il-ġid jiġi u jmur imma r-rispett u l-imħabba huma xi ħaġa illi jekk tkun soda tibqa' għal dejjem.

19. L-EWKARISTIJA U S-SAĊERDOŻJU, RIGALI TA' KRISTU
(8-04-2004)

Fil-jum li fih s-Sinjur tagħna Ġesu Kristu għamel l-aħħar ċena tiegħu, f'Ġerusalem kienu qegħdin isiru t-tħejjijiet għall-festa kbira ta' l-Għid tal-Lhud. Imma ma kenitx atmosfera trankwilla. Ċerti kurrenti li kienu għaddejja f'Ġerusalemm kienu juru li l-paċi kienet nieqsa. Biżżejjed insemmu t-tilwima li kien hemm bejn Erodi u Ponzju Pilatu, it-trewwixti li kienu għadhom kif twettqu u fuq kollox il-mibegħda li kien hemm tbaqbaq fil-qalb tan-nies tas-Sinedriju u tal-kapijiet tal-Fariżej li kienu qegħdin jagħmlu ḳull ma jistgħu biex jaqbdu lil Ġesu u jeħduh għall-mewt.

U jekk f'Ġerusalemm l-atmosfera ma' kenitx trankwilla lanqas ġewwa ċ-ċenaklu ma kien hemm paċi u trankwillita' perfetta għaliex l-appostli diġa kellhom l-inkwiet f'qalbhom għax kienu ntebħu li Ġesu wasal biex imur għas-sagrifiċċju tiegħu . Fil-qalb ta' Ġuda kien hemm diġa l-ħsieb u x-xewqa tat-tradiment u meta imbagħad Ġesu qal lill-appostli li wieħed minnhom kien se jittradih, il-qalb ta' l-appostli nħakmet minn ċertu dubju u bdew jistaqsu biex jaraw min kien dak li ser jitradih.

Imma għad li l-emozzjonijiet umani fiċ-ċenaklu kienu imħawdin u ma kienx hemm it-trankwillita u l-paċi madankollu fuq din l-atmosfera kienet tiddomina l-imħabba u l-ħniena ta' Kristu l-Feddej. Eżempju ta'

dan huwa d-diskors ta' Ġesu fl-aħħar ċena li nistgħu nsejħulu t-testment ta' Sidna Ġesu fejn huwa kellem lill-appostli dwar l-imħabba ta' Alla għalihom, dwar l-imħabba li huma għandhom ikollhom lejn xulxin u dwar l-għaqda li d-dixxipli għandu jkollhom biex huma jkunu ħaġa waħda fih. Imma barra mill-kliem, Ġesu ried jagħti ukoll l-fatti ta' din il-ħniena tiegħu lejn l-umanita` billi waqqaf iż-żewġ sagramenti tal-Liġi l-Ġdida, is-sagrament ta' l-Ewkaristija meta biddel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu u s-sagrament ta' l-Ordni Sagri meta Ġesu waqqaf is-saċerdozju Kattoliku.

U għalhekk illum, f'din il-festa ta' Ħamis ix-Xirka waqt li rroddu ħajr lil Ġesu talli bil-passjoni, l-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet huwa wettaq il-misteru ta' l-Għid u kisbilna l-fidwa, jixraq li anke aħna lil Kristu ngħidulu grazzi u grazzi mill-qalb ta' dawn iż-żewg sagramenti kbar ta' l-Ewkaristija u ta' l-Ordni Sagri.

Imma mhux biżżejjed li aħna rroddu ħajr lil Ġesu imma hemm bżonn li bil-fatti aħna verament ngħożżu dawn ir-rigali kbar ta' Kristu. Ngħożżu l-Ewkaristija u noqorbu lejn Ġesu għax huwa stess qalilna: 'Min jiekol ġismi u jixrob demmi jkollu l-ħajja ta' dejjem'. Napprezzaw il-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija, imma hemm bżonn li aħna ngħożżu wkoll s-Saċerdozju. U għalhekk il-Papa kif għamel f'dawn is-snin kollha li ilu jmexxi l-Knisja Kattolika, anke lilna s-saċerdoti bagħtilna l-ittra ta' Ħamis ix-Xirka u fost affarijiet oħra huwa insista fuq il-ħtieġa li f'dawn iż-żminijiet tal-lum aħna ngħixu f'għaqda ntima ma' Kristu. Huwa nsista li għandna naħdmu għall-vokazzjoniijiet. Dan huwa dmir tal-Knisja kollha imma b'mod speċjali tagħna s-saċerdoti.

Dan ifisser li aħna nitolbu għall-vokazzjonijiet kif talabna l-Imgħallem tagħna imma jfisser ukoll li aħna bl-eżempju tajjeb tagħna nsaħħu l-vokazzjonijiet li jista' jkun hemm fil-qalb tal-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Aħna għidna li meta saret l-aħħar ċena s-sitwazzjoni fil-Palestina ma kenitx waħda sabiħa għax kien żmien ta' tilwim u ta' biża. Imma nistgħu ngħidu aħna li ż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom huma forsi aħjar? F'dawn il-ftit snin li għadhom kif għaddew minn meta dħalna f'millenju ġdid l-umanita` qegħda forsi tgawdi l-paċi u t-trankwillita`? Qegħda tiddomina l-imħabba u s-solidarjeta fost il-bnedmin jew inkella l-piki, l-ġlied u d-diviżjonijiet? Nistgħu ngħidu aħna illi dak li stennew u ttamaw ħafna bnedmin, il-ħelsien mill-għaks, mill-ġuħ u mill-biża lħaqnih jew inkella morna iktar lura? Jiena naħseb li intom taqblu miegħi illi qegħdin ngħixu fi żminijiet ta' biża u ta' terrur għax ma nafux għada x'ser jiġri, ma' nafux min ser ikun l-ewwel vittma u ma' nafux liema ser ikun l-ewwel demm li ser jiċċarċar.

Imma f'sitwazzjoni bħal din ma' għandniex ninsew li l-ħniena u l-imħabba ta' Kristu jiddominaw u jaħkmu fuq kollox. Lejn Kristu għadna noqorbu, fil-qalb tiegħu nfittxu l-kenn filwaqt li nisimgħu l-kelmiet tiegħu; 'Ibqgħu dejjem fl-imħabba tiegħi.'

Aħna għandna nwieġbu għal dawn il-kelmiet billi lil Kristu nħobbuh u nħobbuh mhux bil-kliem biss jew sentiment iżda bl-istil tal-ħajja tagħna u bix-xhieda li nagħtu.

20. IT-TMERMIR TAL-VALURI MORALI
(26-04-2004)

It-tema magħżula "Insaħħu Twemminna" għandha tolqotna lkoll fil-laħam il-ħaj. Insaħħu twemminna jfisser insaħħu l-fidi nisranija, il-fidi Kattolika, il-fidi mibnija fuq Kristu u fuq it-tagħlim tiegħu, il-fidi li ġabilna missierna San Pawl, il-fidi illi fiha l-Papa u l-Isqfijiet isaħħuna, sewwa b'tagħlimhom kif ukoll bis-sagramenti li jamministrawlna. Pero` lkoll kemm aħna nafu li l-fidi nisranija, fi żminijietna għandha ħafna u ħafna theddid u hija mminaċċjata serjament. M'iniex ser noqgħod insemmi l-isfidi u l-perikli kollha li hemm għall-fidi. Imma nsemmi biss wieħed, it-taħsir morali. Meta l-bnedmin jagħtuha għall-ħażen u jsiru ivvizzjati allura l-fidi tintilef. U dan mhuwiex kliemi imma kliem l-Appostlu Missierna San Pawl illi meta jikteb lid-dixxiplu maħbub tiegħu Timotju jgħidlu: 'Idħol bil-qawwa għat-taqbida spiritwali, bil-fidi u b'kuxjenza tajba għax kien hemm xi uħud li għaliex warrbu l-kuxjenza tajba tfarrku fil-fidi. Sfortunatament għandna ħafna li tkissru fil-fidi fosthom zgħażagħ li ma jafux fejn huma fl-affarijiet tal-fidi. Ma rridx niġġeneraliżża għax mhux iż-żgħażagħ kollha hekk, imma xi whud minnhom jaslu biex jgħidu tant ereżiji u tant fehmiet żbaljati.

Għandna ħafna 'challenges' għall-fidi tagħna illi qegħdin imermru l-valuri morali li bihom tant konna niftaħru; il-valur tal-familja, il-valur ta' l-onesta`, l-valur

tal-ġenerożita` mal-proxxmu, il-valur ta' l-altruwiżmu, il-valur li wieħed jikkumbatti għall-ideali sbieħ. Il-gwaj huwa li m'aħniex niftħu għajnejna. Ħafna f' pajjiżna huma aljenati, mitlufin fil-folklor ta' kull kwalita` u f'elf ħaġa oħra. Imma imbagħad qegħdin ninsew l-essenzjal li huwa li nkunu nafu sewwa t-twemmin tagħna u li nipproklamawh kullimkien; fi djarna , fil-postijiet tax-xogħol, fil-postijiet tad-divertiment anke meta jkun il- karnival jew festi oħra. Sfortunatament qegħdin nixorbu l-velenu u minn għalina qegħdin nieħdu xi sustanza li tgħinna. Inkun iktar ċar. Ċerti programmi tat-televiżjoni u tar-radio hemm bżonn li nevitawhom għax qegħdin jheddu l-fidi u l-moralita` tagħna u qegħdin idaħħlu f'moħħna ċerti ideat żbaljati . U minn fuq, dawn huma xi drabi programmi li aħna nħallsu għalihom bit-taxxi tagħna. Qegħdin nissussidjaw ċerti ħwejjeġ li jagħmlu ħsara lill- familji, liż-żgħażagħ u lit-tfal. Imbagħad xi ngħidu għall-użu ħażin ta' l-internet? Xi ngħidu għal-letteratura u materjal pornografiku li dieħel fostna u xi ngħidu għall-promiskwita`. Il-morali sesswali donnha marret il-baħar, b'uħud jippromwovu s-sess qabel iż-żwieġ u nies miżżewġa li jidħrilhom li jistgħu jagħtu kunfidenza lil kulħadd. Imbagħad nisimgħu wkoll min jitkellem dwar id-divorzju. Id-divorzju mhux talli ma jfejjaqx il-pjaga imma talli jaggravaha. Id-divorzju jfarrak il-familji u mhux jirranġa l-familji mfarrka. Id-divorzju huwa kontra l-liġi ta' Alla u huwa wkoll kontra r-raġuni meta wżata tajjeb u mhux skond il-passjoni għamja. Pajjiżna miexi f'dan il-baħar imqalleb.

Aħna x'nistgħu nagħmlu? L-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu hija li niftħu għajnejna qabel ikun tard wisq. Imbagħad niddefendu l-fidi tagħna. Għaliex il-ħażin

jgħolli rasu u għaliex dawk li jippretendu li għandhom jitkellmu kif iridu jaslu biex ixandru ċerti messaġġi li huma ambigwi, ekwivoċi u li jistgħu jagħmlu l-ħsara? Ir-raġuni ewlenija hija l-għaliex it-tajbin ma jitkellmu xejn u jibqgħu b'ħalqhom magħluq anke jekk ma japprovawx dak li jkunu jaraw jew jisimgħu.

Nafdaw fl-għajnuna t'Alla u jkollna l-kuraġġ li ngħidu aħna nsara u l-familji tagħna rriduhom familji nsara. Lill-uliedna rridu nedukawhom b'mod nisrani. Liż-żgħażagħ tagħna rriduhom jgħixu fil-paċi, b'saħħithom, ħenjin u li jirraġunaw b'mentalita` nisranija. Ma naqgħtux qalbna, għaliex din tkun l-aqħar ħaġa li tista tiġri. Nitolbu, naħdmu u ngħożżu t-tagħlim reliġjuż.

21. IL-LIVELL TA' L-IMPIEGI F'PAJJIŻNA
(27-04-2004)

Fil-messaġġ li kont indirizzajt lill-ħaddiema, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, ta' l-1 ta' Mejju 1997, fost l-oħrajn ktibtilhom hekk: "Fuq kollox hemm bżonn li ma tibqgħux indifferenti fejn taraw min qiegħed ibati inġustament, iżjed u iżjed jekk din it-tbatija tkun ġejja mill-ksur tal-jeddijiet tagħkom jew min-nuqqas ta' ħarsien tad-dmirijiet li b'mod jew ieħor jobbligaw lil kull bniedem." Dawn il-kelmiet jgħoddu mhux biss għall-ħaddiema, iżda għal kull min għandu sens ta' onesta` u jkun ispirat mill-imħabba nisranija.

Ma jistax ikun illi f'dan il-messaġġ qasir tiegħi nsemmi l-kategoriji kollha ta' nies li qegħdin ibatu nġustament u li għandna, mill-aħjar li nistgħu naqbżu għalihom u noffrulhom l-id tal-ħbiberija. Iżda fil-mument qegħda tinħass ħafna l-problema tal-qgħad, u tas-sensji li minħabba fihom, xi ħaddiema jitilfu l-impieg tagħhom, b'konsegwenzi koroħ għalihom infushom u għall-familji tagħhom.

Ma nkunx nitbiegħed b'ebda mod mit-tagħlim tal-Knisja, kif insibuh fl-enċikliċi soċjali tal-Papiet, jekk intenni mal-Papa Ġwanni Pawlu II, dak li qal fl-Enċiklika Laborem Exercens (18) li : "Irridu l-ewwelnett inqisu problema fondamentali: il-problema li ssib x-xogħol, jew fi kliem ieħor, il-problema ta' impieg xieraq għal kull min hu kapaċi għalih. Il-qgħad, jiġifieri

n-nuqqas ta' xogħol għal min hu kapaċi għalih, imur kontra l-qagħda ġusta u xierqa f'dan il-qasam.. Il-qgħad hu dejjem deni u, meta jilħaq ċertu livell, hu veru diżastru soċjali."

Nixtieq għalhekk li nagħmel appell, sabiex isir kull sforz ħalli ma jonqosx il-livell ta' l-impiegi f'pajjiżna u sabiex kemm jista jkun jittaffew it-tbatijiet li jġarrbu dawk li jisfaw vittmi tal-qgħad.

Ma' dan nixtieq nirrepeti wkoll dak li għidt fil-messaġġ tal-2001: "Kulħadd għandu jifraħ meta jinnota l-elevazzjoni jew il-mixja 'l quddiem tal-klassi tal-ħaddiema, u kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu kbir jew żgħir biex iseħħ dan it-titjib kif titlob id-dinjita` tal-persuna tal-ħaddiema. Dan ifisser li wieħed għandu jgħasses sabiex ma jintilifx dak il-progress li nkiseb sal-lum u li forsi sewa tant taħbil il-moħħ u sagrifiċċji.

22. INĦARSU D-DRITTIJET T'ALLA U TAL-KNISJA
(22-07-2004)

'Il-Madonna hija mfaħħra għall-fidi tagħha. Difatti kif naqraw fl-Evanġelju ta' San Luqa, il-qariba tagħha Sant Eliżabetta faħħritha u qaltilha; 'Hienja int li emmint kull ma' ntqal lilek min-naħa tal-Mulej' F'okkażjoni bħal din ta' llum tajjeb li nistaqsu lilna nfusna; 'Aħna għadna nemmnu jew m'għadniex? Il-fidi tagħna hija fidi ħajja, fidi mejta, jew fidi dgħajfa ħafna? Ħafna drabi l-iżbalji tagħna bħala individwi u bħala membri tas-soċjeta` jiġu propju mill-fatt li warrabna d-dawl tal-fidi fil-ġenb u ippreferejna d-dlam tal-passjonijiet. Alla għalina, għadu jfisser xi ħaġa? Għadna nħossu li għandna x'nambuh jew ngħaddu mingħajru? Għadna nħossu li niddependu fuq Alla f'kollox jew li f'ċerti affarijiet nistgħu nimxu għal rasna? Nemmnu tabilħaqq dak li qalilna San Pawl li 'f'Alla aħna ngħixu, nimxu u neżistu'? Għadna nemmnu fil-ħajja soprannaturali, fil-ħajja tal-grazzja li aħna rċivejna fil-magħmudija u li mbagħad nsaħħuha bis-sagramenti l-oħra? Nemmnu f'ħajja li għad trid tiġi jew inkella qegħdin npoġġu t-tama u l-fiduċja tagħna kollha kemm hi fil-ħajja ta' bħalissa? Ir-reliġjon tagħna hija r-reliġjon ta' Kristu, ir-reliġjon li tgħallimna ommna l-Knisja Mqaddsa jew qed nippruvaw nivvintaw religjon ġdida: ir-religjon ta' l-internet, tal-mobile phones, tax-xalar bla rażan, tal-ħsejjes u tal-moda li xi kultant hija sfaċċata u sfaċċata ħafna? Jekk aħna qegħdin ngħixu dan l-istil ta' ħajja, aħna tbegħdna u tbegħidna ħafna minn Kristu.

Fi żminijietna ħafna jitkellmu dwar il-jeddijiet tal-bniedem u jagħmlu sewwa. Hemm ukoll min jitkellem dwar il-jeddijiet ta' l-annimali u sa ċertu sens għandhom raġun. Imma qegħdin aħna niftakru li Alla wkoll għandu d-drittijiet tiegħu u li dawn jeħtieġ li aħna nħarsuhom? Aħna Kattoliċi xejn ġelużi rigward id-drittijiet tal-Knisja jew inkella nittolleraw li dawn id-drittijiet tal-Knisja jiġu mnaqqrin mingħajr ma forsi lanqas biss nittendu? Qegħdin aħna nħossuna ddispjaċuti meta naraw li anke f'pajjiżna li hu pajjiż Kattoliku, xi drabi l-liberta` tal-Knisja hija mxekkla u forsi ukoll ivvintati restrizzjonijiet ġodda u tfixkil ġdid, anke permezz ta' leġislazzjoni jew 'policies' li jittieħdu? Jeħtieg li nifthu għajnejna qabel jkun tard wisq u nagħmlu xi ħaġa. Jiena naħseb li għadna fil-ħin imma jekk aħna nintelqu u nagħlqu għajnejna għal dak li qed jiġri, allura jista jkun tard wisq.

Jien naħseb li Kristu huwa s-soluzzjoni għall-problemi tagħna u għand Kristu għadna mmorru biex infiequ mill-krizi spiritwali li qegħdin fiha, anke bħala pajjiż.

U jekk aħna naqbdu f'idejna r-riżoluzzjonijiet tas-Seba' Kungress Pastorali Djoċesan li sar is-sena l-oħra fid-Djoċesi tagħna, aħna għadna gwida ċara ta' x'għadna nagħmlu. L-ewwelnett it-tagħlim ta' Kristu, għaliex hawn ħafna injoranza reliġjuża. It-tagħlim reliġjuż mhux xi ħaġa li nagħtuha biss lit-tfal biex jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma imma huwa għal kulħadd sal-mewt. Imma barra t-tagħlim hemm ukoll l-Ewkaristija. Kristu fl-Ewkaristija huwa rimedju għall-qdusija tagħna u tal-bnedmin kollha u huwa ukoll qawwa fil-perikli li magħhom niltaqgħu.

Barra dak li hemm dwar dan fir-riżoluzzjonijiet tal-Kungress Pastorali dwar l-evanġelizzazzjoni u l-Ewkaristija għandna wkoll l-istedina tal-Papa biex minn Ottubru li ġej s'Ottubru tas-sena ta' wara aħna niċċelebraw is-Sena Ewkaristika. Nixtieq ninqeda b'din l-okkażjoni biex nagħmlilkom appell ħalli kulħadd jipprova jsegwi l-programmi li aħna nagħmlu ħalli tabilħaqq din is-sena Ewkaristika sservi bħala rimedju għal tant u tant diffikultajiet spiritwali li magħhom niltaqgħu.

23. NIĊĊELEBRAW, NADURAW U NIKKONTEMPLAW LILL-EWKARISTIJA
(21-11-2004)

Ma setax jonqos, li f'din is-sena, li skond ix-xewqa tal-Papa għandha tinżamm bħala "Sena Ewkaristika", is-suġġett taċ-ċelebrazzjoni tagħna tal-lejla jkun marbut ma' l-Ewkaristija. Kristu jsaltan rebbieħ minn fuq it-tron tiegħu fis-sema, fejn hu qiegħed fil-lemin ta' Alla, l-Missier. Iżda, Kristu jsaltan ukoll mill-Ewkaristija, fejn is-sudditi fidili tiegħu, jistgħu jsibuh u jitolbu minn għandu l-grazzi li jkunu jeħtieġu.

Id-dmirijiet li għandna lejn Ġesu` fl-Ewkaristija, nistgħu niġbruhom fi tliet kelmiet: Niċċelebraw, naduraw u nikkontemplaw.

1. Niċċelebraw

Fiċ-ċentru tal-Jum tal-Mulej u ta' kull festa oħra hemm l-Ewkaristija li fiha jiġi ċċelebrat u mfakkar, il-misteru tal-Għid, kollu kemm hu. Iċ-ċelebrazzjoni fiha tliet mumenti:

(i) Il-Preparazzjoni: "Il-ġemgħa trid tħejji ruħha biex tiltaqa' mal-Mulej, trid tkun 'poplu mħejji sewwa'. Din it-tħejjija tal-qlub hi ħidma flimkien ta' l-Ispirtu s-Santu u tal-ġemgħa stess, b'mod partikolari tal-ministri tal-ġemgħa. Il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu tfittex li tqanqal il-fidi, il-konverżjoni tal-qalb u r-rabta mar-rieda tal-Missier. Dawn id-dispożizzjonijiet huma meħtieġa

minn qabel biex jistgħu jiġu milqugħa l-grazzji li tagħti l-istess ċelebrazzjoni u jinkiseb il-frott tal-ħajja ġdida li ċ-ċelebrazzjoni hi mistennija li tagħti wara" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*,1098).

(ii) Iċ-ċelebrazzjoni nfisha hija mument solenni u mistenni mill-komunita` ekkleżjali bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija l-Knisja dejjem taqdi, l-istess bħall-Mulej il-"Liturgu" jew ministru ewlieni billi tissieħeb fl-uffiċċju saċerdotali Tiegħu biex tagħti qima lil Alla u tqaddes l-erwieħ, speċjalment bl-Ewkaristija. Iżda kif jingħad fir-riżoluzzjoni n. 14 tas-VII Kungress Pastorali Djoċesan, "Dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa m'għandhomx jagħmlu hekk bi drawwa imma għandha tkun il-konvinzjoni li twassalhom biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, li hija ċ-ċentru tal-ħajja tagħna, ħalli jiksbu profitt spiritwali minnha u jikbru fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu".

(iii) Il-kontinwita vitali, espressa b'ġesti u għemil ta' xhieda u solidarjeta` ekklezjali u socjali. *Solidarjeta` eklesjali* tfisser li nħossuna parti mill-Knisja, mhux biss naċċettaw it-tagħlim li tagħtina u noqgħdu għal-liġijiet tagħha, iżda wkoll ikollna l-istess sentimenti tal-Knisja, nifirħu meta tifraħ u nibku meta tibki l-Knisja u ninteressaw ruħna mill-ħidmiet u l-inizjattivi tagħha.

*Solidarjeta` soċjali*, tfisser li niftakru dejjem li aħna membri tas-soċjeta` ta' pajjiżna u li lejha għandna mhux biss drittijiet iżda wkoll dmirijiet. Il-progress li tagħmel Art Twelidna huwa progress tagħna lkoll u l-problemi u d-diffikultajiet kbar jew żgħar li tgħaddi minnhom huma problemi li jolqtu lilna lkoll. Ma nistgħux nistħajlu li

m'għandniex x'naqsmu magħhom jew li m'għandniex għalfejn nagħtu każhom.

Bħala nsara, għandna nħossu l-ħtieġa li nitħarrġu u nikbru fil-virtujiet tal-ġustizzja u tal-karita` soċjali, u nagħtu sehemna, kulħadd skond ma jista', sabiex f'Art Twelidna jkun hawn l-ordni, il-paċi u l-prosperita`.

Għalhekk matul din is-Sena Ewkaristika barra milli insaħħu l-fidi tagħna fil-misteru Ewkaristiku u niċċelebrawh b'qima dejjem ikbar, jeħtieġ li nsaħħu u inġibu 'il quddiem l-ħidmiet ta' l-appostolat u l-inizjattivi ta' volontarjat nisrani, għaliex dawn ukoll għandhom bħala għajn u quċċata tagħhom l-Ewkaristija.

2. Nadurawh. "L-adorazzjoni hija l-ewwel qagħda li l-bniedem jieħu meta jagħraf li hu ħolqien ta' Alla, u jinsab quddiem Dak li ħalqu. L-adorazzjoni tgħolli l-kobor tal-Mulej li ħalaqna u s-setgħa tas-Salvatur li ħelisna mid-deni. Hi l-qagħda ta' l-ispirtu li jinxteħet fl-art quddiem is-"Sultan tal-glorja", u fis-skiet kollu rispett quddiem Alla li hu "dejjem akbar minna". L-adorazzjoni ta' Alla, tliet darbiet qaddis, u ta' mħabba setgħana bla qjies, turina ċ-ċokon kollu tagħna u tiżgurana li t-talb tagħna se jkun mismugħ" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 2628).

l-Adorazzjoni barra mill-Quddiesa. Kif jgħidilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Apostolika "*Dominicae Coenae*": "Ġesu` jistenniena f'dan is-sagrament ta' l-imħabba, ma niċħdulux iż-żmien li rridu biex imorru niltaqgħu miegħu fl-adorazzjoni u l-kontemplazzjoni, mimlijin bil-fidi u lesti li npattu għall-ħtijiet kbar u

għad-delitti tad-dinja. Jalla ma tiġi nieqsa qatt l-adorazzjoni tagħna."

Taqbel ħafna ma' din l-istedina tal-Papa r-riżoluzzjoni n.19 tas-VII Kungress Pastorali Djoċesan: "L-Adorazzjoni barra mill-Quddiesa ssib post importanti fil-ħajja ta' kuljum u ssir għajn ta' qdusija li ma taqta' qatt. Għalhekk għandu jissaħħaħ dak kollu li qed isir fil-parroċċi f'rabta ma' l-Ewkaristija: sigħat u ġranet ta' adorazzjoni, barka sagramentali eċċ.".

3. **Nikkontemplaw**. Li nikkontemplaw lil Kristu jimplika li nsiru nagħrfuh f'kull post li fih juri lilu nnifsu, fil-preżenza kollha tiegħu, iżda l-iktar fis-Sagrament ħaj tal-Ġisem u d-Demm tiegħu (Riżoluzzjoni tas-VII Kungress Pastorali Djoċesan, n. 12). "Il-kontemplazzjoni hija ħarsa ta' fidi, iffissata fuq Ġesu`. "Jiena narah, u hu jarani" qal, fi żmien il-kappillan qaddis tiegħu, gabillot ta' Ars huwa hu jitlob quddiem it-tabernaklu. Din l-attenzjoni mogħtija lilu, lil Ġesu` hi ċaħda "tiegħi nnifsi". Ħarstu tnaddaf il-qalb. Id-dija tal-ħarsa ta' Ġesu` iddawwal l-għajnejn ta' qalbna tgħallimna naraw kollox fid-dawl tal-verita` u tal-mogħdrija tiegħu għall-bnedmin. Il-kontemplazzjoni twassal ukoll ħarsitha fuq il-misteri tal-ħajja ta' Kristu" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 2715).

Matul din is-Sena Ewkaristika nitolbu b'ikbar ħerqa mis-soltu lil Ġesu`, Sultan tagħna, biex mill-Ewkaristija fejn hu realment preżenti bħala Saċerdot Etern u Vittma għal ħtijietna, jsawwab fuqna, fuq il-Knisja u fuq Art Twelidna il-Barka Tiegħu.

24. TALB GĦALL-VITTMI TAT-TRAFFIKU
(26-11-2004)

Qegħdin fix-xahar ta' Novembru, xahar li fih iktar mis-soltu niftakru fl-erwieħ ta' ħutna, qrabatna u ħbiebna. Fix-xahar ta' Novembru jsiru ukoll żjajjar liċ-ċimiterju l-post tal-mistrieħ u għalhekk niftakru fil-mewt forsi iktar minn xhur u ġranet oħra tas-sena. Imma l-mewt tbeżżagħna u l-bnedmin jippruvaw jinsew, ma jiftakrux fiha u jaljenaw irwieħhom fuq ħwejjeġ oħra. Imma rridu jew ma rridux il-mewt hija kundizzjoni tal-ħajja tagħna u fl-istess ħin hija passaġġ għax kif tgħidilna l-Knisja, 'bil-mewt il-ħajja ma tinqeridx imma tinbidel. U wara l-mewt min ikun għadda ħajja tajba f'din id-dinja jieħu l-premju li jkun jistħoqqlu.

Fil-litanija tal-qaddisin aħna ma nitolbux lill-Mulej jeħlisna mill-mewt għax nafu li l-mewt hija kundanna ta' kulħadd. Imma nitolbu eħlisna mill-mewt ħesrem u l-mewt li ma nkunux ħsibna fiha', il-għaliex jekk wieħed ikun għadda ħajja tajba allura jkun preparat għall-mewt imma nafu li għal ħafna bnedmin il-mewt tiġi għall-għarrieda u forsi ma jkunux ħasbu dwarha.

Kif għamilna f'dawn l-aħħar snin fid-djoċesi tagħna illum qiegħed jinżamm 'il-Jum ta' talb għall-Vittmi tat-Traffiku' bl-iskop li niftakru f'dawk illi soffrew xi ħsara jew tilfu ħajjithom bħala vittmi tat-traffiku. Aħna ma nafux jekk dawk li jmutu għax ikollhom xi inċidenti stradali ikunux preparati jew le. Jalla li jkunu ppreparati għall-mewt u qegħdin fil-grazzja t'Alla, fil-ħbiberija

Tiegħu. Imma aħna jibqagħlna l-obbligu li nitolbu għalihom- nitolbu lil Mulej biex jekk fadlilhom xi ftit tad-dejn miegħu u qegħdin ipattu għalih fil-purgatorju, il-Mulej jfittex jagħtihom l-premju tal-ġenna.

Imma meta ngħidu vittmi tat-traffiku ma jfissirx biss dawk li tilfu ħajjithom xi drabi ukoll żball tagħhom stess. Imma nifhmu ukoll dawk li setgħu weġġgħu, dawk li b'xi mod jew ieħor baqgħu immankati, kif ukoll dawk li tilfu xi ġid tagħhom jew li tilfu lill-għeżież tagħhom. U għalhekk f'dan il-jum niftakru mhux biss f' dawk li mietu f'xi inċident stradali imma niftakru wkoll f'dawk li baqgħu hawnhekk u issa bħala konsegwenza qed iġarrbu xi tbatija jew xi nuqqas. Nitolbu għall-qraba ta' dawk li mietu jew li weġġgħu fit-triqat.

Din il-ġurnata nagħmluha mhux biss biex ngħinu bit-talb tagħna lil dawn il-vittmi imma biex nqajmu kuxjenza ħalli kulħadd jiftaħ għajnejh u jifhem illi meta wieħed qiegħed isuq għandu responsabbilta kbira għaliex jista jagħmel il-ħsara lilu nnifsu u lill-oħrajn. U għalhekk ir-regoli tat-traffiku għad li huma regoli tal-pajjiż magħmulin mill-bnedmin imma jorbtu wkoll fil-kuxjenza. Wieħed ma jistax jgħid li r-regolamenti tat-traffiku huma tali imma jien nagħmel li rrid. U għalhekk sew is-sewwieqa kif ukoll dawk li jimxu fit-triq għandhom joqogħdu attenti biex josservaw ir-regolamenti tat-traffiku u hekk żgur li jirnexxilna nnaqsu l-inċidenti stradali. Anke dawk li mhumiex insara għandhom l-obbligu li din ir-responsabbilta` josservawha u min huwa nisrani għandu jħoss fil-kuxjenza l-obbligu li joqgħod għalihom u hekk ikun iħares il-kmandament 'La toqtolx'.

25. NIĊĊELEBRAW IL-MILIED NISRANI
(18-12-2004)

F'dawn il-ġranet diversi nies jibgħatu l-messaġġi tagħhom biex jagħtu l-awguri tal-Milied. Jiena wkoll nixtieq inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Isqof u dan il-messaġġ ma jistax ikun ħaġa oħra ħlief li nesprimi x-xewqa li niċċelebraw Milied nisrani u mhux Milied pagan.

Meta ngħid Milied nisrani jfisser li hemm ċerti affarijiet li għandna nevitawhom u hemm ukoll oħrajn li bħala nsara għandna nfittxu li nagħmluhom f'dawn il-ġranet għeżież.

Hija ħaġa sewwa li wieħed ifakkar li l-Milied ma jiġix għall-esaġerazzjonijiet fl-ikel u x-xorb, għad-divertiment bla rażan u biex wieħed jagħmel wirja tal-lussu u tal-kapriċċi tiegħu li bihom jista joffendi lil min jinsab fil-faqar. Fuq kollox ta' min iwissi sabiex f'dawn il-ġranet jiġi evitat il-konsum esaġerat ta' xorb alkoħoliku u ta' sostanzi oħra li jfixklu lill-bniedem milli jitkellem u jaġixxi b'mod responsabbli u ħafna drabi joħolqu wkoll inċidenti ta' traffiku li jistgħu jkunu fatali.

Mill-banda l-oħra n-nisrani għandu jfittex f'dawn il-ġranet li jersaq iktar lejn Kristu kull fejn jinsab Kristu. L-ewwelnett fis-smigħ tal-kelma ta' Alla u permezz tal-qari tal-Bibbja, għaliex fil-Kotba Mqaddsa nsibu

l-Kristu u t-tagħlim tiegħu. Nersqu wkoll lejn Kristu billi nieħdu sehem fis-Sagrifiċċju Tiegħu li hija l-Quddiesa u nirċievu s-sagrament ta' l-Ewkaristija li fih il-Mulej ħallielna Ġismu u Demm biex ikun l-ikel spiritwali tagħna.

Barra minn hekk lil Kristu nsibuh ukoll fil-proxxmu tagħna u għalhekk jixraq li fil-ġranet tal-Milied iktar mill- ġranet l-oħra tas-sena nagħtu ħarsa madwarna biex naraw jekk hemmx xi ħadd illi jeħtieġ xi għajnuna, kbira jew żgħira, u forsi aħna nkunu nistgħu nagħtuhielu.

Jekk aħna nersqu lejn Kristu nġarrbu tabilħaqq il-paċi tiegħu u l-ferħ li nħossu fil-Milied ma jkunx ferħ superfiċjali imma xi ħaġa li timla' tabilħaqq il-qalb tagħna u tagħti enerġija ġdida għall-bqija tal-jiem l-oħra tas-sena.

26. IR-RWOL TAL-ĠURNALISTI FIS-SOĊJETA`
(5-02-2005)

Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti ħafna fis-soċjeta` u jistgħu jagħtu anke servizz siewi lil ħuthom il-bnedmin. Dan għaliex il-*mass-media* tinforma lin-nies b'dak li jkun qiegħed jiġri u tifforma anke l-opinjonijiet tagħhom, tgħinhom biex jaslu ħalli jagħmlu ġudizzju, jifformaw opinjoni personali. Il-ġurnalisti għandhom id-dmir u anke l-missjoni li jeżaminaw dak kollu li qiegħed jiġri madwarhom u anke li jagħtu l-ġudizzju tagħhom fuq dak li jkun tajjeb u fuq dak li jkun inqas tajjeb. Imma kif il-ġurnalisti jistgħu jagħmlu din il-ħaġa għax hija missjoni tagħhom anke li jikkritikaw jekk hemm bżonn jagħmlu hekk imma anke huma wkoll suġġetti għall-kritika u aħna bħala ċittadini nistgħu ngħidu x'jistgħu jagħmlu aħjar fil-ħidma u fis-servizz li huma jagħtu.

Jiena naħseb illi f'pajjiżna li jiftaħar li huwa pajjiż nisrani, ċerti sezzjonijiet ta' l-istampa u tal-*mass-media* kellhom bżonn inaqqsu mir-retorika li jużaw u iktar konkretezza f'dak li jxandru. Mhux biżżejjed li wieħed ipitter kuluri sbieħ jew il-kuluri koroh dak li jkun qiegħed jiġri imma wieħed irid jirrispetta l-fatti, u l-fatti huma sagri.

Aħna ninnutaw f'pajjiżna ċerti sezzjonijiet ta' l-istampa u tal-*mass-media* li donnhom jesaġeraw fit-tifħir, donnhom għandhom ottimiżmu żejjed u għalhekk xi

darba forsi wkoll inisslu tamiet fiergħa u jwegħdu affarijiet li forsi huma utopiċi, jew huma diffiċli ħafna biex wieħed jakkwistahom. Dan huwa wieħed mill-iżbalji li jaqgħu fih ċerti ġurnalisti li għal raġuni jew oħra jaraw biss dak li huwa sbieħ u jipprovaw jinsew u jaħbu dak li huwa inqas sbieħ.

Minn naħa l-oħra jiżbaljaw ukoll dawk li donnhom waqgħu f'pessimiżmu eżaġerat, donnu li f'pajjiżna hawn xi seher li ma nistgħux neħilsu minnu li minħabba fih aħna sejrin lura bil-heden u minħabba dawn iċ-ċirkustanzi kważi kważi mexjin lejn sitwazzjoni tal-biki.

Forsi dawn iż-żewġ tendenzi, opposti għal xulxin, jeħtieġ li aħna noqogħdu attenti, biex insibu t-triq it-tajba. Dan għaliex l-importanti mhux li nitkellmu u ngħajtu imma li nfittxu r-realta` u nkunu oġġettivi. Il-fatti li għandhom imexxuna, u r-realta` jista' jkollhom aspetti negattivi u pożittivi. Bħal meta wieħed iħares lejn pittura, hemm mhux biss kuluri sbieħ u vivaċi imma hemm ukoll l-ombri u d-dellijiet. Għalhekk il-ġurnalist irid ikollu sens ta' proporzjon, sens ta' bilanċ, ma jridx iħares lejn naħa waħda biss u jinjora n-naħa l-oħra. Dan huwa l-parir li jista' jiswa lill-ġurnalisti ta' pajjiżna li jirraportaw il-fatti, kif ġraw u biex ma jitbegħdux mill-verita` jeħtieġ li jkunu informati tajjeb qabel ma jxandru ċerti aħbarijiet jew jagħtu ċerti ġudizzji u kritika dwarhom.

Fuq kollox, ladarba aħna lkoll ulied l-istess art li wellditna jeħtieġ li jkollna għal qalbna, iktar minn kull ħaġa oħra, il-ġid tal-pajjiż. Jeħtieġ ukoll li ma neħlux fil-passat, għaliex il-ħajja tkompli u tibqa' miexja u għalhekk tajjeb li l-ħarsa tagħna tkun lejn il-futur. Tajjeb

ukoll li aħna nikkontribwixxu u nikkoperaw flimkien, kulħadd kif jaf u kif jista' biex dan il-futur ikun dejjem aħjar, skond ir-riżorsi tagħna u fuq kollox bil-ħidma għalenija ta' kulħadd u mingħajr ma naqtgħu qalbna qatt mill-għajnuna t'Alla.

Dan għandu jkun l-atteġġjament ta' ġurnalist kattoliku jiġifieri filwaqt li jipprova jkun konkret iħalli l-fatti jiggwidawh u jipprova jagħmel kulma jista' biex il-poplu tagħna jkun iktar hieni, jgħix iktar fil-paċi u fl-għaqda kif jistenna minna l-Mulej bħala wliedu u membri tal-familja tiegħu.

27. QUDDIESA (TA' TALB) GĦAL RUĦ IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II
(8-04-2005)

F'għaqda spiritwali ma' ħutna l-insara tad-dinja kollha, inġbarna hawn biex infakkru l-Missier għażiż tagħna, il-Papa Ġwanni Pawlu II, li ħalla din l-art tmint' ijiem ilu, nhar is-Sibt 2 t'April 2005. Kif konna nħobbuh u nitolbu għalih matul ħajtu, hekk issa nuru lejh ir-rispett u l-imħabba tagħna fil-waqt li noffru għar-ruħ għażiża tiegħu, is-suffraġju tagħna.

F'dawn l-aħħar jiem, mill-mewt tiegħu 'l hawn, eluf ta' eluf tkellmu dwar il-Papa Wojtyla, u kellhom kliem ta' tifħir u rikonoxxenza għalih; iżda żgur li ma qalux kollox għaliex il-personalita` tiegħu fiha ħafna aspetti mill-isbaħ, u mhux possibbli issemmihom kollha u titkellem dwarhom kif jixirqilhom.

M' għandi ebda pretensjoni għalhekk, li f'dawn il-ftit minuti niddeskrivi l-ħajja u l-ħidma appostolika li wettaq il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-snin li dam imexxi l-Knisja. Nixtieq fil-qosor għalhekk li nagħmel biss xi riflessjonijiet dwar aspett jew tnejn ta' dak li għamel matul il-pontifikat tiegħu.

Kif deher anki mill-kummenti li saru fuqu fil-*mass-media*, u mill-eluf ta' nies li wrewh il-qima tagħhom fil-funeral tiegħu, il-Papa Wojtyla matul ħajtu rnexxielu jiġbed lejh il-qlub tal-bnedmin, ta' kull razza u ta' kull nazzjon, u fosthom quddiemnett iż-żgħażagħ. Hu żar

ħafna pajjiżi tad-dinja fosthom ukoll il-gżejjer tagħna. Resaq lejn kull kategorija ta' bnedmin, anki dawk li huma emarġinati mis-soċjeta`, bħal ma huma l-morda, il-foqra, il-lebbrużi, il-ħabsin. Ipprova jifhem il-problema tagħhom, niżel għal-livell tagħhom, tahom prova tar-rispett u l-imħabba li għandu lejhom, u għamel ħiltu biex jitfa' f'qalb kulħadd raġġ ta' tama u ta' serenita`.

Bil-kuraġġ kollu huwa wassal messaġġi biex ifiehem lill-popli dak li jista' jkun ta' ħsara għalihom ħalli jevitawh u dak li hu ta' ġid ħalli jħabirku għalih. Għalhekk huwa iddeplora ċ-ċivilta` ta' mibegħda u xandar iċ-ċivilta` ta' l-imħabba, ikkundanna l-kultura tal-mewt u ddefenda il-kultura tal-ħajja, wera stmerrija għall-vjolenza u għall-gwerer u faħħar is-solidarjeta` u l-koperazzjoni fost il-ġnus.

Huwa ma sabhiex bi tqila li jiftaħ djalogu ma' nies ta' kulturi differenti. Mexxa 'l quddiem l-ekumeniżmu fost dawk kollha li jemmnu fi Kristu, ippromova d-djalogu interreliġjuż fost dawk kollha li jemmnu f'Alla. Anki għall-atej u għan-nies ta' bla twemmin, kellu sejħat li setgħu jmissu l-kuxjenzi tagħhom. Ma qagħadx lura li jipproklama u jiddefendi b'kull mezz, il-jeddijiet fundamentali tal-bnedmin, fost l-oħrajn il-jedd għall-ħajja, u l-jedd għal-liberta`, speċjalment il-liberta` reliġjuża.

Bla mistrieħ, fittex dejjem il-verita`, li kienet għalih bħal dawl li jurih it-triqat li kellu jieħu. Mhux biss il-veritajiet dwar Alla, li fuqhom kien jimmedita ta' kuljum, iżda wkoll il-veritajiet dwar il-bniedem. M'humiex ħafna dawk li għarfu b'mod hekk ċar id-

dinjita` u l-kobor tal-bniedem, maħluq xbieha ta' Alla, daqs kemm għarafhom Ġwanni Pawlu II. Mill-banda l-oħra, huwa ntebah ukoll u xi drabi seta' jmiss b'idejh il-miżerja spirtwali u materjali li fiha jistgħu jsibu ruħhom il-kreaturi umani u din qanqlet f'qalbu ħniena liema bħala u ħeġġitu biex joffrilhom l-għajnuna tiegħu bħas-Samaritan it-tajjeb.

Fil-waqt li nammiraw id-dedikazzjoni tiegħu għall- ġid ta' l-umanita`, kif ammirawh u faħħruh eluf oħra ta' nies, xi whud minnhom mingħajr twemmin reliġjuż, aħna li għandna l-fidi, ma nistgħux ma nosservawx ukoll l-unjoni jew l-għaqda spiritwali tiegħu m'Alla. Mhux kulħadd jasal biex japprezza d-dimensjoni traxxendentali fil-ħajja tal-Papa Wojtyla, imma aħna li għandna l-fidi ma nistgħux nagħlqu għajnejna għaliha, għad li ftit minna jistgħu jkejjlu l-profondita` tagħha. Anzi naslu biex ngħidu li l-għajn ewlenija ta' l-appostolat tiegħu u ta' l-enerġija tal-għaġeb li wera f'ħajtu kienet propju l-fidi tiegħu u l-unjoni tiegħu m'Alla. Huwa kien tabilħaqq il-"contemplativus in actione". Xhieda ta' dan huma d-diskorsi u l-kitbiet tiegħu, għaliex Ġwanni Pawlu II ttratta mhux biss dwar il-problemi soċjali, li jolqtu l-umanita`, iżda wkoll u ferm iżjed dwar ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla l-Ħallieq tiegħu, u dwar il-fidwa li kiseb għalina l-Feddej tagħna l-Iben t'Alla magħmul bniedem, Ġesu` Kristu Sidna.

Fl-ewwel enċiklika tiegħu Redemptor Hominis fin-numru 10 naqraw: "Il-missjoni fundamentali tal-Knisja f'kull żmien u partikolarment fi żmienna hi li tiddirieġi l-intelliġenza tal-bniedem, li tindirizza l-kuxjenza u l-esperjenza tal-ġens tal-bnedmin kollha,

lejn il-misteru ta' Kristu u tgħin lill-bnedmin kollha biex iħossu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum kemm tilħaq fil-fond il-Fidwa li ssir fi Kristu Ġesu`. Fl-istess ħin hija l-missjoni tagħha li tittratta dwar l-isfera tal-ħwejjeġ l-iżjed intimi tal-bniedem, l-isfera, nifħmu ngħidu, tal-qalb, tal-kuxjenza u tal-ġrajja tal-bniedem."

Ladarba qegħdin nitkellmu dwar ir-reliġjożita` tal-Papa, ma nistgħux inħallu barra d-devozzjoni mħeġġa tiegħu lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Fil-pajjiżi li mar fihom, ma kienx jonqos li jżur is-Santwarji tal-Madonna, u dan għamlu anki meta ġie fil-ġejjer tagħna. Biex ikompli jħeġġeġ fina lkoll din id-devozzjoni, qalilna fl-omelija li għamel fil-konċelebrazzjoni f'Ta Pinu: "Jalla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija, l-Omm tas-Sagra Familja ta' Nażaret u l-Omm ta' l-umanita` kollha fl-ordni tal-grazzja, bħala gwida żgura fost l-isfidi u l-provi tal-ħajja."

Il-Papa Ġwanni Pawlu II lilna l-kattoliċi, wlied spiritwali tiegħu għallimna ħafna u ħafna bi kliemu u bl-eżempju tiegħu sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Imma fuq kollox għallimna nħobbu l-Knisja, bl-imħabba ġenwina, li twassalna biex inkunu lesti li nemmnu fil-misteru tagħha, nitolbu għaliha, u jekk ikun hemm bżonn anki nissagrifikaw ruħna għaliha. Jalla dan it-teżor ta' tagħlim hekk prezzjuż jibqa' dejjem f'moħħna u f'qalbna biex idawwalna fit-toroq kollha ta' ħajjitna.

28. MINGĦAJR IS-SENS T'ALLA, JINTILEF IS-SENS TAD-DNUB
(24-04-2005)

Is-suġġett magħżul għal dan il-kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla għal din is-sena huwa: "Tpattija Ewkaristika għad-dnubiet ta' l-umanita`". Iżda meta nitkellmu dwar tpattija jew riparazzjoni jeħtieġ li wieħed qabel xejn ikun jaf u jemmen li jeżisti d-dnub u kemm huwa ikrah id-dnub u l-konsegwenzi gravi tiegħu. Il-għaliex jekk wieħed għalih id-dnub mhu xejn, allura ma jiddispjaċihx u lanqas ipatti għalih. Għandna d-dmir nagħmlu riparazzjoni għad-dnubiet ta' l-oħrajn meta niftakru kemm qtil, kemm aborti u tant delitti oħra jsiru. Imma din it-tpattija l-ewwel li rridu nagħmluha hija għad-dnubiet personali tagħna. Qabel naħsbu fid-dnubiet ta' l-oħrajn irridu bħal qisu mmorru quddiem mera spiritwali u naraw xi dnubiet hemm fil-kuxjenza tagħna. Barra minn hekk aħna nafu illi l-bniedem ħażin kemm huwa ħażin, għandu kemm għandu dnubiet, sakemm għadu ħaj dejjem hemm xi ċans ta' rijabilitazzjoni. S'intendi huwa jista' jasal għal dan mhux bil-ħila tiegħu biss imma bil-qawwa tal-grazzja. U għalhekk meta nsemmu l-midinbin, huma min huma l-midinbin, sewwa jekk jiġu minna u sewwa jekk imbegħdin, għandna nirrikmandawhom lill-ħniena nfinita` t'Alla. M'għandna qatt nsemmu l-iżbalji u d-dnubiet, ta' l-oħrajn biex nitkażaw bihom jew biex noħolqu l-iskandli. L-iżbalji ta' l-oħrajn għandna niftakru fihom, l-ewwelnett biex ma naqgħux aħna stess fihom għax żball li jagħmlu ħaddieħor nistgħu nagħmluh aħna wkoll u t-tieni biex

nagħrfu din il-ħtieġa li bl-imħabba u bl-opri tajba tagħna npattu għall-offiżi li jsiru lil Alla.

Iżda llum hawn nies li jaħsbu li l-bniedem jista' jsir infallibli bħal Alla u għalhekk xi whud jgħidu f' qalbhom: "jien sid tiegħi nnifsi u ma' rridx min jindaħalli". Aħna forsi ma' naslux s'hawnhekk imma li ninsew id-dnubiet tagħna u forsi nippruvaw nċekknuhom hija xi ħaġa komuni ħafna, Huwa ħafif tintebaħ bid-dnubiet ta' l-oħrajn imma daqxejn diffiċli tagħraf d-dnubiet tiegħek u bl-umilta` kollha tistqarrhom u titlob maħfra tagħhom. Għandna l-eżempju tal-profeta David illi kien għamel adulterju u wasal ukoll biex wettaq il-qtil. Madankollu ma' ħass xejn u kellu jmur quddiemu l-profeta Natan biex iċanfru u biex hu jidħol fih nnifsu u jagħmel penitenza.

Il-Papiet u fosthom il-mibki Papa Ġwanni Pawlu II jgħidulna li naqas is-sens tad-dnub għaliex naqas is-sens t'Alla u fejn is-sens t'Alla ntilef għal kollox intilef ukoll is-sens tad-dnub u għalhekk naraw ċerti delitti u delitti kbar. Il-kuxjenza ta' ċerti nies saret insensibbli u ma' tħoss xejn u għalhekk id-divorzju, is-separazzjonijiet fil-familji u l-ġlied u l-inkwiet u d-diskussjoniiet li ma' jagħmlux ħlief ħsara. Mela jekk irridu nagħmlu tpattija għad-dnub jeħtieġ li nibdew minn hawnhekk. Irridu nkunu sensibbli għad-dnub, nintebħu bid-dnubiet tagħna u ta' l-oħrajn. Nixtieq inżid ukoll li meta ngħidu sensibbilita` għad-dnub, ma nkunux nirriferu biss għal dawk li huma dnubiet ta' kommissjoni, bħalma huma li wieħed jidgħi u li wieħed jisraq imma ukoll sensibbilta` għad-dnubiet ta' l-ommissjoni, jiġifieri tat-tħollija tad-dmirijiet.

Hawn nixtieq ngħid kelma fuq ċertu periklu li hawnhekk għadu ma wasalx imma jista' jasal. Il-għaliex hemm qisu reliġjon ġdida, filosofija ġdida, anke qisu reliġjon ġdida li m'għandha x'taqsam xejn mar-religjon ta' Kristu. Xi whud qegħdin jgħallmu li permezz tal-psikoloġija u ta' ċertu 'training' tista' sseħħ fina transformazzjoni ġdida mill-qiegħ. Huma jgħidu li fil-bniedem hemm ċerta potenzjalita`, setgħa moħbija li ma jafx biha u allura hemm bżonn li jiskopriha, joħrogha biex ikun jista' jgħix iktar fil-liberta`. Hekk il-bniedem isir adult u ma' jkollux min imexxih għax jasal li jmexxi lilu nnifsu. Tant niddawlu u nibdew naraw ċar u nsiru perfetti illi l-bniedem, permezz tal-ħila tiegħu nnifsu, jikseb dinjita' iktar kbira u jikseb l-hena minn din id-dinja u għalhekk il-bniedem skond kif jgħidu dawn in-nies m'għandux bżonn ta'Alla, ta' Knisja u ta' saċerdoti. Din fl-aħħar mill-aħħar kienet it-tentazzjoni ta'Adam u Eva meta ntqal lilhom mix-xitan 'tkunu allat.' Fil-bniedem hemm ċerta kburija. U din it-tendenza li qed insemmi, dak li qed tipprova tagħmel lill-bnedmin - tipprova tagħtihom l-illużjoni li jaħsbu li huma allat. Dan il-moviment isejħulu 'New Age', l-epoka l-ġdida. Dan beda ġewwa Kalifornja, l-Amerika u xtered f'bosta pajjiżi li jqisu lilhom nfushom bħala moderni fl-Ewropa wkoll. Aħna bħala nsara nistgħu nirraġunaw b'dan il-mod? Din id-duttrina nistgħu aħna neħduha jew napplikawha għalina? Ma' nistgħux nċedu għal dan it-tagħlim żbaljat u għandna nkunu preparati għalih. Dan huwa tagħlim li huwa ispirat mis-suppervja. Il-bniedem donnu għandu fih tendenza naturali li jispikka u li jkun fuq l-oħrajn. Mentri l-Vanġelu ta' Kristu huwa messaġġ ta' umilta`, li aħna nagħrfu x-xejn tagħna, li niddependu għal kollox

fuq Alla u li niftakru fil-kliem ta' Kristu li jgħidilna 'mingħajri ma' tistgħu tagħmlu xejn'.

It-tagħlim ta' Kristu jgħidlna li aħna twelidna bid-dnub oriġinali. Hemm xi ħaġa li tiġbidna għall-ħażen. Nafu mill-esperjenza, kemm drabi niżbaljaw u kemm drabi nidinbu. Imma nafu wkoll li Kristu miet għalina, qam minn bejn l-imwiet biex aħna niksbu l-maħfra. Barra minn hekk nafu u dan tgħallimhulna l-Knisja Mqaddds li mingħajr il-grazzja ta' Alla ma' nistgħu nagħmlu xejn. Jeħtieġ li niskopru lil Kristu u l-grazzja tiegħu. Hemm bżonn li wieħed jindem minn dnubietu u jitlob maħfra għalihom. Kien għalhekk li Kristu waqqaf is-sagrament tal-qrar. Sfortunament anke nies f'pajjiżna qegħdin jitbiegħdu minnu. Il-qrar huwa wieħed mis-sinjali sbieħ tal-ħniena nfinita ta'Alla u għalhekk tajjeb li ma' nitbegħdux minnu.

Għalhekk ukoll jidħol dan id-dmir ta' riparazzjoni, irridu npattu għaliex la fina nfusna ma'nistgħu niċħdu li aħna bla dnub u lanqas fl-oħrajn. San Ġwann jgħidilna li min jgħid li huwa bla dnub huwa giddieb. Mela jeħtieġ li nirrikonoxxu li għandna d-dnubiet u fl-istess ħin nużaw il-mezzi li jagħtina Alla biex nfiequ mid-dnubiet.

Kif issir ir-riparazzjoni? Kull opra tajba tista' tiswa' biex inpattu. 'Tieklu u tixorbu għamlu kollox għal Mulej' jgħidilna San Pawl. Mela kollox jista' jkun mezz ta' riparazzjoni. Ix-xogħol tagħna, it-tbatija ,il-mard u anke l-istess ferħ tagħna għandna noffruh lil Alla. Imma għad li hemm ħafna mezzi ta' riparazzjoni, nistgħu ngħidu li l-aqwa mezz hija l-Ewkaristija, kif uriena Kristu nnifsu fid-dehriet tiegħu lil Santa Margerita Alocoque.

Fil-quddiesa lil Alla noffrulu l-aqwa adorazzjoni u rroddulu ħajr imma nagħmlulu wkoll att ta' riparazzjoni għall-offiżi ta' l-umanita`. Issa għal din is-sena li skond ix-xewqa tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II hija dedikata lill-Ewkaristija, għandna nfittxu wkoll li nindmu minn dnubietna, nitolbu maħfra tagħhom u mbagħad tajjeb li nikbru fl-imħabba tagħna lejn Ġesu` Ewkaristija.

It-talba tad-dixxipli ta' Emmaws hija sabiħa ħafna; 'Ibqa magħna Mulej".

Dan ma' jfissirx li Ġesu` m'għadux magħna imma jfisser li l-Mulej jagħmel li aħna nintebħu li huwa qiegħed fostna għaliex ħafna drabi Kristu qiegħed magħna u aħna ma' nintebħux. Dan qiegħed jiġrilna, Kristu qiegħed fostna u għandu l-messaġġi tiegħu fil-Vanġelu u fil-Knisja u aħna qegħdin nagħmlu ta' bir-ruħna torox.

It-talba tagħna għandha tkun 'Agħmel Mulej li aħna nintebħu li inti qiegħed fostna u magħna u hekk dejjem infaħħru l-Isem Imqaddes tiegħek.

29. IL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP
(27-04-2005)

Bħas-snin l-imgħoddija, anki din is-sena, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, l-ewwel ta' Mejju 2005, nixtieq inwassal il-messaġġ tiegħi lill-ħaddiema ta' kull kategorija, tal-moħħ u ta' l-id, ta' dawk ta' l-industrija u tas-servizzi, mhux biex insemmi affarijiet ġodda, iżda l-iktar biex għal darba oħra, nurihom li l-Knisja, tinteressa ruħha mill-problemi tagħhom, tirrispetta l-persuna tal-ħaddiema u tixtieq li tkunilhom ta' xi għajnuna.

Ċerti problemi jibqgħu jkarkru minn żmien għal żmien, u jiddispjaċini li l-inkwiet li tkellimt fuqu fis-sena 2004, għadu magħna. Meta semmejt xi kategoriji ta' nies li qegħdin ibatu inġustament u jeħtieġu min jgħinhom, ktibt dawn il-kelmiet "Fil-mument, qiegħda tinħass ħafna l-problema tal-qgħad, u tas-sensji li minħabba fihom, xi ħaddiema jitilfu l-impieg tagħhom, b'konsegwenzi koroh għalihom infushom u għall-familji tagħhom". Kont għamilt ukoll appell "sabiex isir kull sforz ħalli ma jonqosx l-livell ta' l-impiegi f'pajjiżna u sabiex kemm jista' jkun jittaffew it-tbatijiet li jġarrbu dawk li jisfaw vittmi tal-qgħad" (*Messaġġ ta' l-1 ta' Mejju 2004 lil Ħaddiema*).

Din is-sena xtaqt nitkellem fuq suġġett ieħor, li naħseb għandu jkun ħafna għall-qalb tal-ħaddiema jiġifieri l-ħarsien tas-saħħa fil-postijiet tax-xogħol.

Hija ħaġa tal-biki, meta tiftakar il-għadd tal-ħaddiema li mietu jew korrew gravement meta kienu fuq il-post tax-xogħol, oħrajn mietu qasir il-għomor minħabba kundizzjonijiet ta' ħsara għal saħħithom, fil-postijiet tax-xogħol; xi whud naqashom is-smigħ għax kien hemm ħsejjes esaġerati fejn jaħdmu, oħrajn bdew ibatu b'għajnejhom għax l-ambjenti fejn jaħdmu m'humiex imdawwlin sewwa, biex ma nsemmux ċerti perikli li jkunu fihom dawk li jkunu f'kuntatt mal-morda, u ċirkustanzi oħra ta' riskju għall-ħaddiema.

Is-saħħa hija don t'Alla mogħti lilna biex nieħdu ħsiebha u ninqdew biha għall-ġid tagħna nfusna u tal-proxxmu. Il-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem titolbu l-istess dinjita` tal-persuna tan-nies tax-xogħol, u sewwa min iħaddem kif ukoll dawk li jaħdmu għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa u jikkollaboraw biex ma jitqegħdux fil-periklu l-ħajja, is-saħħa u l-integrita` ta' dawk li jaqilgħu ħobżhom bix-xogħol tagħhom.

30. VALURI LI GĦANDNA NGĦOŻŻU
(22-06-2005)

Matul din is-sena eluf u eluf ta' nies minn Għawdex u minn Malta jiġu jżuru l-Madonna f'dan is-Santwarju għażiż tal-Madonnna ta' Pinu u wisq iktar f'dan il-jum li fih qegħdin niċċelebraw l-anniversarju tas-Sejħa tal-Madonna lil-Karmni Grima, jiġu nies devoti biex jagħtu qima lill-Omm Verġni. Aħna niġu hawnhekk bil-kuraġġ u bil-fiduċja u nersqu f'riġlejn il-Madonna b'tama sħiħa li hija tisma' t-talb li nagħmlulha għaliex nafu li hija omm setgħana u li tista tgħinna u hija ukoll omm kollha mħabba li b'għajnejha kollha ħniena mitfugħin fuqna, tgħinna fil-ħtiġijiet kollha tagħna. Hija omm u aħna wliedha. U bħala omm tagħna hija tixtieq li aħna noħorġu nixbħuha u li aħna nimxu fuq l-eżempju tagħha. Hija li bħal Kristu Binha kienet ta' qalb ħelwa u umli, kellha l-virtu` ta' l-umilta` u l-virtu` tal-manswetudni. Hija illi kienet safja f'qalbha, fi kliemha, u f'għemilha f'ħajjitha kollha, tixtieq li anke aħna ngħożżu dawn il-virtujiet evanġeliċi; l-virtu ta' l-umilta`, l-virtu` tal-manswetudni u l-virtu tas-safa. Imma jiena naħseb li ħafna drabi aħna 'l bogħod minn dak li tixtieq minnha l-Verġni Marija għaliex nagħtu ruħna għat-tilwim u forsi anke għall-ġlied.

Aħna nħarsu lejn Marija Ommna mhux biss bħala individwi imma wkoll bħala poplu nisrani, l-poplu ta' Malta u Għawdex li anke jiftaħar bil-fidi tiegħu. Imma jiena naħseb li f'ċerti affarijiet m'aħniex nagħtuha gost

lil din l-Omm tagħna tas-Smewwiet, għaliex qegħdin nħallu jidħlu fostna ċerta mentalita` u ċerti drawwiet li huma 'l bogħod ħafna minn dak li jgħallem Ġesu. U l-kelma li Marija għandha għalina hija l-istess kelma li Marija kellha għall-qaddejja fit-tieġ ta' Kana: 'Agħmlu dak kollu li jgħidilkom Ibni Ġesu`. M'aħniex nagħmlu dak li jrid Kristu. Qegħdin nitbiegħdu mill-valuri tal-Vanġelu. Ġralna jew qed jiġrilna bħalma ġralu l-poplu Lhudi, il-poplu magħżul ta'Alla li għamilha wisq mal-barranin u ħa ħafna drawwiet ħżiena li Alla kien jobgħodhom. U aħna xi drabi qegħdin napprovaw u naċċettaw ċerti prinċipji li Ommna l-Knisja Mqaddsa bl-awtorita` li taha Kristu tikkunndanahom u tipprojbihom. Naqas ħafna r-rispett lejn il-ħajja tal-bniedem. Meta ngħidu l-ħajja tal-bniedem, aħna nifhmu l-ħajja mill-bidunett sa l-aħħar jiġifieri mit-tnissil tal-bniedem sal mewt naturali tiegħu. U għalhekk ċerti nies jitkellmu kif ġie ġie fuq ċerti esperimenti u ċerti interventi kirurġiċi li forsi jsiru bl-iskop li jfejjqu l-bniedem imma ma nistgħux nużaw mezzi illeċiti biex nakkwistaw għan li fih nnifsu huwa tajjeb. U għalhekk jekk verament irridu li nkunu nsara u wlied għeżież ta' l-Imqaddsa Verġni Marija hemm bżonn li ċerti valuri tal-vanġelu bħalma huma l-valur tal-ħajja umana, il-valur tar-rispett reċiproku, il-valur tal-ħajja safja u l-valur tal-familja mibnija fuq imħabba ġenwina u awtentika, napprezzawhom iktar. Dawn huma kollha valuri illi jekk irridu nkunu devoti ta' Marija hemm bżonn inħarsuhom, niddefenduhom u fuq kollox ngħixuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Liema hija t-talba li nagħmlulha illum lill-Imqaddsa Verġni Marija f'din il-ġurnata tant għażiża għaliha. Naħseb li tixraq ħafna t-talba tal-liturġija; 'Lilna lkoll

għamilna mansweti, kasti u safjin. Mansweti biex nevitaw il-ġlied u t-tilwim, dak kollu li jifred u jaqla' l-inkwiet u li naħdmu u anke nissagrifikaw lilna nfusna biex ikollna l-paċi bejnietna. Importanti ħafna li bħala dixxipli ta' Kristu, aħna nuru li tassew inħobbu lil xulxin. Għamel ukoll li ngħożżu l-valur tal-kastita`, kulħadd skond l-istat tiegħu u li nbiegħdu minna dak kollu li jista' jkun ta' ħsara għall-ħajja spiritwali tagħna u ħafna drabi wkoll għall-ħajja tal-ġisem tagħna. Ħarisna o Marija mill-ħsara tal-pornografija li hija tabilħaqq saħta għall-poplu speċjalment it-tfal u ż-żgħażagħ, id-drogi u l-permissivita sesswali li m'għandha x'taqsam xejn ma' dak li għallem Kristu. Nitolbu għalina nfusna, għall-familji tagħna li ħafna minnhom jinsabu f'inkwiet kbir, għall-pajjiżna biex dawn il-valuri li għexet il-Verġni Marija jkunu wkoll il-valuri tagħna.'

31. MINISTERI GĦAS-SERVIZZ TAL-VERITA`
(24-06-2005)

L-ordinazzjoni hija ġrajja importanti mhux biss għall-individwi li jirċievu d-Djakonat u il-Presbiterat , imma hija okkażjoni speċjali għall-Knisja lokali u għall-Knisja Universali għaliex dawn huma ħaddiema ġodda fil-għalqa tal-Mulej. Nistgħu ngħidu li l-ordinazzjoni hija l-bidu ta' l-appostolat bħala ministri ordnati tal-Knisja fl-ordni tad-Djakonat u tal-Presbiterat. U x'nifhmu bil-kelma appostolat? Hafna ntqal dwar l-appostolat u dmir tan-nisrani li jwettaq xi forma ta' apostolat. Kien hemm min ħareġ b'din l-espressjoni "l-appostolat huwa l-ħajja tal-verita`". Meta wieħed jirrifletti ftit jara li din hija definizjoni tajba li forsi fi żminijietna neħtiġuha iktar minn qabel għax illum il-verita` bosta drabi hija ddisprezzata u ħafna nies jippruvaw idawwruha u jgħawwġuha kif ikun jaqbel lilhom. Għalhekk tajjeb illi aħna naraw il-ministeru saċerdotali u djakonali u l-appostolat minn dan l-aspett, bħala servizz għall-verita`. Niftakru illi dawn il-persuni ikkonsagrati li jridu jwettqu xi forma ta' appostolat għandhom ta' kuljum jersqu iktar mill-qrib lejn Kristu u jgħixu f'għaqda miegħu. Kien Kristu li qalilna mhux biss 'Jien il-verita` u l-ħajja' imma qalilna wkoll: 'il-verita` tagħmilkom ħielsa'. Quddiem Ponzju Pilatu Kristu xehed għall-verita` u qal: "Jien għalhekk twelidt u ġejt fid-dinja biex nagħti xhieda għall-verita` u kull min iżomm mal-veirta` jisma' l-kelma tiegħi". Għalhekk is-

saċerdot u d-djaknu fid-dinja tal-lum jeħtieġ li jfittex il-verita`, jħaddan il-verita`, jgħożż il-verita`, li jiddefendi l-verita` imma fuq kollox li jgħix il-verita` għaliex jekk huwa jġib isem ta' saċerdot u djaknu imma mbagħad il-ħajja tiegħu ma tkunx ħajja li tixraq lis-saċerdot u djaknu, dan it-tali ma' jkunx qed jgħix il-verita` imma jkun ġidba li tgħix u timxi fid-dinja.

Il-verita` hija ta' żewġ għamliet, il-verita` naturali u l-verita` sopranaturali u t-tnejn huma mportanti u neħtiġuhom għaliex huwa veru li s-saċerdot irid ikollu fih qalb li thobb, li tagħder u li thenn imma jkun żball jekk is-saċerdot jaħseb li jista' jirregola l-ħajja tiegħu u jorganizza l-appostolat tiegħu propju billi jimxi b'għajnejh magħluqa fuq il-passjonijiet tiegħu jew fuq l-emozzjoniet tiegħu. Hafna drabi s-saċerdot ikollu jirbaħ il-ġibdiet tiegħu u dak li jħoss f'qalbu biex ikun jista jagħmel is-sewwa u jimxi skond l-verita`. Ir-raġuni retta twassalna biex aħna nsibu diversi veritajiet importanti ħafna għall-ħajja tal-bniedem. U jien bħalissa għandi f'moħħi l-prinċipji tal-ħajja morali ta' l-imġieba tagħna u l-valuri li jagħmlu ġieħ lill-ħajja tal-bniedem. Illum il-ġurnata ħafna nies qegħdin jattakkaw u jeħduha kontra dawn il-prinċipji li fuqhom hija mibnija l-morali u l-etika nisranija speċjalment dawk il-prinċipji fundamentali li aħna nsibu fil-għaxar kmandamenti u li Kristu ġabarhom fi tnejn, li huma l-imħabba t'Alla u tal-proxxmu.

Imma barra mill-veritajiet li aħna nistgħu niskopruhom bid-dawl naturali tagħna hemm veritajiet oħrajn li huma l-veritajiet sopranaturali li aħna għandna nemmnu u nagħtu xhieda tagħhom quddiem l-oħrajn billi nxandruhom u ngħallmuhom lill-oħrajn.

L-ewwelnett, il-verita` sabiħa u konsolanti li Kristu huwa l-Feddej tagħna u r-Raġaj tagħna li aħna qegħdin nimxu warajh u nieħdu sehem minn din il-missjoni ta' Kristu bħala ragħajja ta' erwieħ oħra. It-twemmin li tgħallimna Ommna l-Knisja Mqaddsa u li missirjietna kienu jistqarru b'sinċerita u b'umilta` mill-aktar kbira m'għadux it-twemmin ta' ċerti nies li jaħsbu li dawn l-affarijiet għamlu żmienhom u huma ta' l-antiki. Mentri, dan ma huwa veru xejn , il-għaliex veritajiet fundamentali huma veritajiet perenni, veritajiet li jibqgħu dejjem, sħaħ, ġodda u meħtiega.

It-tieninett u fuq kollox is-saċerdot għandu jkollu fidi kbira u fiduċja fl-għajnuna t'Alla, fil-wegħda ta' Kristu: 'Jien nibqa' magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien" , fidi fil-qdusija tal-Knisja, fidi fil-missjoni divina li għandha l-Knisja f'kull żmien u f'kull pajjiż speċjalment fil-ġurnata tal-lum fejn ħafna jeħduha kontra l-Knisja, jieħdu gost,jikkritikawha u joħolqu kull xorta ta' persekuzzjoni. Il-għaliex f'ċerti pajjiżi, għad li għaddew elfejn sena l-persekuzzjoni kontra l-Knisja għadha sejra. Xi drabi mhijiex persekuzzjoni fl-apert imma hija persekuzzjoni ta' tfixkil-hija persekuzzjoni ta' propoganda negattiva, hija persekuzzjoni ta' min jipprova jirredikola ħwejjeġ mill-aktar qaddisa. Għalhekk is-saċerdot fi żminijietna jeħtieġ fidi qawwija li biha jaċċetta l-veritajiet rivelati. Fuq kollox jien nixtieq li llum lil dawn li ser jordnaw saċerdoti nirrikmandalhom fidi sħiħa fil-grazzja ta' l-istat tagħhom għaliex Alla lil kull bniedem jagħtih il-grazzji meħtieġa biex iwettaq il-missjoni tiegħu u wisq u wisq iktar lilna s-saċerdoti Alla jagħtina l-grazzja ta' l-istat. Imma rridu nagħmlu dmirijietna qabel xejn biex ikollna l-jedd nistennew l-għajnuna t'Alla. Jeħtieg li nevitaw l-

okkażjonijiet tad-dnub u noqogħdu attenti x'naraw, x'nisimgħu u fejn imorru. Barra minn hekk huwa meħtieġ it-talb għaliex Ommna l-Knisja Imqaddsa lid-djakni u lis-saċerdoti tpoġġilhom f'idejhom mhux biss il-missal biex ikunu jistgħu jqaddsu l-quddiesa imma ukoll l-brevjar biex jistgħu jitolbu ta' kuljum u f'diversi ħinijiet tal-ġurnata. Mingħajr talb ma nistgħu nagħmlu xejn, ma nistgħu mmorru mkien u ma nistgħu niksbu l-ebda frott spiritwali.

WERREJ

Daħla 3

PASTORALI

Id-Digriet Konċiljari Unitatis Redintegratio 5
u Nostra Aetate 6
Talb għall-mejtin u għall-vittmi tat-traffiku 9
L-Edukazzjoni Liturġika tal-Poplu 11
Iċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija 13
Jum il-Voluntarjat Nisrani 15
Jum il-Ħajja 16
10 snin wara s-Sinodu Djoċesan 18
Is-17 -il Ċentinarju ta' San Ġorġ 24
Rispett lejn il-postijiet sagri
Iż-żjara ta' l-Urna ta' SantaTereża 26
tal-Bambin Ġesu` 28
Is-17 -il Ċentinarju mil-mewt ta' San Ġorġ 32
Id-Devozzjoni tal-'Via Crucis' 34
'Insaħħu Twemmina' 36
Id-Domma ta' l-Immakulata Kunċiżżjoni 38
L-Appostolat Kateketiku 40
Is-Sena Ewkaristika - Sena ta' Grazzja 43
Is-Sbatax il-Ċentinarju ta' Santa Luċija 45
Dmirijiet lejn l-Ewkaristija 48
Il-Festa tal-Ħniena Divina

ĊIRKOLARI

1. It-Twettiq tal-Konċilju u l-Ekumeniżmu 50
2. Jum il-Ħajja Konsagrata 52
3. Is-Seba' Vista Pastorali 54
4. It-38 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 55

5. Iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II 57
6. *Follow Up* taż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II 58
7. Żjara tar-Relikwija tal-Beatu Nazju Falzon 60
8. L-10 Assemblea Ġenerali ta' l-Isqfijiet 61
9. Ġurnata ta' Talb speċjali għall-Paċi 62
10. Ġublew tad-Deheb ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi 63
11. Id-39 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 64
12. Iż-Żjara ta' Mons. Isqof fil-Brażil 66
13. Il-50 Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja 67
14. Ir-Rużarju fix-xahar ta' Ottubru 68
15. 40 Sena mill-Enċiklika 'Pacem in Terris' 70
16. Jum iċ-Ċentru Parrokkjali 72
17. Tliet Festi Liturġiċi 74
18. Is-7 Kungress Pastorali Djoċesan 76
19. L-Imġieba ta' l-Insara fil-Jum tal-Karnival 77
20. Il-Konsagrazzjoni lill-Qalb Immakulata ta' Marija 78
21. Iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Loreto 79
22. Il-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti 80
23. Ngħinu l-Vittmi tat-Tsunami 82
24. Il-Mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II 83

DISKORSI

1. Il-Ħajja Umana mhedda minn ħafna għedewwa 85
2. Il-Ġurnalisti attenti għas-sinjali taż-żminijiet 87
3. Ir-Randan m'għandux ikun żmien bħal kull żmien ieħor tas-Sena 89
4. Ir-Responsabbilita` tan-Nisrani fil-Familja u fuq ix-Xogħol 91

5. Inkunu Rikonoxxenti għar-Rigal tas-Saċerdozju 94
6. Il-Jedd tal-Knisja għal-Liberta` 96
7. L-Imħabbiet ta' Madre Margerita Debrincat 102
8. Ir-Responsabbilita` tal-Ħaddiema 106
9. Dak li jeħtieġu wliedna 109
10. Il-Formazzjoni tal-Kuxjenza 112
11. Iż-Żgħażagħ fil-Knisja u fis-Soċjeta` 114
12. Jum il-Ħajja 122
13. Il-Mixja tagħna lejn Kristu 124
14. Imbiegħdu minna l-mibegħda 128
15. Iż-Żjara tar-Relikwija ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu` 132
16. Xi jfisser Knisja Moderna? 135
17. Il-Knisja, Qaddejja ta' l-umilta` 140
18. Għall-Paċi Domestika 146
19. L-Ewkaristija u s-Saċerdozju, Rigali ta' Kristu 149
20. It-Tmermir tal-Valuri Morali 152
21. Il-Livell ta' l-Impiegi f'Pajjiż 155
22. Iħarsu d-Drittijiet t'Alla u tal-Knisja 157
23. Niċċelebraw, Naduraw u Nikkontemplaw l-Ewkaristija 160
24. Talb għall-Vittmi tat-Traffiku 164
25. Niċċelebraw il-Milied Nisrani 166
26. Ir-Rwol tal-Ġurnalisti fis-Soċjeta` 168
27. Quddiesa ta' Talb għal Ruħ il-Papa Ġwanni Pawlu II 171
28. Mingħajr is-sens t'Alla jintilef is-sens tad-dnub 175
29. Il-Festa ta' San Ġużepp 180
30. Valuri li Għandna ngħożżu 182
31. Ministeri għas-Servizz tal-Verita` 185